MT 2016 Nru 01

Rapport Speċjali

# Is-sistema tal-Kummissjoni għall-kejl tal-prestazzjoni fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa hija mfassla tajjeb u bbażata fuq *data* soda?

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-4000-2 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/79844 | QJ-AB-16-001-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-4049-1 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/71762 | QJ-AB-16-001-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-4029-3 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/986575 | QJ-AB-16-001-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2016
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Id-dijagramma fuq p. 14 hija riprodotta bil-permess ġentili tal-OECD.
©OECD (2003), Farm Household Income: Issues and Policy Responses, OECD Publishing, Pariġi. DOI: http://dx.doi.org/10.1787/9789264099678-en

MT 2016 Nru 01

Rapport Speċjali

# Is-sistema tal-Kummissjoni għall-kejl tal-prestazzjoni fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa hija mfassla tajjeb u bbażata fuq *data* soda?

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha, ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla I tal-Awditjar — immexxija mill-Membru tal-QEA Augustyn Kubik — li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' preżervazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Rasa Budbergytė, b'appoġġ mill-kap tal-kabinett tagħha, Tomas Mackevičius, u Maura McElhinney, attaché; Hèlder Faria Viegas, maniġer prinċipali; Sven Kölling u Blanka Happach, tim ċentrali, Ramona Bortnowschi, Els Brems, Antonio Caruda Ruiz, Vincent Ly-Sunnaram, Ioannis Papadakis, Maciej Szymura u Bertrand Tanguy, awdituri.



*Mix-xellug għal-lemin*: B. Happach, T. Mackevičius, S. Kölling, R. Budbergytė, H. Faria Viegas.

# Werrej



Paragrafu

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

I-X Sommarju eżekuttiv

1-17 Introduzzjoni

1-2 Objettivi ġenerali tal-PAK u tar-riforma tal-2013 fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa

3-5 L-objettivi tal-miżuri ffinanzjati mill-FAEG fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa

6 L-introjtu tal-bdiewa, l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli u l-istandard tal-għajxien

7-11 Is-sorsi ta' *data* tal-Kummissjoni għall-introjtu fl-agrikoltura

12-15 Kejl tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK fir-rigward tal-introjtu agrikolu

16-17 Awditi preċedenti tal-Qorti

18-24 Ambitu u approċċ tal-awditjar

25-87 Osservazzjonijiet

25-51 Il-Kummissjoni għadha ma stabbilixxietx sett komprensiv ta' *data* biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK relatati mal-introjtu tal-bdiewa

26-32 Il-Kummissjoni għad ma għandhiex informazzjoni rilevanti dwar l-introjtu tal-bdiewa fil-livell tal-UE

33-39 Il-KEA huma għodda importanti għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ekonomika tal-agrikoltura iżda għandhom limitazzjonijiet inerenti għall-valutazzjoni tal-miżuri tal-PAK

40-51 Il-FADN huwa sors stabbilit tajjeb ta' informazzjoni dwar l-introjtu u n-negozju tal-azjendi agrikoli kummerċjali, iżda għandu limitazzjonijiet

# Werrej



52-76 Il-Kummissjoni u l-Istati Membri mhux dejjem żguraw li d-*data* disponibbli dwar l-introjtu tal-bdiewa kienet ta' kwalità xierqa

54-58 Kien hemm dgħufijiet fil-ġestjoni tal-KEA mill-Kummissjoni …

59-76 … u f'xi Stati Membri kien hemm dgħufijiet fl-operat tal-FADN

77-87 Limitazzjonijiet fid-*data* disponibbli, objettivi vagi ta' ċerti miżuri tal-PAK u dgħufijiet fl-indikaturi tal-prestazzjoni għandhom impatt fuq l-abbiltà tal-Kummissjoni li tiddimostra dak li nkiseb

79-82 Pagamenti diretti jmorru għal ħafna objettivi li l-ilħuq tagħhom huwa diffiċli li jitkejjel …

83-87 … u l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-PAK relatati mal-introjtu tal-bdiewa ma jistgħux jintrabtu b'mod ċar mal-miżuri u mal-ilħuq reali tal-objettivi

88-100 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Anness I — L-għażliet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' pagamenti diretti mill-UE

Anness II — Kalkolu tal-introjtu agrikolu kif iddefinit taħt il-KEA

Anness III — Kalkolu tal-introjtu fil-qafas tal-FADN

Anness IV — Indikaturi tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-PAK

Anness V — Kriterji ta' kwalità li japplikaw għall-Istatistika Ewropea

**Risposta tal-Kummissjoni**

# Abbrevjazzjonijiet



**CMEF**: Qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni

**EU-SILC**: Statistika tal-UE dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien

**FADN**: Netwerk tad-*data* tal-kontabbiltà agrikola

**FAEG**: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

**FAEŻR**: Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

**FSS**: Stħarriġ tal-istruttura ta' azjendi agrikoli

**KEA**: Kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura

**OECD**: Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

**PAK**: Politika agrikola komuni

**TFUE**: Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

# Glossarju



**Azjenda agrikola**: unità b'maniġment uniku, li twettaq attivitajiet agrikoli fit-territorju tal-UE bħala l-attività primarja jew sekondarja tagħha. Bidwi jista' jkollu bosta azjendi agrikoli.

**Bidwi**: individwu li l-azjenda tiegħu tinsab fi ħdan it-territorju tal-UE u li jeżerċita attività agrikola indipendenti.

**Deprezzament**: telf fil-valur ta' assi minħabba li jiqdiemu jew użu tagħhom.

**Diżakkoppjar**: proċess ta' separazzjoni tal-pagamenti ta' għajnuna diretta mill-produzzjoni agrikola.

**Evalwazzjoni**: il-ġbir u l-analiżi perjodiċi tal-evidenza biex jiġu ffurmati konklużjonijiet dwar l-effettività u l-effiċjenza ta'"interventi". Interventi huma ġġudikati abbażi ta' riżultati u impatti fil-livell tad-destinatarji tal-politika.

**FADN**: netwerk tad-*data* tal-kontabbiltà agrikola, strument għall-evalwazzjoni tal-introjtu u l-attivitajiet kummerċjali ta' azjendi agrikoli kummerċjali u l-impatti tal-politika agrikola komuni. Dan huwa bbażat fuq id-*data* tal-kontabbiltà ta' kampjun ta' aktar minn 80 000 azjenda agrikola madwar l-Istati Membri kollha tal-UE.

**Indikatur**: Varjabbli li jista' jitkejjel u li jipprovdi informazzjoni utli li tgħin biex jiġi vvalutat sa liema punt ikun intlaħaq objettiv.

**Intervent (Pubbliku)**: "operazzjoni", "miżura", programm jew proġett imwettaq jew iffinanzjat minn awtorità pubblika.

**Introjtu intraprenditorjali agrikolu**: l-introjtu ġġenerat minn attivitajiet agrikoli wara t-tnaqqis tal-ispejjeż għal impjegati, imgħax għal kapital misluf u l-kera għall-art. Dan jista' jintuża biex jitħallsu fatturi proprji ta' produzzjoni li jappartjenu għall-azjenda (xogħol proprju, kapital propjru u art).

**Introjtu nett ta' azjenda agrikola**: indikatur tal-FADN, li jiddeskrivi l-ammont disponibbli biex jiġu rimunerati l-fatturi ta' produzzjoni proprji tal-azjenda. Dan jiġi kkalkulat billi l-pagi, il-kera u l-imgħax imħallsa mid-detentur jitnaqqsu mill-valur miżjud nett tal-azjenda agrikola.

**Introjtu ta' azjenda agrikola tal-familja**: indikatur tal-FADN li jiddeskrivi l-introjtu mill-agrikoltura f'azjendi b'ħaddiema tal-familja li ma jitħallsux, jiġifieri l-bidwi u l-membri tal-familja tiegħu.

**Introjtu ta' Unità Domestika Agrikola li Jista' Jintuża**: introjtu totali mis-sorsi kollha bit-tnaqqis tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji tal-assigurazzjoni soċjali.

**Introjtu ta' unità domestika agrikola**: introjtu tal-unitajiet domestiċi minn attività indipendenti fl-agrikoltura u minn attivitajiet mhux agrikoli. L-agrikoltura tista' ma tkunx is-sors prinċipali ta' introjtu.

**Introjtu tal-fattur agrikolu**: introjtu riċevut mill-fatturi li jintużaw fil-produzzjoni agrikola (art, xogħol u kapital). Dan jiġi kkalkulat billi l-valur tal-konsum intermedju, il-konsum tal-kapital fiss (deprezzament) u t-taxxi fuq il-produzzjoni jitnaqqas mill-valur tal-output agrikolu bil-prezzijiet bażiċi, u jingħadd il-valur ta' sussidji (oħra) fuq il-produzzjoni. Bħala regola ġenerali, dan ma jinkludix introjtu minn sorsi oħra (attivitajiet mhux agrikoli, salarji, benefiċċji soċjali, introjtu minn proprjetà).

# Glossarju



**KEA**: kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura, għodda bażika għall-analiżi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-agrikoltura ta' pajjiż. Dawn huma kont satellita tal-kontijiet nazzjonali.

**Konsum intermedju**: il-valur tal-oġġetti u s-servizzi kkunsmati matul proċess tal-produzzjoni (ma jinkludix id-deprezzament).

**Kontijiet nazzjonali**: kontijiet nazzjonali jinfurmaw dwar l-istruttura tal-ekonomija u l-iżvilupp tas-sitwazzjoni ekonomika ta' kull Stat Membru.

**Kontijiet satellita**: kontijiet imfassla abbażi tal-kontijiet nazzjonali biex jipprovdu informazzjoni kumplimentarja u kunċetti adattati għan-natura partikolari ta' settur ekonomiku, pereżempju l-agrikoltura.

**Monitoraġġ**: l-eżaminar regolari tar-riżorsi, l-output u r-riżultati ta' "interventi".

**Output Standard**: valur monetarju tal-produzzjoni grossa ta' azjendi agrikoli bil-prezzijiet mal-ħruġ mill-azjenda agrikola. Il-valur standard jiġi ddeterminat skont is-sitwazzjoni medja f'reġjun partikolari.

**Riforma tal-2003**: ir-riforma tal-PAK, li introduċiet id-diżakkoppjar tal-għajnuna diretta minn produzzjoni agrikola u għamlet il-pagamenti kundizzjonali fuq il-konformità ma' standards bażiċi li jikkonċernaw iż-żamma tal-art f'kundizzjoni tajba, l-ambjent, is-sikurezza alimentari, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti u l-benessri tal-annimali (magħrufa bħala kundizzjonalità).

**Riforma tal-2013**: ir-riforma tal-PAK għall-perjodu 2014-2020. Din għandha l-għan li tikseb distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-appoġġ disponibbli u tippremja bdiewa għal prattiki agrikoli sostenibbli permezz ta'"pagament ta' ekoloġizzazzjoni" speċifiku. Għandha l-intenzjoni wkoll li ttejjeb l-orjentazzjoni tal-agrikoltura tal-UE għas-suq, filwaqt li tipprovdi xibka ta' sikurezza biex tiddefendi l-bdiewa kontra inċertezzi esterni, u li tappoġġa aktar l-iżvilupp rurali fl-Istati Membri.

**Valur miżjud nett ta' azjenda agrikola**: indikatur tal-FADN, li jiddeskrivi l-valur totali tal-produzzjoni ta' azjenda agrikola flimkien ma' pagamenti diretti, mingħajr il-konsum intermedju u d-deprezzament. Dan huwa l-ammont disponibbli biex jitħallsu l-fatturi fissi kollha ta' produzzjoni ta' azjenda agrikola (art, xogħol u kapital).

# Sommarju Eżekuttiv



## I

L-introjtu u l-istandard tal-għajxien tal-bdiewa huma fokus partikolari tat-Trattat u tar-riforma tal-2013 tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Kważi terz tal-baġit tal-UE għadu ddedikat direttament jew indirettament biex jappoġġa l-introjtu tal-bdiewa u għalhekk jikkontribwixxi biex jiżgura standard ġust tal-għajxien għall-bdiewa.

## II

Il-qafas ġdid għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jeħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ikkombinat tal-miżuri tal-PAK fuq l-objettivi ddikjarati. Dan jeħtieġ mhux biss objettivi, miri u indikaturi definiti b'mod ċar, iżda wkoll biżżejjed informazzjoni statistika ta' kwalità tajba dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-agrikoltura u dwar l-introjtu tal-bdiewa.

## III

Dan ir-rapport jivvaluta jekk il-kejl tal-prestazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa huwiex imfassal tajjeb u bbażat fuq *data* soda. Il-Qorti eżaminat jekk il-Kummissjoni stabbilixxietx b'mod ċar id-*data* statistika meħtieġa, jekk din id-*data* kinitx ta' kwalità xierqa u jekk il-Kummissjoni ddefinixxietx indikaturi rilevanti.

## IV

Il-Qorti tikkonkludi li s-sistema tal-Kummissjoni għall-kejl tal-prestazzjoni tal-PAK fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa mhijiex imfassla tajjeb biżżejjed u li l-kwantità u l-kwalità tad-*data* statistika li ntużat biex jiġi analizzat l-introjtu tal-bdiewa għandhom limitazzjonijiet importanti.

## V

Il-Kummissjoni ma stabbilixxietx b'mod ċar id-*data* statistika meħtieġa biex tivvaluta b'mod effettiv il-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK li jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa. Ma hija disponibbli ebda *data* rappreżentattiva dwar l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli li jista' jintuża, li kieku tiffaċilita l-valutazzjoni tal-ilħuq tal-objettiv tat-Trattat li jiġi żgurat standard ġust tal-għajxien għall-bdiewa. Barra minn hekk, ma hemm ebda sistema affidabbli li tippermetti li jsir tqabbil bejn l-introjtu agrikolu u l-introjtu f'setturi oħra tal-ekonomija, li jista' jiġġustifika l-appoġġ mill-UE għall-introjtu għall-bdiewa.

## VI

L-għodod prinċipali attwalment disponibbli fil-livell tal-UE biex jitkejjel l-introjtu tal-bdiewa huma l-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura (KEA) u n-netwerk tad-*data* tal-kontabbiltà agrikola (FADN). Il-KEA huma s-sors prinċipali ta' statistika tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ globali tal-introjtu tal-bdiewa fil-livell makroekonomiku. Madankollu, il-potenzjal tagħhom għadu ma ntużax bis-sħiħ u huma ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni dwar fatturi importanti li huma rilevanti għall-introjtu tal-bdiewa, kif ukoll għall-valur ekonomiku kumplessiv tal-agrikoltura. Il-FADN huwa strument importanti għall-evalwazzjoni tal-PAK iżda għandu limitazzjonijiet, minħabba li dan ikopri biss azjendi kummerċjali u l-informazzjoni dwar l-introjtu hija inkompleta.

## VII

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri mhux dejjem żguraw li d-*data* użata għall-kejl tal-introjtu tal-bdiewa kienet ta' kwalità xierqa. Il-Qorti sabet dgħufijiet fil-ġestjoni mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri kemm għall-KEA kif ukoll għall-FADN. Barra minn hekk, il-proċeduri ta' garanzija tal-kwalità għall-KEA għadhom mhumiex kompletament effettivi, filwaqt li l-awditu identifika ċerti dgħufijiet fl-arranġamenti ta' garanzija tal-kwalità għall-FADN.

## VIII

Objettivi vagi ta' ċerti miżuri tal-PAK u n-nuqqas ta' linja bażi jagħmluha diffiċli li jiġi vvalutat jekk miżuri individwali tal-PAK immirati lejn l-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa laħqux l-objettivi tagħhom. Il-Kummissjoni lanqas għadha ma ddefiniet indikaturi rilevanti għal kejl effettiv tal-prestazzjoni. L-indikaturi li fuqhom il-Kummissjoni għandha tibni l-valutazzjoni tagħha mhumiex affidabbli biżżejjed jew mhumiex marbutin b'mod ċar biżżejjed mal-miżuri tal-PAK u, għalhekk, mhumiex utli biex juru jekk dawn ikkontribwewx b'mod effettiv u effiċjenti lejn l-effetti mixtieqa u naqqsux l-inugwaljanzi fl-introjtu.

## IX

Fir-rigward tad-*data* statistika dwar l-introjtu tal-bdiewa, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni:

(a) tiżviluppa qafas aktar komprensiv għall-forniment ta' informazzjoni dwar introjtu li jista' jintuża u għat-tqabbil tal-introjtu tal-bdiewa ma' introjtu f'setturi oħra tal-ekonomija;

(b) tiżviluppa aktar il-KEA sabiex il-potenzjal tagħhom ikun jista' jintuża aħjar;

(c) tiżgura li l-analiżi tal-introjtu tal-bdiewa tkun ibbażata fuq indikaturi li jieħdu kont tas-sitwazzjoni attwali tal-agrikoltura u fuq biżżejjed *data* konsistenti għall-benefiċjarji kollha tal-miżuri tal-PAK. Dan jista' jsir permezz tal-iżvilupp ta' sinerġiji bejn *data* amministrattiva eżistenti jew permezz tal-iżvilupp tal-FADN jew ta' għodod oħra tal-istatistika li huma adatti;

(d) ittejjeb l-arranġamenti attwali ta' garanzija tal-kwalità għall-istatistika tal-KEA u l-FADN, stabbiliti mill-Istati Membri.

## X

Fir-rigward tal-kejl tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK immirati lejn l-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa, il-Qorti tirrakkomanda li, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, il-Kummissjoni tiddefinixxi mill-bidu objettivi u linji bażi operazzjonali xierqa li l-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK tkun tista' titqabbel magħhom, tissupplimenta fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet tagħha l-qafas attwali ta' indikaturi tal-prestazzjoni b'*data* oħra rilevanti u ta' kwalità tajba biex jitkejlu r-riżultati miksuba, u tivvaluta l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri mfassla biex jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa.

# Introduzzjoni



## Objettivi ġenerali tal-PAK u tar-riforma tal-2013 fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa

### 01

Skont it-Trattat[1], l-objettivi tal-PAK jinkludu li tkabbar il-produzzjoni agrikola biex "tassigura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, partikolarment billi jkabbar il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura". Ir-riforma tal-PAK tal-2013[2] iffukat ukoll fuq l-introjtu agrikolu, fil-kuntest tal-objettiv tal-produzzjoni vijabbli tal-ikel, sabiex tikkontribwixxi għall-iżgurar ta' standard ġust tal-għajxien għall-bdiewa[3].

### 02

Il-miżuri tal-PAK huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG jew "Pilastru 1") u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR jew "Pilastru 2"). Taħt il-qafas finanzjarju pluriennali attwali, bejn l-2014 u l-2020 se jintefqu sa EUR 277 biljun (29 % tal-baġit totali tal-UE) mill-FAEG għal pagamenti diretti lill-bdiewa u għall-appoġġ tas-suq f'setturi agrikoli speċifiċi[4].

## L-objettivi tal-miżuri ffinanzjati mill-FAEG fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa

### 03

Ir-riforma tal-PAK tal-2003 mexxiet l-enfasi mill-appoġġ għall-produzzjoni (l-hekk imsejjaħ "diżakkoppjar") u introduċiet sistema ta' appoġġ għall-introjtu li kienet fil-biċċa l-kbira bbażata fuq il-livelli ta' għajnuna riċevuti minn bdiewa individwali matul perjodu ta' referenza. Ir-riforma tal-2013 kompliet tifred il-pagamenti mill-kuntest storiku tagħhom, filwaqt li mxiet gradwalment lejn pagamenti aktar uniformi għal kull ettaru fl-Istati Membri kollha tal-UE. Hija rristrutturat ukoll pagamenti diretti li, mill-2015 'il quddiem, huma disaggregati f'pagament bażiku għal kull ettaru għall-bdiewa kollha, "pagament ta' ekoloġizzazzjoni" li permezz tiegħu il-bdiewa jiġu ppremjati għal prattiki agrikoli speċifiċi li jitqiesu ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent, u pagament għal bdiewa żgħażagħ. Fi ħdan ċerti limiti, l-Istati Membri għandhom libertà sinifikanti u jistgħu jimmiraw aktar il-pagamenti sabiex jindirizzaw tħassib speċifiku dwar il-politika[5].

1 L-Artikolu 39(1)(a) u (b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (ĠU L 326, 26.10.2012, p. 47). Objettivi oħra tal-PAK stabbiliti fl-Artikolu 39 huma (c) li tagħmel is-swieq stabbli, (d) li tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-provvisti u (e) li tassigura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.

2 L-Artikolu 110(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

3 Ara wkoll il-preambolu għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

5 Għal ħarsa ġenerali lejn l-alternattivi magħżula mill-Istati Membri ara l-***Anness I***.

## 04

Għalkemm mhumiex iddikjarati b'mod partikolarment ċar fir-regolament[6], il-Kummissjoni tqis li ċerti elementi ta' politika huma relatati speċifikament mal-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa, b'mod partikolari ma' pagamenti diretti. Dawn il-pagamenti huma intenzjonati li jgħinu li l-biedja tibqa' stabbilita fit-territorju tal-UE billi jappoġġaw u jistabbilizzaw l-introjtu tal-bdiewa, biex b'hekk jiżguraw il-vijabbiltà ekonomika fit-tul tal-azjendi agrikoli u jagħmluhom inqas vulnerabbli għal varjazzjonijiet fil-prezzijiet. Barra minn hekk, billi pagamenti sħaħ isiru kundizzjonali fuq ir-rispett ta' standards bażiċi (magħrufa bħala kundizzjonalità) u billi japplikaw il-komponent speċifiku tal-"ekoloġizzazzjoni", dawn il-pagamenti għandhom jgħinu wkoll biex jiżguraw li l-agrikoltura tipprovdi beni pubbliċi għas-soċjetà.

## 05

Għalkemm finanzjarjament huma l-aktar importanti, il-pagamenti diretti mhumiex l-uniku strument li jaffettwa l-introjtu tal-bdiewa. Fil-livell tal-UE, dawn huma akkumpanjati minn miżuri ta' żvilupp rurali[7] u sett ta' miżuri tas-suq u miżuri ta' promozzjoni li huma mmirati lejn setturi agrikoli speċifiċi. Il-Kummissjoni tista' wkoll tintervjeni fi swieq speċifiċi fi żminijiet ta' kriżi billi tagħti aċċess limitat għal intervent f'forma ta' ħżin pubbliku jew privat, li jaffettwa l-prezzijiet tas-suq u għalhekk l-introjtu tal-bdiewa.

# L-introjtu tal-bdiewa, l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli u l-istandard tal-għajxien

## 06

Il-biedja tal-familja hija l-aktar mudell tal-biedja komuni fl-UE, fejn il-maġġoranza vasta tal-azjendi agrikoli għadhom immaniġġjati bħala azjendi individwali[8]. Azjendi bħal dawn huma tipikament ikkaratterizzati mill-użu estensiv ta' xogħol tal-familja. Is-sitwazzjoni tal-introjtu ta' dan it-tip ta' unità domestika agrikola tintwera fil-***Figura***. Il-leġiżlazzjoni tal-UE qatt ma ddefinixxiet il-kunċetti ta' "popolazzjoni agrikola", "livell ġust ta' għajxien" jew "qligħ" imsemmija fit-Trattat, iżda l-introjtu tal-unità domestika agrikola li jista' jintuża huwa element ewlieni għall-valutazzjoni tal-istandard tal-għajxien[9].

6 Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

7 Bħal miżuri ta' investiment jew pagamenti lil bdiewa f'żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra.

8 It-terminu "azjenda agrikola tal-familja" jintuża biex jirreferi għal kwalunkwe azjenda agrikola taħt il-maniġment ta' familja, fejn 50 % jew aktar tal-forza tax-xogħol agrikola regolari tikkonsisti minn ħaddiema tal-familja. Skont il-Eurostat, fl-2010, 97 % tal-azjendi agrikoli fl-UE kienu mmaniġġjati minn detenturi individwali.

9 Ara l-paragrafi 64 u 65 tar-Rapport Speċjali Nru 14/2003 dwar il-kejl tal-introjtu tal-bdiewa mill-Kummissjoni, l-Artikolu 33(1)(b) tat-Trattat KE (ĠU C 45, 20.2.2004, p. 1).

Figura

## Komponenti tal-introjtu ta’ unità domestika agrikola




*Sors:* L-OECD (2003).

## Is-sorsi ta’ data tal-Kummissjoni għall-introjtu fl-agrikoltura

### 07

Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-qafas tal-istatistika meħtieġ biex jitkejjel l-introjtu tal-bdiewa, filwaqt li l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha neċessarja għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri kkonċernati. Kemm jista’ jkun, l-informazzjoni meħtieġa għandha tkun ibbażata fuq sorsi ta’ *data* stabbiliti[10].

### 08

Is-sors prinċipali tal-Kummissjoni ta’ *data* ġenerali dwar il-popolazzjoni agrikola hija l-**Istħarriġ tal-Istruttura ta’ Azjendi Agrikoli** (FSS)[11], li jiġbor id-*data* dwar is-sitwazzjoni agrikola madwar l-UE għall-monitoraġġ tat-tendenzi u t-tranżizzjonijiet fl-istruttura tal-azjendi agrikoli Ewropej. Dan mhuwiex imfassal biex jiġbor *data* dwar l-introjtu agrikolu tal-bdiewa jew dwar l-appoġġ tal-UE ffinanzjat mill-FAEG.

10 L-Artikolu 110(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

11 Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar stħarriġ ta’ strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta’ produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (ĠU L 321, 1.12.2008, p. 14). L-aħħar FSS madwar l-UE kollha fil-forma ta’ ċensiment agrikolu twettaq fl-2010. L-istħarriġ kampjun li jmiss huwa ppjanat għall-2016.

## 09

Il-Kummissjoni tuża żewġ strumenti prinċipali ta' statistika biex timmonitorja attivitajiet ekonomiċi u introjtu minn attivitajiet agrikoli u ċerti attivitajiet kummerċjali relatati ma' azjendi agrikoli:

- il-**kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura (KEA)**, għodda bażika għall-analiżi tas-sitwazzjoni makroekonomika tas-settur agrikolu ta' pajjiż u tal-bidliet fl-introjtu agrikolu;
- in-**netwerk tad-*data* tal-kontabbiltà agrikola (FADN)**, għodda mikroekonomika li l-objettiv tagħha huwa li tivvaluta l-introjtu u l-attivitajiet kummerċjali ta' azjendi agrikoli kummerċjali.

## 10

Il-KEA huma kont satellita tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 95), li jipprovdu informazzjoni addizzjonali u jużaw kunċetti adatti għas-settur agrikolu[12]. Dawn isegwu metodoloġija speċifika u jiġu kkumpilati bl-użu ta' regoli u metodi speċifiċi[13]. Għal Stati Membri akbar, il-KEA jinqasmu ulterjurment f'kontijiet reġjonali. Il-ġbir u l-aggregazzjoni ta' *data* fil-livell nazzjonali huma ffinanzjati kompletament mill-Istati Membri, u l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika jew il-Ministeri tal-Agrikoltura huma responsabbli għall-ġbir ta' *data* u l-kalkolu tal-KEA nazzjonali. Il-Kummissjoni (Eurostat) hija responsabbli għall-istabbiliment tal-metodoloġija u l-aggregazzjoni tad-*data* fil-livell tal-UE.

## 11

Il-FADN huwa mfassal biex jistma l-introjtu ta' azjendi agrikoli kummerċjali bħala unità kummerċjali, li l-valur ta' produzzjoni tagħha, imkejjel f'output standard, jaqbeż ċertu soll ta' dak li jitqies bħala li jkopri l-akbar sehem possibbli ta' output agrikolu, erja agrikola u xogħol agrikolu ta' dawk l-azjendi mmexxija b'orjentazzjoni lejn is-suq[14]. Dan huwa l-uniku sors armonizzat ta' *data* ekonomika dwar l-azjendi agrikoli fil-livell tal-UE[15] u huwa mmaniġġjat mid-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali tal-Kummissjoni. Billi huwa bbażat fuq netwerks nazzjonali tad-*data* tal-kontabbiltà, l-Istati Membri jiffinanzjaw il-ġbir ta' *data* iżda l-Kummissjoni tħallas tariffa standard għal kull azjenda għad-*data* riċevuta mill-Istati Membri[16]. Attwalment, aġenziji nazzjonali ta' kollegament (korpi pubbliċi jew privati) jiġbru *data* mingħand aktar minn 80 000 azjenda agrikola fl-Istati Membri kollha. Il-parteċipazzjoni fl-istħarriġ hija volontarja. Id-*data* tintuża mill-Kummissjoni u minn ħafna partijiet interessati oħra, inklużi Stati Membri.

12 Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

13 Il-kalkolu tal-introjtu agrikolu taħt il-KEA jintwera fl-***Anness II***.

14 Il-kalkolu tal-introjtu taħt il-FADN jintwera fl-***Anness III***. Azjenda mhijiex identika għal unità domestika agrikola u huwa possibbli li bidwi wieħed jimmaniġġja bosta azjendi agrikoli.

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

16 Għas-snin tal-kontabbiltà mill-2010 sal-2014 il-Kummissjoni sa issa ħallset EUR 51.4 miljun f'tariffi standard.

## Kejl tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK fir-rigward tal-introjtu agrikolu

**12**
Kull miżura tal-PAK għandha tiġi mmonitorjata u evalwata sabiex titjieb il-kwalità tagħha u jintwera dak li tista' twettaq[17]. Il-kejl tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK b'relazzjoni mal-introjtu agrikolu huwa bbażat, fil-biċċa l-kbira, fuq l-informazzjoni li tinsab fil-KEA u fil-FADN, li għalhekk trid tkun sufficjenti u ta' kwalità tajba.

**13**
Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni trid tippreżenta r-rapport inizjali dwar l-implimentazzjoni tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, inklużi l-ewwel riżultati tal-prestazzjoni tal-PAK għall-2014-2020. It-tieni rapport li jinkludi valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-PAK se jiġi ppreżentat sal-31 ta' Diċembru 2021.

**14**
Bir-riforma tal-PAK tal-2013, il-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni (CMEF), diġà applikat għall-FAEŻR, ġie applikat ukoll għal miżuri ffinanzjati mill-FAEG[18]. Sabiex twettaq ir-responsabbiltà tagħha ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-miżuri ffinanzjati mill-FAEG, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi liema informazzjoni hija meħtieġa u tfassal pjan ta' evalwazzjoni pluriennali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *data* bħal din tkun ta' kwalità tajba u disponibbli fil-ħin.

**15**
Is-CMEF huwa bbażat fuq indikaturi standard sabiex jagħmel valutazzjoni komprensiva u regolari tal-progress, l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri meta mqabbla mal-objettivi. Il-Kummissjoni stabbilixxiet sett ta' indikaturi[19] biex tiddeskrivi l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-PAK (**indikaturi tal-produzzjoni**), biex tkejjel liema riżultati jinkisbu (**indikaturi tar-riżultati**) u biex turi l-impatt li dawn għandhom fuq l-ilħuq tal-objettivi ġenerali tal-PAK (**indikaturi tal-impatt**)[20].

17 Ara wkoll il-premessa 68 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013.

18 L-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

19 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 834/2014 tat-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni (ĠU L 230, 1.8.2014, p. 1).

20 Għal dettalji ara l-***Anness IV***.

## Awditi preċedenti tal-Qorti

16
Fl-2002, il-Qorti awditjat il-kejl mill-Kummissjoni tal-introjtu tal-bdiewa[21]. Dan l-awditu kkonkluda li l-istrumenti ta' statistika tal-UE ma pprovdewx informazzjoni eżawrjenti biżżejjed dwar l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli li jista' jintuża, u ma ppermettewx li ssir valutazzjoni tal-istandard tal-għajxien tal-komunità agrikola.

17
Fir-rapport annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2007, il-Qorti osservat, fir-rigward tal-kejl tal-introjtu tal-bdiewa, li l-Kummissjoni kienet ħadet għadd ta' inizjattivi rigward il-KEA u l-FADN[22]. Madankollu, il-Qorti qieset li statistika u indikaturi aktar kompluti kienu indispensabbli sabiex tiġi segwita, aktar mill-qrib, il-prestazzjoni tal-PAK li għalihom ġew iddedikati aktar minn żewġ terzi tar-riżorsi baġitarji għall-appoġġ għall-introjtu.

21 Ir-Rapport Speċjali Nru 14/2003.

22 Ir-Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2007, il-paragrafu 5.66 (ĠU C 286, 10.11.2008, p. 1).

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



## 18

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jeħtieġu informazzjoni ta' kwalità tajba dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-agrikoltura u l-introjtu tal-bdiewa. L-aktar riskju sinifikanti huwa n-nuqqas ta' informazzjoni statistika soda u ta' indikaturi rilevanti fil-livell Ewropew. B'mod aktar speċifiku, hemm riskju li l-indikaturi u l-kriterji għall-kejl tal-introjtu tal-bdiewa jistgħu ma jkunux definiti kif xieraq jew li *data* xierqa tista' ma tkunx disponibbli jew ma tkunx ta' kwalità tajba biżżejjed.

## 19

L-għan ta' dan l-awditu kien li jeżamina l-għodod tal-Kummissjoni għall-kejl tal-introjtu tal-bdiewa u l-użu li tagħmel minn *data* relatata mal-introjtu biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK immirati lejn produzzjoni vijabbli tal-ikel u l-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa. F'dan il-kuntest il-Qorti analizzat ukoll l-indikaturi tal-prestazzjoni komuni li l-Kummissjoni ddefinixxiet reċentement għal pagamenti diretti u għal miżuri oħra ffinanzjati mill-FAEG fir-rigward ta' objettivi speċifiċi tal-PAK[23]. L-għan ta' dan l-awditu ma kienx li jevalwa s-CMEF stess jew li jesprimi opinjoni kumplessiva dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' statistika tal-Istati Membri.

## 20

Il-mistoqsija kumplessiva tal-awditjar kienet:

**"Is-sistema tal-Kummissjoni għall-kejl tal-prestazzjoni tal-PAK fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa hija mfassla tajjeb u bbażata fuq data soda?"**

B'mod aktar speċifiku, l-awditu kellu l-għan li jwieġeb għall-mistoqsijiet li ġejjin:

- Il-Kummissjoni stabbilixxiet b'mod ċar liema *data* statistika hija meħtieġa għal valutazzjoni effettiva tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK li jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa?
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri żguraw li d-*data* użata għall-kejl tal-introjtu tal-bdiewa kienet dejjem ta' kwalità xierqa?
- Il-Kummissjoni ddefinixxiet indikaturi rilevanti li jippermettu valutazzjoni effettiva tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK li jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa?

23 Għall-kejl tal-prestazzjoni tal-miżuri ffinanzjati mill-FAEŻR, ara r-Rapport Speċjali Nru 12/2013 "Jistgħu l-Kummissjoni u l-Istati Membri juru li l-baġit tal-UE allokat għall-politika ta' żvilupp rurali jintnefaq tajjeb?" (http://eca.europa.eu)

## 21

Il-Qorti stabbilixxiet il-kriterji tal-awditjar tagħha abbażi tad-dispożizzjonijiet fit-Trattat[24] u r-regolamenti fis-seħħ[25].

## 22

Twettqu żjarat tal-awditjar saru fil-Kummissjoni u f'sitt Stati Membri[26]. Flimkien, dawn l-Istati Membri jammontaw għal aktar minn 50 % tal-valur miżjud gross tal-agrikoltura Ewropea u l-bdiewa f'dawn l-Istati Membri jirċievu aktar minn 50 % tal-baġit tal-UE għall-agrikoltura, primarjament fil-forma ta' pagamenti diretti.

## 23

Fil-livell tal-Kummissjoni, il-Qorti awditjat jekk il-proċeduri żgurawx li l-kumpilazzjoni tal-KEA u l-ġestjoni tal-FADN kienu f'konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea stabbiliti fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Eurostat[27]. Fl-Istati Membri miżjura, il-Qorti analizzat il-proċeduri fis-seħħ għall-ġbir ta' *data* u għall-garanzija tal-kwalità kemm fir-rigward tal-KEA kif ukoll fir-rigward tal-FADN. L-għan taż-żjarat fl-Istati Membri kien ukoll li jiġu identifikati prattiki tajbin f'termini tal-kejl tal-introjtu tal-bdiewa. Inġabret evidenza għall-awditjar u din ġiet eżaminata bi tqabbil mal-kriterji tal-awditjar, permezz ta' intervisti u l-analiżi ta' dokumenti u ta' *data*. Barra minn hekk, il-Qorti wettqet stħarriġ fit-28 Stat Membru kollha, rigward l-implimentazzjoni tal-KEA u tal-FADN.

## 24

Il-Qorti wettqet ukoll analiżi fl-uffiċċju u analiżi tal-qafas tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-prestazzjoni, rigward tal-objettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni relatati mal-introjtu tal-bdiewa. F'din l-analiżi kif ukoll fl-awditu tas-sistema tal-FADN, il-Qorti kienet assistita minn żewġ esperti esterni.

24 L-Artikolu 39 tat-TFUE.

25 Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikolutra fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27), ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164) u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

26 Il-Ġermanja, Spanja, Franza, in-Netherlands, il-Polonja u r-Rumanija.

27 Ara l-***Anness V***.

## Il-Kummissjoni għadha ma stabbilixxietx sett komprensiv ta' data biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa

**25**

Biex tindirizza l-kwistjoni ta' jekk il-Kummissjoni stabbilixxietx b'mod ċar id-*data* statistika meħtieġa, il-Qorti qieset jekk inkisbitx informazzjoni dwar l-aspetti kollha rilevanti għall-introjtu tal-bdiewa, jekk il-KEA kisbux biżżejjed *data* makroekonomika dwar l-introjtu tal-bdiewa u jekk il-FADN jinkludix biżżejjed *data* dwar l-introjtu fil-livell tal-bdiewa individwali.

## Il-Kummissjoni għad ma għandhiex informazzjoni dwar l-introjtu tal-bdiewa fil-livell tal-UE

### Ma teżistix *data* rappreżentattiva dwar l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli li jista' jintuża

**26**

L-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli li jista' jintuża jinkludi dħul mill-bejgħ ta' prodotti agrikoli, sussidji, dħul ieħor (introjtu relatat mal-azjendi agrikoli)[28] u introjtu ieħor[29]. L-introjtu li jista' jintuża huwa element ewlieni għall-valutazzjoni tal-istandard tal-għajxien tal-bdiewa, wieħed mill-objettivi prinċipali tat-Trattat.

**27**

Għadu ma ġiex żviluppat qafas tal-istatistika fil-livell tal-UE bex jipprovdi informazzjoni dwar l-introjtu tal-bdiewa u tal-unitajiet domestiċi tagħhom li jista' jintuża. Dan minkejja l-fatt li informazzjoni disponibbli tindika s-sinifikat dejjem jikber tal-introjtu li mhuwiex relatat ma' attività agrikola. Il-Kummissjoni wettqet żewġ studji tal-fattibbiltà dwar il-ġbir ta' *data* bħal din[30], li l-evalwazzjoni tagħhom kienet parti mill-programm statistiku 2008-2012 tal-Kummissjoni[31]. Madankollu, sa issa l-Kummissjoni għadha ma wettqitx evalwazzjoni bħal din, u lanqas ma ħadet azzjoni oħra biex ittejjeb l-għarfien tagħha dwar l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli li jista' jintuża.

**28**

*Data* dwar l-introjtu li jista' jintuża u l-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' unitajiet domestiċi inġenerali, inklużi unitajiet domestiċi agrikoli, hija disponibbli permezz tal-istatistika tal-UE dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (EU-SILC)[32]. Madankollu, l-għadd ta' unitajiet domestiċi agrikoli inklużi f'dan l-istħarriġ huwa ġeneralment żgħir wisq biex jinsiltu konklużjonijiet validi dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-bdiewa.

28 Introjtu minn attivitajiet oħra bi qligħ imwettqa bl-użu ta' riżorsi agrikoli.

29 Introjtu minn sorsi esterni, bħal pagi jew salarji minn attivitajiet oħra tal-bidwi jew tal-membri tal-familja.

30 Statistika tal-Iżvezja, *Feasibility study on collection of off-farm income data and data on other income* (Studju tal-fattibbiltà dwar il-ġbir ta' *data* dwar introjtu li mhuwiex ġej minn azjendi agrikoli u ta' *data* dwar introjtu ieħor), 2006; AgraCeas, *Feasibility study on the implementation of income of agricultural households sector (IAHS) statistics* (Studju tal-fattibbiltà dwar l-implimentazzjoni tal-istatistika dwar l-introjtu tas-settur tal-unitajiet domestiċi agrikoli (IAHS)), 2007.

31 Id-Deċiżjoni Nru 1578/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-Programm Statistiku Komunitarju 2008 sal-2012 (ĠU L 344, 28.12.2007, p. 15).

32 Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilll tas-16 ta' Ġunju 2003 jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) (ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1).

29
Barra minn hekk, id-*data* dwar l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli tinġabar speċifikament f'10 Stati Membri biss. Minbarra dan, l-approċċi għall-ġbir ta' informazzjoni bħal din u l-livell ta' dettall miksub ivarjaw b'mod sinifikanti fost dawn l-Istati Membri (ara l-***Kaxxa 1***). Din il-varjabbiltà ta' approċċi tillimita l-konklużjonijiet li jistgħu jinsiltu dwar dan l-introjtu u l-istandard tal-għajxien tal-bdiewa.

Kaxxa 1

### Statistika dwar l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli mħejjija minn Stati Membri individwali

*Data* dwar l-introjtu tal-unitajiet domestiċi agrikoli attwalment tinġabar fil-Bulgarija, id-Danimarka, Spanja, Franza, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit (l-Ingilterra). Madankollu, ma hemm ebda definizzjoni komuni ta' "unitajiet domestiċi agrikoli" u l-metodoloġiji applikati jvarjaw. Fin-Netherlands l-informazzjoni dwar l-introjtu ta' unitajiet domestiċi hija disponibbli għal aktar min-nofs l-azjendi agrikoli fil-kampjun tal-FADN (2013). Fi Franza, l-awtoritajiet jużaw id-*data* tal-FADN flimkien ma' informazzjoni mir-reġistri tat-taxxa biex jikkalkulaw l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli. Fil-Polonja, jintuża l-istħarriġ tal-EU-SILC u l-wiġġieba fil-FADN jintalbu jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar l-introjtu tal-unitajiet domestiċi tagħhom fuq bażi volontarja. Il-Bulgarija, Spanja u l-Finlandja jużaw biss l-istħarriġ tal-EU-SILC, li fih għadd relattivament żgħir ta' unitajiet domestiċi agrikoli.

## Ma hemm ebda sistema ta' referenza adegwata għat-tqabbil tal-introjtu tal-bdiewa mal-introjtu ta' setturi oħra tal-ekonomija

30
Huwa importanti li l-introjtu tal-bdiewa jitqabbel ma' introjtu f'setturi oħra tal-ekonomija jew mal-introjtu ta' gruppi soċjoekonomiċi speċifiċi li huma kumparabbli mal-bdiewa, sabiex jiġi ddeterminat sa liema punt dawn jistgħu jkunu żvantaġġati u għalfejn l-appoġġ għall-introjtu mill-UE huwa meħtieġ jew importanti għall-vijabbiltà tal-azjendi.

31
Skont il-Kummissjoni, l-istatistika disponibbli tindika li l-introjtu tal-bdiewa għadu sinifikattivament taħt l-introjtu medju fl-ekonomija totali[33]. Madankollu, din il-konklużjoni hija bbażata fuq tqabbil tal-introjtu li jiġi kkalkulat fuq bażijiet differenti, u li għalhekk huwa diffiċli li jitqabbel[34]. Tqabbil bħal dan jeħtieġ interpretazzjoni kawta biex jiġi evitat ir-riskju ta' konklużjonijiet mhux preċiżi dwar jekk, u fejn ikun il-każ, dwar sa liema punt l-introjtu tal-bdiewa huwa inqas mill-introjtu f'setturi oħra tal-ekonomija.

33 SEC(2011) 1153 final/2 tal-20 ta' Ottubru 2011 "Commission Impact Assessment, the Common Agricultural Policy towards 2020" (Valutazzjoni tal-Impatt mill-Kummissjoni, il-Politika Agrikola Komuni lejn l-2020), p. 18. Skont il-Kummissjoni, il-livell tal-introjtu fis-settur agrikolu għadu taħt il-50 % tas-salarju medju fl-ekonomija totali.

34 Fir-rapporti annwali tal-attività tagħha, il-Kummissjoni qabblet l-introjtu tal-fattur agrikolu għal kull unità ta' xogħol agrikola mal-prodott domestiku gross tal-UE *per capita*. Tqabbil ieħor użat mill-Kummissjoni huwa bejn l-introjtu intraprenditorjali agrikolu għal kull ħaddiem mhux imħallas u l-pagi u s-salarji grossi għal kull ħaddiem ekwivalenti għall-full time fil-bqija tal-ekonomija.

32
Id-daqsijiet tal-azjendi agrikoli u l-livelli ta' introjtu tal-popolazzjoni agrikola jvarjaw b'mod sinifikanti, bħalma tvarja wkoll id-diversità tal-azjendi. Il-medji użati mill-Kummissjoni biex jitqabbel l-introjtu għal kull daqs ta' azjenda agrikola, it-tip ta' azjenda agrikola u r-reġjun fil-FADN mhux dejjem juru l-punt sa fejn ċerti gruppi ta' bdiewa huma żvantaġġati meta mqabbla ma' oħrajn. B'riżultat ta' dan, dawn il-medji ma jistgħux jintużaw biex jgħinu jiddeterminaw jekk il-miżuri tal-PAK għall-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa jgħinux biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-introjtu.

## Il-KEA huma għodda importanti għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ekonomika tal-agrikoltura iżda għandhom limitazzjonijiet inerenti għall-valutazzjoni tal-miżuri tal-PAK

### Il-Kummissjoni ma żviluppatx aktar il-KEA sabiex tuża l-potenzjal tagħhom aħjar

33
Sa issa, il-Kummissjoni għadha ma adattatx il-KEA għall-istandards il-ġodda għall-kontijiet nazzjonali[35] u ma użatx il-potenzjal sħiħ tal-KEA billi żviluppathom aktar biex jipprovdu informazzjoni dwar ir-rwol tal-importazzjonijiet, dwar l-iżviluppi fid-domanda għal prodotti agrikoli (domestiċi jew barranin), dwar il-forniment għall-industrija tal-ikel, dwar il-konsum finali minn unitajiet domestiċi, dwar it-trattament speċjali tal-agrikoltura fis-sistemi fiskali jew dwar l-użu għal skopijiet lil hinn mill-ikel, bħall-produzzjoni tal-bijoenerġija. Madankollu, dawn l-elementi kollha huma fatturi importanti li jaffettwaw l-introjtu tal-bdiewa.

34
Il-KEA mhumiex imfassla biex jgħinu fl-analiżi tad-dipendenza ta' setturi speċifiċi fuq sussidji, u l-importanza tagħhom għal biedja vijabbli fir-reġjuni, għal tipi speċifiċi ta' produzzjoni jew għal gruppi soċjoekonomiċi speċifiċi ta' bdiewa. Ir-rwol tas-sussidji jintwera biss bħala aggregat li jinkludi l-appoġġ kemm tal-UE kif ukoll dak nazzjonali mogħti lill-bdiewa. Dan jillimita l-utilità tal-KEA li jipprovdu bażi għall-analiżi tal-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri tal-PAK fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa.

35 Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (SEK 2010) (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

## 35

Informazzjoni dwar prezzijiet u kera tal-art mhijiex biss importanti għall-kalkolu tal-introjtu tal-bdiewa iżda wkoll għall-valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri tal-PAK, minħabba li l-art hija l-fattur prinċipali ta' produzzjoni għall-agrikoltura. Barra minn hekk, pagamenti diretti huma fil-biċċa l-kbira relatati ma' art agrikola li tista' tinfluwenza l-prezzijiet tal-art u għalhekk l-effiċjenza u l-effettività tal-appoġġ[36]. Sa issa, għad ma hemmx bażi legali fil-leġiżlazzjoni tal-UE li tiżgura ġbir regolari ta' *data* dwar prezzijiet u kera tal-art fl-Istati Membri kollha u li din tkun ta' kwalità kumparabbli. Minkejja ċerti sforzi mill-Eurostat biex jiġbor *data* adatta, id-*data* disponibbli hija inkompleta u ma ssegwix metodoloġija komuni. Dan affettwa wkoll il-preċiżjoni tad-*data* rrappurtata fil-KEA[37].

## 36

Il-KEA juru riżultati tal-introjtu għal kull Stat Membru fl-intier tiegħu iżda mhux fil-livell reġjonali. L-Istati Membri jipprovdu *data* addizzjonali dwar l-introjtu reġjonali fuq bażi volontarja biss, iżda din mhijiex disponibbli għar-reġjuni rilevanti kollha tal-Istati Membri u, fejn disponibbli, tiġi pprovduta biss b'dewmien sinifikanti ta' sentejn. Dan inaqqas l-utilità tar-riżultati għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-introjtu reġjonali fl-agrikoltura.

## 37

Skont id-definizzjoni tagħhom, il-KEA jkejlu, fil-livell makroekonomiku, il-prestazzjoni u t-tkabbir ekonomiċi b'riżultat ta' attivitajiet tas-suq u tal-evoluzzjoni tagħhom matul iż-żmien. Dawn ma jinkludux beni pubbliċi pprovduti minn bdiewa lis-soċjetà. Il-forniment ta' beni pubbliċi bħal dawn huwa objettiv speċifiku importanti tal-miżuri bħall-"pagament ta' ekoloġizzazzjoni", li jammonta għal 30 % tal-pagamenti diretti mill-UE. Dan jenfasizza r-rwol multifunzjonali tal-agrikoltura, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għall-introjtu tal-bdiewa. Madankollu, il-punt sa fejn l-agrikoltura tipproduċi beni pubbliċi u l-evalwazzjoni tagħha mis-soċjetà jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti madwar ir-reġjuni u l-Istati Membri. Sa issa, il-Kummissjoni għadha ma qisitx li tiżviluppa aktar il-KEA u ma stabbilixxiet ebda strument ieħor biex ikejjel il-valur ekonomiku tal-beni pubbliċi prodotti mis-settur agrikolu fl-intier tiegħu.

36 Ara l-paragrafu 97 tar-Rapport Speċjali Nru 5/2011 "Skema ta' Pagament Uniku: Kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati biex titjieb il-ġestjoni finanzjarja soda tagħha", u l-paragrafu 74 tar-Rapport Speċjali Nru 16/2012 "L-effettività tal-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Erja bħala sistema transizzjonali li tappoġġa lill-bdiewa fl-Istati Membri ġodda" (http://eca.europa.eu).

37 Ara l-paragrafu 56.

## L-użu ta' ċerta informazzjoni tal-KEA mill-Kummissjoni jista' jitjieb

**38**

Il-KEA huma mfassla biex jipprovdu informazzjoni dwar bidliet fl-introjtu tas-settur agrikolu fl-intier tiegħu, aktar milli dwar livelli assoluti tal-introjtu, l-introjtu ta' azjendi agrikoli individwali jew l-unitajiet domestiċi involuti fl-agrikoltura. Fil-fatt, dawn mhumiex imfassla biex jinsiltu konklużjonijiet dettaljati fil-livell mikroekonomiku, bħal dwar il-vijabbiltà ekonomika ta' azjendi individwali u l-istandard tal-għajxien ta' unitajiet domestiċi agrikoli. Madankollu, fir-rapporti annwali tal-attività tagħha u r-rapporti annwali ta' informazzjoni statistika u ekonomika tagħha, il-Kummissjoni tuża l-informazzjoni tal-KEA fil-livell mikro billi tqabbel l-introjtu tal-fattur agrikolu għal kull ħaddiem[38] f'valuri assoluti bħala indikatur ewlieni tal-prestazzjoni. Madankollu, il-KEA mhumiex imfassla espressivament biex jipprovdu *data* dwar livelli assoluti tal-introjtu jew dwar il-livelli tal-introjtu ta' bdiewa individwali.

**39**

Il-Kummissjoni tuża l-indikatur "introjtu intraprenditorjali agrikolu"[39] bħala indikatur għal "introjtu ta' azjenda agrikola tal-familja"[40] u tqisu bħala l-eqreb indikatur għall-istandard tal-għajxien tal-bdiewa. Madankollu, din is-suppożizzjoni ma għadhiex tirrifletti r-realtà tal-agrikoltura fl-UE, minħabba li l-popolazzjoni agrikola tvarja b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri u ma għadhiex tinkludi biss azjendi individwali ("tal-familja") mmaniġġjati minn sidien waħdiena li ma jirċievu ebda pagament għax-xogħol tagħhom, iżda wkoll sehem sinifikanti ta' entitajiet legali jew gruppi ta' azjendi, li jagħmlu użu minn xogħol imħallas kważi esklussivament[41]. Dawn tal-aħħar spiss ikunu kumpaniji konvenzjonali (eż. investituri li jixtru meded kbar ta' art għal biedja intensiva), bħal f'setturi oħra tal-ekonomija. Għalhekk, ir-riżultati tal-introjtu fil-KEA ma jistgħux jiġu attribwiti b'mod ċar għal "azjendi agrikoli tal-familja" u ma jistgħux jitqiesu bħala indikatur għall-introjtu jew għall-istandard tal-għajxien ta' bdiewa individwali. Billi s-sehem ta' azjendi individwali madwar l-Istati Membri jvarja b'mod sinifikanti wkoll, ir-riżultati tal-introjtu, kif ipprovduti mill-KEA, mhumiex kumparabbli bejn l-Istati Membri[42].

38 L-introjtu tal-fattur agrikolu jirrappreżenta introjtu ġġenerat mill-biedja li jintuża biex jiġu rimunerati fatturi ta' produzzjoni mislufa jew mikrija (kapital, pagi u kera tal-art), u fatturi tal-produzzjoni proprji (xogħol, kapital u art proprji).

39 Dan huwa r-rimunerazzjoni għax-xogħol imwettaq mill-bidwi flimkien mal-introjtu li jifdal wara t-tnaqqis tal-ispejjeż għal xogħol imħallas, u jipprovdi informazzjoni dwar tendenzi fl-iżvilupp tal-introjtu agrikolu ta' negozji agrikoli indipendenti.

40 Ara l-***Anness III***.

41 Skont l-FSS tal-2010, entitajiet legali ħadmu 27 % taż-żona agrikola tal-UE. Is-sehem żdied b'mod sinifikanti mat-tkabbir tal-UE fl-2004 u fl-2007.

42 Ara wkoll il-punt 5.12 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 138/2004.

## Il-FADN huwa sors stabbilit tajjeb ta’ informazzjoni dwar l-introjtu u n-negozju tal-azjendi agrikoli kummerċjali, iżda għandu limitazzjonijiet

**40**

Il-FADN għandu l-għan li jiġbor *data* rappreżentattiva tal-kontibbiltà dwar azjendi agrikoli kummerċjali[43]. Huwa jista’ jipprovdi informazzjoni importanti u utli dwar il-prestazzjoni kummerċjali ta’ azjenda agrikola, għal kull settur agrikolu u għal kull klassifikazzjoni tad-daqs. Għalhekk dan huwa sors primarju ta’ informazzjoni għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK[44].

**41**

Wara r-Rapport Speċjali Nru 14/2003 tal-Qorti, il-Kummissjoni, f’kooperazzjoni mal-aġenziji ta’ kollegament tal-Istati Membri, qed tiżviluppa l-metodoloġija tal-FADN biex din tieħu kont tal-evoluzzjoni tas-settur agrikolu. Hija ħadet ukoll passi biex tqarreb ir-riżultati tal-FADN ma’ standards internazzjonali tal-kontabbiltà u tar-rappurtar finanzjarju.

### Indikaturi tal-introjtu ma jiħdux kont komplet tal-evoluzzjoni tal-azjendi fis-settur agrikolu

**42**

L-indikatur prinċipali tal-introjtu, tal-FADN, huwa “**valur miżjud nett ta’ azjenda agrikola**”. Dan huwa utli biex il-prestazzjoni tal-introjtu ta’ azjendi agrikoli titqabbel irrispettivament mill-forma organizzazzjonali tagħhom. Billi dan ma jiħux inkunsiderazzjoni l-ispejjeż ta’ fatturi esterni ta’ produzzjoni (eż. il-kera tal-art jew l-imgħax tal-bank), li ħafna bdiewa jkollhom iġarrbu, dan ma jistax jipprovdi biżżejjed informazzjoni dwar l-introjtu agrikolu reali tal-bdiewa jew dwar il-profittabbiltà tal-azjendi.

**43**

Storikament, il-FADN ġie mfassal biex jipprovdi informazzjoni dwar “azjendi agrikoli tal-familja” u indikatur importanti li jintuża huwa l-“**introjtu nett ta’ azjenda agrikola għal kull unità ta’ xogħol tal-familja**”, għal azjendi li jużaw ix-xogħol u l-kapital tad-detenturi u tal-familji tagħhom. Dan huwa kkalkulat biss għal azjendi li għalihom ġie rreġistrat xogħol tal-familja li ma jitħallasx. Madankollu, kumpaniji li jappartjenu għal detenturi uniċi jew għal grupp ta’ detenturi stabbiliti għal skopijiet fiskali, li huma simili għal azjendi agrikoli tal-familja f’kull forma ħlief dik legali, jiġu esklużi minħabba li dawn ma għandhomx xogħol mingħajr ħlas. Madankollu, strutturi bħal dawn jinstabu spiss f’ħafna Stati Membri, notevolment fil-Ġermanja, fi Spanja u fi Franza u l-esklużjoni tagħhom probabbilment toħloq distorsjoni fir-riżultati[45].

43 Azjendi li jaqbżu daqs ekonomiku minimu.

44 L-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-effetti tal-appoġġ dirett fuq l-introjtu u l-valutazzjoni tal-impatt għal “Il-PAK fid-dawl tas-sena 2020”, li t-tnejn twettqu mill-Kummissjoni fl-2011, huma essenzjalment ibbażati fuq *data* tal-FADN.

45 Fi Spanja aktar minn 30 % taż-żona agrikola tinħadem minn entitajiet legali, li ħafna minnhom huma stabbiliti għal skopijiet fiskali. Fi Franza entitajiet legali u gruppi ta’ azjendi jaħdmu 58 % taż-żona agrikola, u fil-Ġermanja aktar minn terz.

44
Barra minn hekk, ma hemm ebda indikatur tal-introjtu separat għal azjendi agrikoli organizzati bħala kumpaniji konvenzjonali, għalkemm entitajiet legali bħal dawn għandhom rwol prinċipali fis-settur agrikolu f'ħafna Stati Membri.

**Informazzjoni dwar introjtu ieħor tal-bdiewa li huwa relatat ma' azjendi agrikoli mhijiex kompluta**

45
Dħul minn investimenti finanzjarji, trasferimenti kapitali u l-effetti favorevoli tat-tassazzjoni fuq l-introjtu agrikolu jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-introjtu u s-sitwazzjoni finanzarja ta' azjenda u l-abbiltà tagħha li tirreaġixxi għal forzi fis-suq. Madankollu, il-metodoloġija attwali tal-FADN ma tiħux inkunsiderazzjoni effetti bħal dawn.

46
Ħafna bdiewa jużaw ir-riżorsi tal-azjendi tagħhom ukoll biex jinvolvu lilhom infushom f'attivitajiet bi qligħ lil hinn mill-produzzjoni agrikola primarja, jew inkella jiddiversifikaw l-attivitajiet kummerċjali tagħhom biex iżidu l-introjtu tagħhom. Eżempji ta' attivitajiet bħal dawn relatati ma' azjendi agrikoli huma l-ipproċessar tal-ikel fl-azjendi agrikoli, il-bejgħ dirett ta' prodotti, il-forniment ta' servizzi bl-użu ta' tagħmir agrikolu, il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli jew l-agrituriżmu. Attivitajiet bħal dawn jipprovdu introjtu addizzjonali, inaqqsu l-volatilità tal-introjtu u jagħmlu l-bdiewa inqas dipendenti fuq is-sussidji.

### L-enerġija rinnovabbli tista' tipprovdi sorsi addizzjonali ta' introjtu għall-bdiewa



© L-Unjoni Ewropea, *Sors*: Il-KE — Servizz Awdjoviżiv, Ritratt: L. Chamussy.

## 47

Informazzjoni aktar dettaljata dwar introjtu ieħor relatat mal-azjendi agrikoli inġabret biss mill-2014 'l hawn[46]. Madankollu, din l-informazzjoni hija inkluża biss fejn id-dħul u l-ispejjeż ma jistgħux jinfirdu minn attivitajiet agrikoli fil-kontijiet tal-azjendi. L-informazzjoni tibqa' inkompleta, minħabba li f'każijiet oħra din mhijiex inkluża, pereżempju meta attività bħal din tkun immaniġġjata f'unitajiet kummerċjali separati li jappartjenu għall-bidwi. Id-*data* miġbura lanqas ma hija rappreżentattiva, minħabba li azjendi bħal dawn attwalment mhumiex irrappreżentati biżżejjed fil-kampjun tal-FADN u, minħabba f'differenzi fit-trattament kontabilistiku, id-*data* mhijiex kumparabbli minn Stat Membru għal ieħor (ara l-***Kaxxa 2***). B'konsegwenza ta' dan, hemm stampa inkompleta tal-attivitajiet kummerċjali reali tal-bdiewa li huma relatati mal-azjendi agrikoli, u tar-rwol li sorsi addizzjonali ta' dħul għandhom fl-istabbilizzazzjoni tal-introjtu kumplessiv tagħhom.

46 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 385/2012 tat-30 ta' April 2012 dwar il-prospett tal-biedja li għandu jintuża għall-iskop li jiġu ddeterminati l-introjti tal-azjendi agrikoli u li tiġi analizzata l-ħidma kummerċjali ta' tali azjendi (ĠU L 127, 15.5.2012, p. 1).

Kaxxa 2

### Trattament inkonsistenti ta' introjtu ieħor tal-bdiewa li huwa relatat mal-azjendi agrikoli

Skont l-FSS tal-2010, aktar minn 30 % tal-azjendi fil-Ġermanja ddikjaraw li kellhom attivitajiet kummerċjali lil hinn mill-agrikoltura. Madankollu, l-element li jirregola l-klassifikazzjoni tal-introjtu fil-FADN huwa l-liġi fiskali nazzjonali, li skontha d-dħul operattiv li ma jiġix minn produzzjoni agrikola primarja jitqies biss bħala introjtu agrikolu f'limiti stretti. Jekk dawn il-limiti jinqabżu, id-dħul ma jiġix irreġistrat fil-FADN. Ħafna azjendi joperaw impjanti tal-bijogass u jipproduċu u jbigħu l-elettriku lill-grilja nazzjonali. Billi dan id-dħul huwa klassifikat bħala "mhux agrikolu", dan ma jitqiesx bħala relatat direttament mal-azjenda u ma jidhirx fir-riżultati tal-FADN.

Fi Franza, introjtu minn attivitajiet oħra bi qligħ relatati mal-azjenda agrikola bħall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, servizzi agrikoli, kiri ta' art jew bini (inkluż introjtu mill-kera għall-installazzjoni ta' parks eoliċi jew pannelli solari u l-bejgħ tal-elettriku) jiġu inklużi biss dment li dawn jitwettqu mill-istess azjenda u sakemm dment li d-dħul minn attivitajiet bħal dawn ma jaqbiżx ċertu ammont[47]. Jekk dan ma jkunx il-każ, dan ma jiġix inkluż fil-FADN. Fiż-żewġ każijiet il-FADN jirrifletti l-livell reali tad-diversifikazzjoni b'mod inkomplet biss.

Fin-Netherlands ġiet innutata prattika tajba, fejn il-ġbir ta' *data* dwar attivitajiet oħra bi qligħ tippermetti valutazzjoni aħjar tas-sitwazzjoni tal-introjtu tal-bdiewa. Skont ir-riżultati tal-FADN fl-2012 għall-Olanda, azjendi li kellhom attivitajiet oħra bi qligħ minbarra produzzjoni agrikola primarja rċevew medja ta' EUR 51 000 minn dawn l-attivitajiet.

47 Bħala regola, 30 % tal-fatturat annwali tal-azjenda jew inkella EUR 50 000, skont liema jkun l-inqas.

## Il-FADN mhuwiex imfassal biex ikun rappreżentattiv tal-benefiċjarji tal-PAK

### 48

L-istħarriġ li fuqu huwa msejjes il-FADN huwa mfassal biex jirrappreżenta l-akbar sehem possibbli ta' produzzjoni agrikola, żona agrikola u xogħol tal-azjenda agrikola għal dawn l-azjendi. Għal dan l-għan, l-azjendi kollha huma kklassifikati abbażi ta' valur tal-produzzjoni standardizzat li jirrifletti, f'termini ġenerali, il-valur tal-produzzjoni agrikola tagħhom. Madankollu, is-soll minimu ta' produzzjoni standard ivarja fost l-Istati Membri, bħalma tvarja wkoll il-kopertura tal-popolazzjoni agrikola u l-benefiċjarji totali tal-appoġġ mill-UE (ara t-***Tabella***).

### 49

Filwaqt li l-approċċ użat huwa ġġustifikat mill-perspettiva tal-Istati Membri, minħabba li d-daqs ekonomiku tal-azjendi jvarja b'mod sinifikanti madwar l-UE, dan jillimita t-tqabbil tal-introjtu bbażat fuq il-FADN fost l-Istati Membri. Pereżempju, għal azjenda bi produzzjoni standard ta' EUR 10 000 kull sena fi Spanja, ma hemm ebda *data* kumparabbli disponibbli fil-Ġermanja, fi Franza jew fin-Netherlands, minħabba li azjendi bħal dawn mhumiex inklużi fl-istħarriġ. B'konsegwenza ta' dan, informazzjoni armonizzata madwar l-UE hija disponibbli biss għal dawk l-azjendi li jaqbżu s-soll ta' produzzjoni standard annwali ta' EUR 25 000[48]. Għalhekk, it-tqabbil tal-introjtu medju għal kull ħaddiem fl-azjendi kollha inklużi fil-FADN jista' jwassal għal interpretazzjoni skorretta dwar is-sitwazzjoni tal-introjtu tal-bdiewa madwar l-Istati Membri.

### 50

Il-FADN ġie stabbilit biex josserva introjtu u operazzjonijiet kummerċjali ta' azjendi agrikoli. Madankollu, l-għażla tal-azjendi ma tiħux inkunsiderazzjoni jekk dawn humiex benefiċjarji tal-appoġġ tal-UE. Dan jista' jfisser li mhijiex disponibbli biżżejjed informazzjoni rappreżentattiva dwar l-effetti ta' miżuri speċifiċi ta' appoġġ mill-UE u dwar l-introjtu ta' gruppi speċifiċi bħall-bdiewa żgħażagħ[49]. Barra minn hekk, il-pagamenti diretti ma jitħallsux biss lil bdiewa kummerċjali iżda wkoll lil għadd sinifikanti ta' bdiewa part-time jew bdiewa ta' sussistenza li ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-FADN. Il-Kummissjoni ftit li xejn għandha għarfien dwar l-introjtu u l-attivitajiet ta' produzzjoni ta' dawn l-azjendi iżgħar, li jvarjaw minn 12 % tal-benefiċjarji ta' pagamenti diretti mill-UE fil-Bulgarija, sa 79 % fis-Slovakkja[50]. Dan jillimita l-konklużjonijiet li jistgħu jinsiltu mir-riżultati tal-FADN rigward l-effetti kumplessivi tal-miżuri ta' appoġġ fuq kategoriji differenti ta' azjendi[51].

48 Dan huwa s-soll applikat attwalment mill-Ġermanja, Franza (Kontinentali), il-Lussemburgu, in-Netherlands, is-Slovakkja u r-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Iskozja u Wales).

49 Dan japplika wkoll għal miżuri ffinanzjati mill-FAEŻR. Skont l-istħarriġ tal-Qorti, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Litwanja u n-Netherlands diġà jinkludu, speċifikament, azjendi agrikoli organiċi. Il-Ġermanja, l-Ungerija u l-Litwanja jagħtu attenzjoni partikolari wkoll lil entitajiet legali li jipproduċu parti importanti mill-produzzjoni agrikola tagħhom. L-Awstrija tagħżel speċifikament azjendi agrikoli fuq il-muntanji. L-Italja testendi l-kampjun tal-FADN b'mod sinifikanti biex tikseb *data* aktar preċiża dwar l-impatt tal-miżuri ta' żvilupp rurali.

50 Ara t-***Tabella***.

51 Fir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Greċja, l-għadd ta' benefiċjarji ta' pagamenti diretti kien saħansitra ogħla mill-għadd ta' azjendi mistħarrġa fl-FSS, minħabba li s-sollijiet għall-inklużjoni fl-FSS jeskludu, fil-biċċa l-kbira, azjendi iżgħar li ma għandhomx produzzjoni, jew li għandhom produzzjoni baxxa ħafna. B'konsegwenza ta' dan, għal għadd sinifikanti ta' benefiċjarji li jirċievu pagamenti mill-baġit tal-UE, mhux talli ma hemm ebda *data* dwar l-introjtu tagħhom, iżda lanqas ma hemm *data* strutturali dwarhom.

Tabella

## Il-kopertura mill-FADN tal-popolazzjoni agrikola u l-benefiċjarji tal-PAK

| Stat Membru | Azjendi fl-FSS tal-2010 | Soll Nazzjonali tal-FADN (f'EUR SO) | % ta' azjendi tal-FSS irrappreżentati mill-FADN | % ta' benefiċjari tal-PAK mhux irrappreżentati mill-FADN |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 42 850 | 25 000 | 72 % | 30 % |
| Il-Bulgarija | 370 500 | 2 000 | 31 % | 12 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 22 870 | 8 000 | 65 % | 39 % |
| Id-Danimarka | 42 120 | 15 000 | 68 % | 51 % |
| Il-Ġermanja | 299 150 | 25 000 | 65 % | 47 % |
| L-Irlanda | 139 900 | 8 000 | 74 % | 36 % |
| Il-Greċja | 723 010 | 4 000 | 44 % | ebda informazzjoni |
| Spanja | 989 810 | 4 000 | 53 % | 61 % |
| L-Estonja | 19 620 | 4 000 | 41 % | 55 % |
| Franza | 516 110 | 25 000[1] 15 000[2] | 57 % | 28 % |
| L-Italja | 1 620 900 | 8 000 | 49 % | 38 % |
| Ċipru | 38 860 | 4 000 | 26 % | ebda informazzjoni |
| Il-Latvja | 83 400 | 4 000 | 26 % | 67 % |
| Il-Litwanja | 199 930 | 4 000 | 27 % | 69 % |
| Il-Lussemburgu | 2 210 | 25 000 | 73 % | 20 % |
| L-Ungerija | 576 840 | 4 000 | 18 % | 45 % |
| Malta | 12 540 | 4 000 | 24 % | 37 % |
| In-Netherlands | 72 320 | 25 000 | 71 % | 25 % |
| L-Awstrija | 150 160 | 8 000 | 62 % | 26 % |
| Il-Polonja | 1 506 620 | 4 000 | 48 % | 50 % |
| Il-Portugall | 305 260 | 4 000 | 36 % | 53 % |
| Ir-Rumanija | 3 859 030 | 2 000 | 27 % | ebda informazzjoni |
| Is-Slovenja | 74 640 | 4 000 | 54 % | 33 % |
| Is-Slovakkja | 24 460 | 25 000 | 18 % | 79 % |
| Il-Finlandja | 63 880 | 8 000 | 61 % | 38 % |
| L-Iżvezja | 71 100 | 15 000 | 39 % | 57 % |
| Ir-Renju Unit | 186 650 | 25 000[3] 15 000[4] | 50 % | 50 % |
| **EU-27** | **12 014 740** | | | |

1 Franza kontinentali
2 Il-Gwadelup, Martinique u Réunion
3 minbarra l-Irlanda ta' Fuq
4 L-Irlanda ta' Fuq

*Sors:* il-QEA abbażi tad-*data* tal-Kummissjoni u tal-istħarriġ.

## 51

Barra minn hekk, informazzjoni dwar l-appoġġ mill-UE mill-FAEG mhijiex mistħarrġa fl-FSS u ftit Stati Membri biss għandhom numru ta' identifikazzjoni uniku għall-azjendi li jippermetti li d-*data* tal-FSS u tal-FADN tintrabat ma' *data* amministrattiva, bħal dik mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll dwar pagamenti ta' appoġġ u żoni maħduma. Rabta bħal din tippermetti li informazzjoni dwar l-appoġġ għall-introjtu mill-UE tiġi kkombinata ma' *data* dwar strutturi agrikoli u użu tal-art. Dan jgħin ukoll biex jinftiehmu aħjar il-fatturi li jiddeterminaw l-introjtu tal-bdiewa u jnaqqas ukoll il-piż amministrattiv fuq il-wiġġieba.

## Il-Kummissjoni u l-Istati Membri mhux dejjem żguraw li d-data disponibbli dwar l-introjtu tal-bdiewa kienet ta' kwalità xierqa

## 52

It-Trattat jistabbilixxi l-prinċipji bażiċi għall-istatistika Ewropea, li għandha tkun imparzjali, affidabbli, oġġettiva, xjentifikament indipendenti, kosteffettivi u kunfidenzjali[52]. Hemm elaborazzjoni ulterjuri dwar il-prinċipji fil-kodiċi ta' prattika tal-istatistika Ewropea li huwa osservat kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni. L-implimentazzjoni tiegħu huwa ffaċilitat minn qafas ta' garanzija tal-kwalità. Madankollu, la l-kodiċi ta' prattika u lanqas il-qafas ta' garanzija tal-kwalità ma huma obbligatorji. Il-kriterji speċifiċi li japplikaw għall-kwalità tal-informazzjoni statistika prodotta huma stipulati fl-***Anness V***.

## 53

Sabiex jiġi vvalutat jekk id-*data* dwar l-introjtu tal-bdiewa kinitx soda, il-Qorti awditjat l-arranġamenti stabbiliti sabiex jiġi żgurat, fost affarijet oħra, li l-kwalità tad-*data* statistika mill-KEA u l-FADN tkun tajba, kif ipprovdut fil-kodiċi ta' prattika tal-istatistika Ewropea.

52 L-Artikolu 338(2) tat-TFUE.

## Kien hemm dgħufijiet fil-ġestjoni tal-KEA mill-Kummissjoni…

### Il-Kummissjoni ma kellhiex biżżejjed informazzjoni aġġornata dwar il-metodoloġija u s-sorsi ta' *data* li l-Istati Membri jużaw għall-kompilazzjoni tal-KEA

**54**

L-informazzjoni dwar il-metodoloġija u s-sorsi ta' *data* tal-KEA (magħrufa bħala "inventarji") ipprovduta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri varjat b'mod sinifikanti f'termini ta' dettall u ta' kwalità, u ma kinitx ġiet aġġornata mill-2006 'l hawn, filwaqt li għal tliet Stati Membri ma kinux disponibbli inventarji bħal dawn. Fis-sitt Stati Membri miżjura kollha, il-proċeduri u s-sorsi ta' *data* għal beni materjali varjaw b'mod sinifikanti u ma għadhomx jaqblu mad-deskrizzjoni fl-inventarji. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma tistax tivverifika jekk informazzjoni statistika ppreżentata mill-Istati Membri hijiex armonizzata u kumparabbli biżżejjed, u għandha inqas kapaċità biex tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet u tiżviluppa linji gwida sabiex ittejjeb il-kwalità kumplessiva tal-informazzjoni statistika.

**55**

L-indikaturi prinċipali tal-KEA jqabblu l-introjtu agrikolu fil-livell tal-input tax-xogħol ta' persuni impjegati fl-agrikoltura (espressi f'unitajiet ta' xogħol agrikolu)[53]. Kwalunkwe bidla jew ineżattezza fil-kalkoli tal-input tax-xogħol taffettwa l-introjtu għal kull persuna impjegata u għalhekk tista' taffettwa b'mod sinifikanti r-riżultati tal-introjtu u l-interpretazzjoni tagħhom. Il-Eurostat ma kellux biżżejjed informazzjoni aġġornata dwar il-metodoloġiji użati mill-Istati Membri, li naqqas l-abbiltà tiegħu li jivvaluta l-preċiżjoni u l-kumparabbiltà tal-informazzjoni riċevuta. Barra minn hekk, is-sigħat tax-xogħol stabbiliti mill-Istati Membri varjaw bejn 1 600 siegħa annwali fi Franza u 2 120 siegħa fil-Polonja, li affettwa il-kumparabbiltà tar-riżultati wkoll.

53 Ikkalkulati billi l-introjtu globali jiġi diviż bl-għadd totali ta' persuni li jaħdmu fl-agrikoltura, jew bħala ħaddiema mħallsa jew inkella bħala bdiewa indipendenti.

### Ir-rappurtar tal-introjtu agrikolu lill-Eurostat kien affettwat minn nuqqasijiet …

**56**
Il-Qorti sabet diversi każijiet fejn id-*data* żvelata fil-KEA ma kinitx preċiża jew kumparabbli biżżejjed u li affettwat, b'mod sostanzjali, il-kalkolu tal-introjtu żvelat fil-KEA. Pereżempju, instabu inkonsistenzi fil-kontabbiltà għal ċerti prodotti bħal inbid u żejt taż-żebbuġ, kera ta' art agrikola, l-iżvelar ta' ċerti attivitajiet mhux agrikoli, kontabbiltà għal sussidji u l-kalkolu tal-introjtu intraprenditorjali agrikolu (ara l-***Kaxxa 3***).

**Kaxxa 3**

### Eżempji ta' nuqqasijiet fil-kalkolu tal-introjtu agrikolu

Fil-Polonja, l-uffiċċju tal-istatistika inkluda biss fil-KEA l-istima tal-kera li l-bdiewa ħallsu għal art li tappartjeni għall-istat, li ma kinitx tinkludi l-valur tal-art mogħtija b'lokazzjoni minn sidien privati tal-art, minħabba li dan mhuwiex magħruf mill-awtoritajiet. Madankollu, ibbażat fuq ir-riżultati tal-FADN, il-Qorti tistma li art bħal din tkopri madwar 61 % taż-żona agrikola mikrija fil-Polonja. B'mod simili, fir-Rumanija, l-uffiċċju tal-istatistika inkluda biss *data* dwar il-valur tal-art mogħtija b'lokazzjoni minn kumpaniji agrikoli iżda mhux minn bdiewa individwali.

Ħafna azjendi huma involuti fl-ipproċessar ta' beni agrikoli bħall-produzzjoni ta' ġobon, prodotti tal-forestrija, qtugħ tas-siġar għall-injam jew agrituriżmu. Il-valur ta' attivitajiet bħal dawn għandu jiġi inkluż fil-KEA, jekk dawn huma inseparabbli mill-attivitajiet agrikoli. Madankollu, għal ħafna Stati Membri ma hija disponibbli ebda *data* dwar il-valur ta' attivitajiet bħal dawn.

Fir-Rumanija l-uffiċċju tal-istatistika rreġistra s-sussidji relatati mal-erja fis-sena meta dawn tħallsu lill-bdiewa (ibbażat fuq il-ħlas). Skont l-istandards applikabbli, is-sussidji kellhom jiġu rreġistrati għas-sena meta l-bidwi introduċa l-applikazzjoni għall-għajnuna (prinċipju bbażat fuq id-dovuti).

Fi Franza, id-*data* dwar tariffi għal forom speċifiċi ta' agrikoltura minn gabillott ("fermage") imħallsa lil partijiet interessati sidien kienet skaduta u ma ttiħditx inkunsiderazzjoni b'mod korrett għall-kalkolu tal-introjtu intraprenditorjali agrikolu. Din il-forma ta' biedja tkopri aktar min-nofs l-erja agrikola użata Franċiża.

57
L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw *data* definittiva dwar l-introjtu sa tmiem Settembru tas-sena ta' wara[54]. Madankollu, l-Istati Membri spiss immodifikaw id-*data* tagħhom fi snin sussegwenti, fatt li kellu impatt materjali fuq l-introjtu ddivulgat fil-KEA[55]. Fil-biċċa l-kbira, l-aġġornamenti ġew spjegati mill-ħtieġa li jiġu kkoreġuti żbalji fid-*data* rrappurtata preċedentement, mid-disponibbiltà tardiva tad-*data* tas-sors jew mill-fatt li sorsi ta' *data* aħjar issa pprovdew informazzjoni aktar preċiża. Għalkemm ir-reviżjonijiet ta' *data* statistika huma proċedura standard fl-istabbiliment ta' statistika, l-aġġornamenti jenfasizzaw dgħufijiet fil-proċeduri għall-kompilazzjoni tal-KEA fl-Istati Membri u jnaqqsu l-affidabbiltà tal-indikaturi tal-prestazzjoni prinċipali tal-Kummissjoni għall-introjtu.

### Il-garanzija tal-kwalità mhijiex kompletament effettiva

58
Filwaqt li l-Eurostat għamel sforzi biex itejjeb il-kwalità tal-KEA, ma saret ebda valutazzjoni eżawrjenti u indipendenti dwar jekk l-Istati Membri stabbilixxewx qafas effettiv ta' garanzija tal-kwalità għall-ġbir u l-kompilazzjoni ta' *data* tal-KEA. Fl-2010, il-Eurostat nieda task force konġunta biex tidentifika l-indikaturi tal-kwalità tal-KEA u tiddefinixxi standards għar-rapporti dwar il-kwalità. Fl-2012, din ikkoordinat awtovalutazzjoni tal-korpi nazzjonali responsabbli għall-kompilazzjoni tagħhom. F'din l-okkażjoni, l-Istati Membri ntalbu jipprovdu l-valutazzjonijiet kumplessivi tagħhom tal-kwalità tad-*data* tal-KEA u jindikaw il-ħtiġijiet għal titjib. Il-Qorti osservat li f'dan l-eżerċizzju erba' Stati Membri[56] ma kinux ippreżentaw rapport, li ħalla lill-Eurostat mingħajr informazzjoni aġġornata u kompleta dwar il-kwalità tad-*data* tal-KEA ppreżentata.

## … u f'xi Stati Membri kien hemm dgħufijiet fl-operat tal-FADN

### L-implimentazzjoni teknika tal-istħarriġ tal-FADN tista' taffettwa l-kwalità tar-riżultati

59
B'mod ġenerali, tista' ssir distinzjoni bejn tliet sistemi ta' stħarriġ tal-FADN. Fi grupp wieħed ta' Stati Membri, l-aġenziji nazzjonali ta' kollegament tal-FADN jiksbu *data* minn ditti tal-kontabbiltà privati, li jżommu l-kontijiet ta' azjendi individwali u jużaw id-*data* wkoll għad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa fuq l-introjtu tal-bdiewa[57]. Fit-tieni grupp, l-aġenzija ta' kollegament hija involuta direttament fiż-żamma tal-kontijiet għall-iskopijiet tal-FADN u tinsab f'kuntatt dirett mal-bdiewa[58]. Fit-tielet grupp, l-aġenziji nazzjonali ta' kollegament jikkuntrattaw kolletturi privati tad-*data*, li jiġbru d-*data* direttament mill-azjendi[59].

54 L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 138/2004.

55 Għalhekk, il-korrezzjoni tal-2014 tar-riżultat tal-introjtu intraprenditorjali agrikolu għall-2012, wasslet għal żieda ta' 129 % għar-Rumanija, 104 % għad-Danimarka, 48 % għal-Lussemburgu, 27 % għall-Italja u 23 % għall-Belġju. Min-naħa l-oħra, l-introjtu naqas bi 23 % għall-Ġermanja u bi 12 % għal Franza. L-introjtu tal-fattur inbidel b'mod sinifikanti fil-Belġju (+12 %), fil-Ġermanja (-13 %), fl-Italja (+10 %), fil-Lussemburgu (+28 %), fil-Latvja (+43 %) u fin-Netherlands (+13 %).

56 Il-Belġju, il-Ġermanja, Ċipru u r-Renju Unit.

57 Eż. fil-Ġermanja u fi Franza.

58 Eż. fin-Netherlands.

59 Eż. fi Spanja, fil-Polonja u fir-Rumanija.

## 60

Sistema mmaniġġjata direttament tikkontribwixxi għal livell għoli ta' kwalità tad-*data*. Pereżempju, instabet prattika tajba fin-Netherlands, fejn il-ġbir ta' *data* huwa fdat lil istitut ta' riċerka li jieħu ħsieb ix-xogħol tal-kontabbiltà u għandu aċċess dirett għall-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-attivitajiet kummerċjali tal-azjendi. B'mod simili, fejn id-*data* tal-FADN hija dderivata minn *data* li tintuża għat-tassazzjoni, hemm inċentiv għal preċiżjoni akbar, billi l-kontabbiltà skorretta tista' tiġi penalizzata taħt il-liġi fiskali nazzjonali.

## 61

Taħt l-arranġamenti li nstabu fi Spanja u fir-Rumanija, il-kuntratturi rċevew ammont fiss għal kull prospett ta' biedja mwassal lill-uffiċċju ta' kollegament. Hemm riskju li jintagħżlu azjendi bi strutturi sempliċi sabiex jitnaqqas il-piż tax-xogħol għal kull azjenda, u għalhekk hemm riskju ogħla għall-kwalità tal-informazzjoni miksuba.

### Il-kwalità rappreżentattiva tal-kampjun tvarja b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri…

## 62

Il-Kummissjoni tapprova d-daqs tal-kampjun propost mill-Istati Membri iżda ma għandhiex biżżejjed dokumentazzjoni dwar kif dawn ikkalkulawh, liema suppożizzjonijiet saru u jekk il-kalkoli kinux f'konformità mal-prinċipji tal-istatistika. Informazzjoni kritika bħall-preċiżjoni tal-parametri u l-gradi ta' fiduċja użati ma tiġix ippubblikata jew analizzati minn esperti indipendenti biex tiġi vvalutata l-kwalità tal-pjanijiet ta' għażla.

## 63

Id-daqs tal-kampjun ivarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri u r-reġjuni, bħalma jvarja wkoll l-għadd ta' azjendi rrappreżentati minn azjenda fil-kampjun[60]. Madankollu, setturi agrikoli importanti jistgħu jkunu rrappreżentati b'mod insuffiċjenti fil-FADN. Eżempju ta' dan huma l-produtturi ta' inbid u għeneb, ta' frott u frott taċ-ċitru, ta' żebbuġ u diversi għelejjel permanenti fi Spanja li, meħudin flimkien, kienu jinkludu 0,8 % biss mill-azjendi fis-setturi rispettivi. Madankollu, dawn is-setturi ammontaw għal madwar 24 % tal-valur tal-produzzjoni totali tal-agrikoltura Spanjola.

60 L-għadd ta' azjendi rrappreżentati minn azjenda waħda fil-kampjun tal-FADN ivarja bejn 3 fil-Lussemburgu u 185 fir-Rumanija. Jista' jkun hemm varjazzjonijiet ħafna ogħla fid-diversi setturi u klassifikazzjonijiet tad-daqs.

## 64

Il-Kummissjoni tirrakkomanda l-għażla ta' azjendi ġodda b'mod aleatorju biex tiġi pprovduta l-aħjar kwalità rappreżentattiva statistika fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet dwar il-popolazzjoni. 11-il Stat Membru biss[61] għażlu azjendi ġodda b'mod aleatorju. Madankollu, fi Stati Membri oħra l-għażla mhux dejjem kienet trasparenti u ġiet ristretta bil-mod kif jiġi organizzat il-ġbir ta' *data*. Għalhekk, fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, fil-Polonja u fir-Rumanija l-proċess tal-għażla ddipenda b'mod sinifikanti fuq l-inizjattiva tal-uffiċċji tal-kontabbiltà jew tal-kolletturi tad-*data* li kellhom jidentifikaw "azjendi adatti" li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla. F'dan ir-rigward, fatturi suġġettivi jistgħu jinfluwenzaw l-għażla ta' azjenda li jista' jkollha impatt fuq il-kwalità rappreżentattiva tal-informazzjoni dwar l-introjtu li tinkiseb. Fi Spanja, dan irriżulta wkoll f'diskrepanzi sinifikanti fil-kopertura tas-subreġjuni mill-kampjun tal-FADN, fejn parti sinifikanti tal-pajjiż u tal-istruttura territorjali ma kinux irrappreżentati tajjeb. Dan għandu impatt ukoll fuq evalwazzjonijiet futuri ta' pagamenti diretti, minħabba li Spanja introduċiet sistema b'51 subreġjun li attwalment mhumiex koperti biżżejjed mill-FADN.

## 65

Il-parteċipazzjoni fl-istħarriġ tal-FADN hija volontarja. L-Istati Membri miżjura kellhom diffikultajiet biex isibu għadd adatt ta' azjendi għal kważi kull klassifikazzjoni tad-daqs rilevanti. Ċerti Stati Membri implimentaw inċentivi biex jirreklutaw azjendi u jikkumpensawhom għall-piż addizzjonali iżda l-Qorti sabet li dawn il-miżuri mhux dejjem kienu effettivi biex ikopru t-tipi kollha u l-klassifikazzjonijiet kollha tad-daqs rilevanti ta' azjendi[62].

## 66

Minkejja l-inċentivi fis-seħħ, fil-Ġermanja kemm azjendi żgħar u kemm azjend kbar ħafna huma rrappreżentati b'mod insuffiċjenti ferm fil-kampjun. Ġew osservati wkoll diffikultajiet fin-Netherlands fejn 78 % tal-azjendi ġodda magħżula rrifjutaw li jipparteċipaw. Fir-Rumanija, minħabba n-nuqqas ta' inċentivi speċifiċi fil-klassifikazzjonijiet kollha tad-daqs, setgħu jiġu rreklutati inqas azjendi milli kien mistenni, b'diffikultajiet partikolari għal azjendi żgħar ħafna u għal azjendi kbar ħafna. Madankollu, huwa importanti li tinkiseb *data* ta' kwalità tajba għall-klassifikazzjonijiet tad-daqs rilevanti kollha, billi s-sitwazzjonijiet f'azjendi kbar jew żgħar jistgħu jkunu differenti b'mod sinifikanti minn dawk f'azjendi agrikoli medji.

61 Id-Danimarka, l-Irlanda, l-Estonja, l-Italja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, is-Slovakkja, l-Iżvezja, il-Finlandja u r-Renju Unit. Is-Slovenja użat kampjunar aleatorji parzjalment.

62 Skont l-istħarriġ tal-Qorti, 14-il Stat Membru ħallsu tariffa lill-azjenda parteċipanti (il-Belġju (il-Fjandri), il-Ġermanja, il-Greċja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Iżvezja). Fil-Belġju (il-Fjandri), il-Kroazja, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Finlandja u r-Renju Unit, l-awtoritajiet jipprovdu aċċess privileġġat għal informazzjoni dwar il-prestazzjoni kummerċjali jew servizzi konsultattivi li jippermetti li l-azjendi jqabblu l-prestazzjoni tagħhom ma' dik ta' azjendi oħra.

### … u kien hemm nuqqasijiet oħra fil-ġbir tad-*data* tal-FADN

## 67

Id-*data* tal-FADN tiġi minn kontijiet b'entrati li jsiru sistematikament u regolarment matul is-sena tal-kontabbiltà. L-azjendi li jipparteċipaw fl-istħarriġ iridu jkunu lesti u kapaċi jżommu kontijiet agrikoli[63].

## 68

Fir-Rumanija, fejn azjendi individwali jammontaw għal madwar 70 % tal-kampjun tal-FADN, ir-riżultati kienu, madankollu, ibbażati b'mod estensiv fuq intervisti, billi azjendi żgħar, b'mod partikolari, ma mlewx ir-rekords kontabilistiċi kif meħtieġ. B'mod simili, fi Spanja, il-ġbir ta' *data* għal ħafna azjendi kien ibbażat b'mod estensiv fuq intervisti mal-bdiewa minflok fuq entrati kontabilistiċi sistematiċi. Dan inaqqas b'mod sinifikanti l-kwalità tal-informazzjoni rrappurtata u ma jippermettix li l-informazzjoni pprovduta tkun traċċabbli għad-*data* ta' appoġġ li fuqha tkun ibbażata.

## 69

Instabu wkoll inkonsistenzi għall-kalkolu ta' xogħol mhux imħallas ta' membri tal-familja, fejn il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-għadd ta' sigħat tal-membri tal-familja huwa tipikament stmat b'mod eċċessiv. Dan jista' jirriżulta f'valutazzjoni insuffiċjenti tal-introjtu għal kull ħaddiem u jaffettwa l-affidabbiltà tal-indikaturi.

## 70

Bħala regola, l-Istati Membri ppreżentaw id-*data* tal-FADN fi ħdan id-dati ta' skadenza regolatorji ta' 12-il xahar wara l-għeluq tas-sena tal-kontabbiltà[64]. Madankollu, il-kwalità tad-*data* mhux dejjem kienet kif mistenni mill-Kummissjoni u għal ċerti Stati Membri, kien meħtieġ xogħol estensiv ta' segwitu. Għalhekk, għas-sena tal-kontabbiltà 2012, il-Kummissjoni setgħet tippubblika biss ir-riżultati f'Novembru 2014, jiġifieri madwar sentejn wara t-tmiem tas-sena ta' referenza. Il-Kummissjoni ppruvat taċċelera l-proċess billi żżid it-tariffi mħallsa lill-Istati Membri[65], iżda mingħajr ma ttejjeb il-kwalità tad-*data*, dan probabbilment mhux se jqassar il-proċess b'mod sinifikanti. Jekk din is-sitwazzjoni tkompli, mhuwiex probabbli li d-*data* importanti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri adottati fir-riforma tal-PAK tal-2013 tkun disponibbli fil-ħin għar-rapport interim tal-2018.

63 L-Artikolu 2(e) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009.

64 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1915/83 tat-13 ta' Lulju 1983 dwar regoli dettaljati ta' implimentazzjoni dwar iż-żamma ta' kontijiet biex ikun determinat id-dħul ta' azjendi agrikoli (ĠU L 190, 14.7.1983, p. 25).

65 Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2012 tad-29 ta' Marzu 2012 li jiffissa l-ħlas standard għal kull prospett tal-biedja għas-sena tal-kontabbiltà 2012 tan-netwerk tad-*data* tal-kontabbiltà agrikola (ĠU L 92, 30.3.2012, p. 15), il-ħlas (tariffa) ammonta għal EUR 160 għal kull prospett tal-biedja validu. Mill-2015 'l hawn, l-Istati Membri jirċievu suppliment ta' EUR 5 għal kull prospett ta' biedja jekk dawn jippreżentaw id-*data* tal-kontabbiltà fi żmien 11-il xahar wara t-tmiem is-sena tal-kontabbiltà.

### Finanzjament insuffiċjenti mill-Istati Membri jista' jħalli impatt fuq il-kwalità tar-riżultati

71
It-tariffi, li l-Kummissjoni tħallas lill-Istati Membri, huma indipendenti mis-sistema għall-ġbir ta' *data* u l-ispejjeż reali mġarrba mill-Istati Membri. Il-FADN ġeneralment jiffunzjona aħjar fejn l-Istat Membru jkollu wkoll interess qawwi li jikseb *data* ta' kwalità tajba dwar l-introjtu u dwar il-prestazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli, u b'hekk jiżgura finanzjament suffiċjenti. Għalhekk, fin-Netherlands, il-FADN huwa mibni fuq sett kbir ta' *data* dwar attivitajiet kummerċjali ta' azjendi agrikoli, kif ukoll fuq aspetti ambjentali u soċjali, li jmur lil hinn minn dak li huwa attwalment meħtieġ fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, fil-Ġermanja, fi Franza u fil-Polonja, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom interess qawwi fil-funzjonament tas-sistema tal-FADN, billi r-riżultati jintużaw b'mod estensiv għall-analiżi tal-politika u tal-prestazzjoni tagħhom stess.

72
Għall-Istati Membri miżjura, il-biċċa l-kbira mid-dgħufijiet instabu fi Spanja u fir-Rumanija. It-tnejn li huma bħalissa għandhom diffikultajiet biex jipprovdu l-finanzjament nazzjonali meħtieġ. F'dawn l-Istati Membri, il-funzjonament tal-FADN jiddependi ħafna fuq finanzjament mill-UE. Fiż-żewġ Stati Membri l-użu tad-*data* għal skopijiet nazzjonali kien limitat ħafna. Fir-Rumanija, id-*data* tinġabar biss għall-iskop ta' rappurtar lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet ma kellhomx il-mezzi tekniċi meħtieġa u persunal kwalifikat biżżejjed biex issir analiżi ulterjuri tad-*data*. Minħabba l-libertà sinifikanti li l-Istati Membri għandhom fid-distribuzzjoni tal-appoġġ mill-UE, huwa madankollu indispensabbli għall-FADN, bħala l-aktar għodda importanti għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK, li jipprovdi riżultati ta' kwalità xierqa għal kull Stat Membru.

### Hemm dgħufijiet fl-arranġamenti formali ta' garanzija tal-kwalità għall-FADN

73
Il-FADN huwa mmaniġġjat mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, li huwa wkoll inkarigat bl-iżgurar tal-kwalità tad-*data*, flimkien mal-aġenziji nazzjonali ta' kollegament. Il-Eurostat huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-istatistika tal-Kummissjoni[66]. Fil-kuntest tal-FADN, l-ambitu tal-koordinazzjoni tal-Eurostat huwa ddefinit fi ftehim reċiproku[67]. Madankollu, dan il-ftehim ma jipprevedix rwol superviżorju għall-Eurostat.

66 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2012 dwar l-Eurostat 2012/504/UE (ĠU L 251, 18.09.2012, p. 49).

67 Il-memorandum ta' qbil tas-7.5.2015 bejn il-Eurostat u d-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali fil-qasam tal-istatistika.

74

Fl-Istati Membri miżjura, proċedura formali ta' garanzija tal-kwalità kienet stabbilita biss fin-Netherlands u kien hemmhekk biss li l-awtoritajiet ivvalidaw il-kampjun fir-rigward tal-popolazzjoni ta' bażi u ttestjawh regolarment bi tqabbil ma' suppożizzjonijiet. Fl-Istati Membri l-oħra, l-uffiċċji ta' kollegament wettqu kontrolli fuq il-plawżibbiltà tad-*data* riċevuta. Madankollu, bl-eċċezzjoni tal-Polonja, dawn ma ġewx ikkompletati b'kontrolli fuq il-post sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tax-xogħol tal-kolletturi tad-*data* jew tiġi traċċata l-informazzjoni pprovduta mir-reġistri ta' bażi.

75

Il-Kummissjoni hija konxja mill-problemi tal-prestazzjoni tal-FADN fi Stati Membri individwali[68]. Madankollu, sa issa għadha ma ġiet issettjata ebda skeda ta' żmien biex titjieb is-sitwazzjoni, u għad iridu jiġu indirizzati dgħufijiet sinifikanti bħall-kopertura inadegwata tas-setturi u l-klassifikazzjonijiet tad-daqs fl-Istati Membri kollha, in-nuqqas ta' inċentivi għar-reklutaġġ ta' azjendi f'ħafna Stati Membri u n-nuqqas ta' finanzjament.

76

Il-Kummissjoni qed tfittex li tindirizza dgħufijiet fil-FADN u, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, qed tesplora possibbiltajiet għal sistema ta' ġbir ta' *data* aktar kosteffiċjenti. Hija għandha wkoll l-intenzjoni li tuża l-FADN sabiex tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar indikaturi tas-sostenibbiltà fil-livell tal-azjendi agrikoli. Madankollu, huwa probabbli li mhux se jiġi implimentat titjib konkret qabel is-sena 2017 u d-*data* mhijiex se tkun disponibbli qabel tmiem l-2019. Dan jista' jkollu impatt fuq l-evalwazzjoni tar-riforma tal-PAK tal-2013.

## Limitazzjonijiet fid-data disponibbli, objettivi vagi ta' ċerti miżuri tal-PAK u dgħufijiet fl-indikaturi tal-prestazzjoni għandhom impatt fuq l-abbiltà tal-Kummissjoni li tiddimostra dak li nkiseb

77

*Data* mill-KEA u mill-FADN tifforma l-bażi tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK li huma mmirati lejn l-introjtu tal-bdiewa. Madankollu, valutazzjoni effettiva tal-prestazzjoni ma teħtieġx biss id-disponibbiltà u l-kwalità tad-*data* dwar l-introjtu tal-bdiewa, iżda wkoll objettivi, iddefiniti b'mod ċar mill-bidu, ta' miżuri u indikaturi speċifiċi għall-objettivi. Barra minn hekk, l-introjtu mhuwiex l-uniku objettiv tal-PAK u mhuwiex objettiv esklussiv tal-biċċa l-kbira mill-miżuri tal-PAK.

68 Il-Kummissjoni sabet ukoll nuqqasijiet sinifikanti fil-Greċja.

78
Il-Qorti analizzat jekk il-miżuri tal-PAK stabbilixxewx objettivi ċari mill-bidu sa fejn dawn huma relatati mal-introjtu tal-bdiewa. Ibbażat fuq dan, il-Qorti vvalutat jekk il-Kummissjoni ddefinixxietx indikaturi rilevanti li jippermettu valutazzjoni effettiva tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK fl-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa. Barra minn hekk, hija vvalutat jekk l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali humiex se jippermettu li jitkejjel il-punt sa fejn jintlaħqu dawk l-objettivi. L-analiżi tal-Qorti ġiet ikkorroborata wkoll mill-esperti.

## Pagamenti diretti jmorru għal ħafna objettivi li l-ilħuq tagħhom huwa diffiċli li jitkejjel…

79
Sabiex jiġu analizzati l-objettivi tal-PAK fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa, il-Qorti użat il-kriterji SMART — li l-objettivi għandhom ikunu speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u bi skadenza — stipulati fir-Regolament Finanzjarju[69].

80
B'mod ġenerali, azjendi agrikoli kummerċjali jiksbu l-introjtu tagħhom prinċipalment mill-bejgħ tal-prodotti tagħhom. Pagamenti diretti lil bdiewa huma, *per se*, dħul addizzjonali. Barra minn hekk, jista' jiġi mistenni li dawn ikollhom impatt ulterjuri fuq l-introjtu tal-bdiewa billi jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet kummerċjali tagħhom[70].

81
L-objettiv ġenerali tal-PAK ta' produzzjoni vijabbli tal-ikel u l-impatt tiegħu fuq l-introjtu agrikolu, sa issa għadu ma ġiex ikkonkretizzat f'miri li jistgħu jitkejlu. Lanqas ma huwa speċifikat kif miżuri individwali fi ħdan l-iskemi ta' pagamenti diretti għandhom jikkontribwixxu b'mod preċiż lejn l-ilħuq ta' dan l-objettiv kumplessiv, minħabba li la r-Regolament[71] u lanqas il-preambolu tiegħu ma jiddefinixxu l-objettivi speċifiċi tagħhom b'mod ċar biżżejjed, u ma hemmx linja bażi jew mira li l-prestazzjoni tagħhom tista' titkejjel magħhom. Barra minn hekk, ir-relazzjonijiet mal-objettivi l-oħra tal-PAK, bħall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, huma kumplessi u jistgħu jaffettwaw l-introjtu tal-bdiewa wkoll.

69 L-Artikolu 30(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

70 Skont il-Kummissjoni, fl-2012 il-proporzjon ta' pagamenti diretti meta mqabbel mad-dħul totali tal-azjendi kummerċjali fl-UE, kien ta' 11.2 %. Madankollu s-sehem ivarja b'mod sinifikanti minn azjenda għal oħra u minn Stat Membru għal ieħor. (EU Farm Economics Overview (Ħarsa Ġenerali lejn l-Ekonomija tal-Azjendi Agrikoli tal-UE) ibbażat fuq *data* tal-FADN tal-2012, p. 1).

71 Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013. Il-baġit disponibbli jirrappreżenta, fil-biċċa l-kbira, l-ammont ta' appoġġ mill-UE storikament imħallas lil bdiewa għall-kultivazzjoni ta' art jew it-trobbija tal-annimali (pagamenti akkoppjati).

## 82

Il-Kummissjoni tqis li l-pagamenti diretti, flimkien ma' miżuri oħra, għandhom fl-istess ħin jikkontribwixxu lejn l-ilħuq ta' bosta objettivi bħall-appoġġ għall-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi, it-titjib tal-produttività u l-kompetittività fl-agrikoltura u l-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi naturali u tal-azzjoni klimatika. Madankollu, minħabba n-nuqqas kumplessiv ta' ċarezza dwar x'inhuma mistennija li jiksbu l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PAK, huwa intrinsikament diffiċli li jiġi vvalutat, abbażi tal-indikaturi tal-prestazzjoni, jekk miżura laħqitx l-objettiv tagħha. Il-varjetà ta' għażliet li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu għall-implimentazzjoni ta' pagamenti diretti żżid il-kumplessità, minħabba li l-effetti fuq is-swieq agrikoli u l-inugwaljanzi fl-introjtu tal-bdiewa jistgħu jkunu differenti b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor.

### … u l-indikaturi tal-prestazzjoni tal-PAK relatati mal-introjtu tal-bdiewa ma jistgħux jintrabtu b'mod ċar mal-miżuri u mal-ilħuq reali tal-objettivi

## 83

L-indikaturi għandhom jippermettu li jiġu vvalutati l-progress, l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri tal-politika meta mqabbla mal-għanijiet[72]. Dawn għandhom ikunu rilevanti, aċċettati, kredibbli, li jistgħu jitkejlu u robusti u bbażati fuq informazzjoni statistika soda[73].

## 84

L-**indikaturi tal-impatt** huma mfassla biex juru l-effetti kkombinati tal-miżuri tal-PAK. Fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa, bħala parti mill-objettiv ġenerali tal-produzzjoni vijabbli tal-ikel, l-introjtu intraprenditorjali agrikolu u l-introjtu tal-fattur agrikolu huma l-aktar indikaturi tal-impatt rilevanti. Madankollu, dawn huma limitati li juru tendenzi u mhux valuri assoluti tal-introjtu, u ma ġewx stabbiliti linji bażi. Barra minn hekk, il-bidliet f'dawn l-indikaturi huma prinċipalment dovuti għal bidliet fil-prezzijiet u mhux għall-effett tal-miżuri tal-PAK. Dawn jistgħu wkoll ma jinfurmawx sa liema punt il-PAK laħqet l-objettiv tat-Trattat ta' standard ġust tal-għajxien għall-komunità agrikola, billi ma hemmx *data* adegwata disponibbli fil-livell tal-UE.

72 L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 834/2014 tat-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni (ĠU L 230, 1.8.2014, p. 1).

73 L-indikaturi għandhom kemm jista' jkun jissodisfaw il-kriterji "RACER": rilevanti, aċċettati, kredibbli, faċli u robusti: "Part III: Annexes to impact assessment guidelines" (Parti III: Annessi għal-linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt) (Il-Kummissjoni Ewropea, il-15 ta' Jannar 2009 - http://ec.europa.eu/smartregulation/impact/commission_guidelines/docs/iag_2009_annex_en.pdf).

85

Il-Qorti sabet ukoll li l-**indikaturi tar-riżultati** tal-Kummissjoni, sa fejn dawn huma relatati direttament mal-introjtu, huma rilevanti għall-objettiv ġenerali ta' produzzjoni vijabbli tal-ikel u għalhekk l-introjtu tal-bdiewa mill-agrikoltura. Madankollu, għal darb'oħra l-informazzjoni pprovduta mill-indikaturi mhijiex preċiża biżżejjed biex tiġi marbuta b'mod ċar biżżejjed mal-miżuri tal-UE, biex jintwera li dawn ikkontribwew għall-effetti mixtieqa (ara l-***Kaxxa 4***). Billi ma ġewx stabbiliti miri jew linji bażi, l-indikaturi ma jistgħux jipprovdu informazzjoni dwar diskrepanza possibbli bejn l-ilħuq mixtieq u dak reali tal-objettivi, u dwar jekk il-miżuri kkontribwewx biex titnaqqas din id-diskrepanza.

**Kaxxa 4**

## Dgħufijiet fl-indikaturi tar-riżultati tal-Kummissjoni relatati mal-introjtu tal-bdiewa

L-indikatur **sehem ta' pagamenti diretti annwali fl-introjtu agrikolu**, li jiġi kkalkulat abbażi tal-KEA, jenfasizza l-importanza ta' pagamenti diretti għas-settur agrikolu. Madankollu, id-*data* ta' bażi għal dan l-indikatur mhijiex affidabbli biżżejjed[74]. Barra minn hekk, is-sitwazzjonijiet li ġejjin joħolqu distorsjoni fl-indikatur: Jeżistu azjendi li jirċievu pagamenti diretti iżda li ma jipproduċux u għalhekk ma għandhom ebda introjtu agrikolu. Min-naħa l-oħra, f'xi Stati Membri sehem sinifikanti tal-introjtu agrikolu huwa ġġenerat minn bdiewa li ma jirċivux jew inkella jirċievu biss ammonti marġinali ta' pagamenti diretti[75]. Finalment, l-indikatur ma jiħux inkunsiderazzjoni t-tnaqqis fl-introjtu tal-bdiewa minħabba fiż-żieda fil-kera li tirriżulta mill-kapitalizzazzjoni tal-pagamenti diretti fil-prezzijiet tal-art. Barra minn hekk, lanqas ma huwa ċar jekk bidla fl-indikatur hijiex dovuta esklussivament jew prinċipalment għal miżuri speċifiċi tal-PAK, bidliet fis-swieq jew fatturi oħra.

L-indikatur **varjabbiltà tal-introjtu tal-azjendi agrikoli** jiddependi prinċipalment fuq il-volatilità tal-prezzijiet tas-swieq globali. Dan l-indikatur, li huwa kkalkulat abbażi tad-*data* tal-FADN, jista' jipprovdi informazzjoni rilevanti dwar l-effettività kumplessiva tal-pagamenti diretti biex itaffu l-effetti tal-instabbiltajiet tas-suq. Madankollu, l-indikatur mhuwiex sod biżżejjed għaliex ma jiħux inkunsiderazzjoni s-sussidji, it-taxxi u l-introjtu mhux agrikolu, li jista' jkollu rwol importanti biex jgħin lill-bdiewa jkampaw mal-volatilità tal-prezzijiet.

L-indikatur **valur miżjud għal produtturi primarji fil-katina tal-ikel** iħares lejn il-valur miżjud tal-produzzjoni agrikola primarja meta mqabbel ma' stadji oħra fil-katina tal-ikel, bħall-industrija tal-ipproċessar tal-ikel, innegozjanti jew is-supermarkets. L-indikatur mhuwiex robust biżżejjed, billi jistgħu jseħħu sitwazzjonijiet fejn l-indikatur jonqos, filwaqt li l-introjtu agrikolu jiżdied. Dan huwa l-każ, pereżempju, fejn ikun hemm domanda għolja għal prodotti ġodda tal-ikel, li jirriżulta fi prezzijiet ogħla tal-prodotti. F'dan il-każ is-sehem tal-bdiewa fil-katina tal-ikel probabbilment jonqos, għalkemm l-introjtu tal-bdiewa jista' jkun ogħla.

74 Ara l-paragrafu 38.

75 Fin-Netherlands, 39 % tal-produzzjoni agrikola ġiet prodotta minn azjendi li ma rċevewx pagamenti diretti.

86
L-indikaturi tal-Kummissjoni ma jqisux riżultati oħra li huma importanti għall-prestazzjoni tal-pagamenti diretti fir-rigward tal-introjtu. Pereżempju, ma hemm ebda indikatur tar-riżultati biex jipprovdi informazzjoni dwar kemm il-popolazzjoni agrikola tuża l-istrument tal-pagamenti diretti, dwar jekk il-pagamenti verament jaslux għand il-produtturi agrikoli u dwar jekk l-iskemi ġodda ta' pagamenti diretti jappoġġawx aħjar lil bdiewa b'introjtu baxx milli qabel ir-riforma.

87
Barra minn hekk, l-indikaturi ma jipprovdux informazzjoni dwar jekk il-pagamenti tal-UE kkontribwewx lejn l-ilħuq tal-objettiv tal-introjtu b'mod effiċjenti, minħabba li l-indikaturi ma jistgħux juru jekk livelli jew forom oħra ta' appoġġ mill-PAK jistgħux jaffettwaw l-introjtu agrikolu bl-istess ammont u għall-istess spejjeż baġitarji, jew li miżura speċifika kienet immirata biżżejjed biex tindirizza falliment tas-suq bl-aktar mod effiċjenti.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet



**88**
Il-produzzjoni tal-ikel, l-introjtu u l-istandard tal-għajxien tal-bdiewa huma fokus partikolari tat-Trattat. Bir-riforma tal-PAK tal-2013, terz mill-baġit tal-UE għadu ddedikat direttament jew indirettament għall-istabbilizzazzjoni tas-suq, għall-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa u għalhekk għall-kontribuzzjoni lejn produzzjoni vjabbli tal-ikel u lejn standard ġust tal-għajxien tal-bdiewa.

**89**
Fil-passat, il-Qorti osservat li kienu meħtieġa statistika u indikaturi aktar affidabbli u komprensivi sabiex tiġi segwita aktar mill-qrib il-prestazzjoni tal-PAK, li aktar minn żewġ terzi tar-riżorsi baġitarji tagħha ġew iddedikati għall-appoġġ għall-introjtu.

**90**
Il-qafas ġdid għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK jeħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ikkombinat tal-miżuri tal-PAK fuq l-objettivi ddikjarati. Dan jinvolvi biżżejjed informazzjoni ta' kwalità tajba.

**91**
Il-Qorti tikkonkludi li s-sistema tal-Kummissjoni għall-kejl tal-prestazzjoni tal-PAK fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa mhijiex imfassla tajjeb biżżejjed u li l-kwalità u l-kwantità tad-*data* statistika li ntużat biex jiġi analizzat l-introjtu tal-bdiewa għandhom limitazzjonijiet importanti.

## Il-Kummissjoni ma stabbilixxietx b'mod ċar id-*data* statistika meħtieġa biex tivvaluta b'mod effettiv il-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK li jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa

**92**
Ma hija disponibbli ebda *data* rappreżentattiva dwar l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli li jista' jintuża, li tiffaċilita l-valutazzjoni tal-ilħuq tal-objettiv tat-Trattat li jiġi żgurat standard ġust tal-għajxien għall-bdiewa. Barra minn hekk, ma hemm ebda sistema affidabbli li tippermetti li jsir tqabbil bejn l-introjtu agrikolu u l-introjtu f'setturi oħra tal-ekonomija, li jista' jiġġustifika l-appoġġ mill-UE għall-introjtu għall-bdiewa (il-paragrafi 26 sa 32).

### Rakkomandazzjoni 1 — L-iżvilupp ta' oqfsa għall-ġbir u t-tqabbil ta' informazzjoni rilevanti dwar l-introjtu tal-bdiewa

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa qafas tal-istatistika aktar komprensiv biex jipprovdi informazzjoni dwar l-introjtu ta' unitajiet domestiċi agrikoli li jista' jintuża, u biex jagħti stampa aktar ċara tal-istandard tal-għajxien tal-bdiewa. Għal dan l-iskop il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u fuq il-bażi ta' metodoloġija komuni, tqis kif strumenti ta' statistika eżistenti tal-UE jistgħu jiġu żviluppati u kkombinati bl-aħjar mod.

Il-Kummissjoni għandha wkoll ittejjeb il-qafas għat-tqabbil tal-introjtu tal-bdiewa ma' introjtu f'setturi oħra tal-ekonomija.

**93**
L-għodod attwalment disponibbli fil-livell tal-UE għall-kejl tal-introjtu tal-bdiewa huma l-KEA u l-FADN. It-tnejn jipprovdu *data* essenzjali għall-kejl tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK immirati lejn il-promozzjoni ta' produzzjoni vijabbli tal-ikel u l-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa. Madankollu dawn l-istrumenti għandhom limitazzjonijiet importanti u *data* importanti tista' ma tkunx disponibbli għal valutazzjoni effettiva tal-miżuri tal-PAK li għandhom l-għan li jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa.

**94**
Il-potenzjal tal-KEA għadu ma ntużax bis-sħiħ u dawn ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni dwar fatturi importanti li huma rilevanti għall-introjtu tal-bdiewa. Barra minn hekk, l-informazzjoni tal-KEA mhux dejjem tintuża b'mod korrett mill-Kummissjoni (il-paragrafi 33 sa 39).

### Rakkomandazzjoni 2 — L-iżvilupp tal-KEA

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa aktar il-KEA sabiex il-potenzjal tagħhom ikun jista' jintuża aħjar sabiex:

- jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar il-fatturi li jħallu impatt fuq l-introjtu agrikolu;
- jiżguraw it-trażmissjoni ta' *data* fil-livell reġjonali bbażat fuq arranġamenti formali mal-Istati Membri.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha:

- teżamina jekk il-KEA jistgħux jiġi żviluppati aktar biex jipprovdu stima raġonevoli tal-valur ekonomiku tal-beni pubbliċi li huma prodotti mill-bdiewa;
- jiżguraw li l-informazzjoni tal-KEA tintuża b'mod xieraq fl-indikaturi tal-introjtu.

**95**
Il-FADN huwa strument importanti għall-evalwazzjoni tal-PAK iżda għandu limitazzjonijiet. L-indikaturi tal-introjtu ma jiħdux kont komplut tal-evoluzzjoni tal-azjendi fis-settur agrikolu, filwaqt li l-informazzjoni dwar introjtu ieħor tal-bdiewa li huwa relatat mal-azjendi agrikoli mhijiex kompleta. Barra minn jekk, ma hija disponibbli ebda *data* dwar l-introjtu fil-livell tal-UE, għal għadd kbir ta' benefiċjarji tal-appoġġ tal-UE (il-paragrafi 40 sa 51).

### Rakkomandazzjoni 3 — L-iżvilupp ta' sinerġiji bejn il-FADN u għodod oħra tal-istatistika

L-analiżi mill-Kummissjoni tal-introjtu tal-bdiewa għandha tkun ibbażata fuq indikaturi li jieħdu kont tas-sitwazzjoni attwali tal-agrikoltura, u fuq biżżejjed *data* konsistenti għall-benefiċjarji kollha tal-miżuri tal-PAK. Dan jista' jsir permezz tal-iżvilupp ta' sinerġiji bejn *data* amministrattiva eżistenti jew permezz tal-iżvilupp tal-FADN jew ta' għodod oħra tal-istatistika li huma adatti.

## Il-Kummissjoni u l-Istati Membri mhux dejjem kienu jiżguraw li d-*data* użata għall-kejl tal-introjtu tal-bdiewa kienet ta' kwalità xierqa

**96**
Il-Kummissjoni ma kellhiex biżżejjed informazzjoni aġġornata dwar il-metodoloġija tal-KEA u sorsi ta' *data* użati mill-Istati Membri; ir-rappurtar lill-Eurostat kien affettwat minn nuqqasijiet; u l-arranġamenti ta' garanzija tal-kwalità ma kinux kompletament effettivi. Dan jista' jaffettwa l-preċiżjoni u jxekkel il-kumparabbiltà tad-*data* rrappurtata. Dan jitfa' dubju wkoll fuq l-affidabbiltà tal-indikaturi prinċipali tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-PAK (il-paragrafi 53 sa 58).

### Rakkomandazzjoni 4 — It-titjib tal-kwalità tal-KEA

Fid-dawl tal-importanza tal-KEA għall-monitoraġġ tal-PAK, il-Kummissjoni għandha tintroduċi rappurtar regolari dwar il-kwalità fuq il-KEA u tikseb aċċertament raġonevoli li l-Istati Membri stabbilixxew qafas ta' garanzija tal-kwalità biex jiġi żgurat li d-*data* pprovduta mill-Istati Membri tkun kumparabbli u kkumpilata skont il-kriterji ta' kwalità li japplikaw għall-istatistika Ewropea.

97
Għall-FADN, f'xi Stati Membri l-implimentazzjoni teknika tal-istħarriġ affettwa l-kwalità tar-riżultati, u l-kwalità rappreżentattiva tal-kampjun varjat madwar l-Istati Membri. B'konsegwenza ta' dan, mhux is-setturi, il-klassifikazzjonijiet tad-daqs u r-reġjuni kollha kienu rrappreżentati tajjeb biżżejjed fil-FADN, li jnaqqas l-utilità tiegħu għal skopijiet ta' analiżi. Barra minn hekk, finanzjament insuffiċjenti mill-Istati Membri għall-ġbir ta' *data* tal-FADN jista' jħalli impatt fuq l-kwalità tar-riżultati miksuba (il-paragrafi 59 sa 72).

98
L-awditu identifika ċerti dgħufijiet fl-arranġamenti ta' garanzija tal-kwalità għall-FADN (il-paragrafi 73 sa 76).

### Rakkomandazzjoni 5 — It-titjib tal-kwalità tal-FADN

Il-Kummissjoni għandha tindirizza wkoll dgħufijiet identifikati fl-implimentazzjoni tal-FADN billi taqbel fuq skeda ta' żmien ċara mal-Istati Membri kkonċernati u tħeġġeġ użu aħjar tal-potenzjal tas-sistema.

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa aktar l-arranġamenti attwali tal-kwalità għall-istabbiliment tal-istatistika tal-FADN mill-Istati Membri biex tiżgura li, fl-Istati Membri kollha, setturi u klassifikazzjonijiet tad-daqs ta' azjendi li huma ta' interess għall-PAK ikunu rrappreżentati b'mod adegwat, u jirriflettu wkoll l-għażliet li saru mill-Istati Membri f'termini ta' alternattivi tal-PAK.

## Il-Kummissjoni ma ddefinixxietx indikaturi rilevanti li jippermettu valutazzjoni effettiva tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK li jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa

99
Objettivi vagi u n-nuqqas ta' linja bażi jagħmluha diffiċli li jiġi vvalutat, abbażi tal-indikaturi tal-prestazzjoni, jekk miżuri individwali tal-PAK li għandhom l-għan li jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa laħqux l-objettivi tagħhom. L-għażliet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' pagamenti diretti huma sfida addizzjonali għall-analiżi tal-Kummissjoni dwar jekk ikkontribwewx b'mod aktar effiċjenti u effettiv biex jintlaħqu l-objettivi tal-PAK, u b'hekk kisbu valur miżjud tal-UE (il-paragrafi 79 sa 82).

## 100

L-indikaturi tal-Kummissjoni relatati mal-produzzjoni vijabbli tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa mhumiex affidabbli biżżejjed jew mhumiex marbutin b'mod ċar biżżejjed mal-miżuri tal-PAK, biex juru li dawn ikkontribwew b'mod effettiv u effiċjenti lejn l-effetti mixtieqa. Limitazzjonijiet fid-disponibbiltà tad-*data* jkomplu jnaqqsu r-rilevanza tal-indikaturi. Dawn lanqas ma jinfurmaw dwar jekk l-objettivi ntlaħqux b'mod effiċjenti, li jeħtieġ analiżi approfondita tal-fatturi li jħallu impatt fuq l-introjtu tal-bdiewa (il-paragrafi 83 sa 87).

### Rakkomandazzjoni 6 — It-titjib tal-kejl tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK li jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa

Filwaqt li tqis id-dgħufijiet identifikati mill-Qorti, il-Kummissjoni għandha ttejjeb l-affidabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK fir-rigward tal-introjtu tal-bdiewa billi:

- tiddefinixxi mill-bidu, objettivi operazzjonali u linji bażi xierqa li magħhom tista' titqabbel il-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;
- fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet tagħha, tissupplimenta l-qafas attwali ta' indikaturi tal-prestazzjoni b'*data* oħra rilevanti u ta' kwalità tajba biex jitkejlu r-riżultati miksuba;
- ukoll fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet tagħha, tivvaluta l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri mfassla biex jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Augustyn KUBIK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-13 ta' Jannar 2016.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

## L-għażliet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-pagamenti diretti mill-UE

| Stat Membru | Pa-gament bażiku | Pagament uniku skont l-erja | Pagament Ridistributtiv | Paga-ment għal bdiewa żgħażagħ | Pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali | Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent[1] | Pagamenti akkoppjati volontarji | Skema għall-bdiewa żgħar |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | X | - | X | X | - | X | X | - |
| Il-Bulgarija | - | X | X | X | - | X | X | X |
| Ir-Repubblika Ċeka | - | X | - | X | - | X | X | - |
| Id-Danimarka | X | - | - | X | X | X | X | X |
| Il-Ġermanja | X | - | X | X | - | X | - | X |
| L-Estonja | - | X | - | X | - | X | X | - |
| L-Irlanda | X | - | - | X | - | X | X | - |
| Il-Greċja | X | - | - | X | - | X | X | X |
| Spanja | X | - | - | X | - | X | X | X |
| Franza | X | - | X | X | - | X | X | - |
| Il-Kroazja | X | - | X | X | - | X | X | X |
| L-Italja | X | - | - | X | - | X | X | X |
| Ċipru | - | X | - | X | - | X | X | - |
| Il-Latvja | - | X | - | X | - | X | X | - |
| Il-Litwanja | - | X | X | X | - | X | X | X |
| Il-Lussemburgu | X | - | - | X | - | X | X | - |
| L-Ungerija | - | X | - | X | - | X | X | X |
| Malta | X | - | - | X | - | X | X | X |
| In-Netherlands | X | - | - | X | - | X | X | - |
| L-Awstrija | X | - | - | X | - | X | X | X |
| Il-Polonja | - | X | X | X | - | X | X | X |
| Il-Portugall | X | - | - | X | - | X | X | X |
| Ir-Rumanija | - | X | X | X | - | X | X | X |
| Is-Slovenja | X | - | - | X | - | X | X | X |
| Is-Slovakkja | - | X | - | X | - | X | X | - |
| Il-Finlandja | X | - | - | X | - | X | X | - |
| L-Iżvezja | X | - | - | X | - | X | X | - |
| Ir-Renju Unit | X | - | - | X | - | X | X | - |

1 L-hekk imsejjaħ "pagament għall-ekoloġizzazzjoni".

Anness II

## Kalkolu tal-introjtu agrikolu kif iddefinit taħt il-KEA



## Kalkolu tal-introjtu fil-qafas tal-FADN

| | |
|---|---|
| Final stock agricultural products | |
| + Bejgħ | |
| + Korrezzjoni tal-valuri tal-inventarju tal-bhejjem | – Prodotti agrikoli fl-istokk inizjali |
| + Konsum ta' azjenda agrikola | – Xiri ta' bhejjem |
| + Użu ta' azjenda agrikola | |
| = Produzzjoni (output tal-għelejjel miżjud mal-produzzjoni tal-bhejjem) | |
| | – Konsum intermedju |
| + Sussidji għal azjenda agrikola | – Bilanċ tal-VAT u t-taxxi fuq azjenda agrikola |
| = Valur miżjud gross ta' azjenda agrikola (Introjtu gross ta' azjenda agrikola) | |
| | – Deprezzament |
| = Valur miżjud nett ta' azjenda agrikola (FNVA) | |
| + Sussidji fuq investimenti | – Pagi, kera u mgħax imħallsa |
| = Introjtu ta' azjenda agrikola tal-familja (FWI) | |

## Indikaturi tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tal-PAK

### Indikaturi tal-produzzjoni (min u x'qed jiġi appoġġat)

#### Pagamenti diretti

Erja u għadd ta' bdiewa taħt
- L-iskema ta' pagament bażiku
- L-iskema ta' pagament uniku skont l-erja
- Għajnuna nazzjonali tranżitorja
- Pagament ridistributtiv
- Ekoloġizzazzjoni (diversifikazzjoni tal-għelejjel, bur permanenti, erja b'fokus ekoloġiku, bdiewa organiċi, eċċ.)
- Pagament għal bdiewa żgħażagħ
- L-iskema għall-bdiewa żgħar
- L-appoġġ akkoppjat volontarju
- Il-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali
- Il-programmi nazzjonali għas-settur tal-qoton

#### Miżuri tas-suq

- Intervent pubbliku (volum u durata)
- Ħżin privat (volum u durata)
- Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni (volum ta' prodotti esportati bir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni)
- Miżuri eċċezzjonali (kif xieraq)
- Organizzazzjonijiet tal-produtturi (% tal-produzzjoni kkummerċjalizzata mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u mill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi)
- Skemi għall-iskejjel (Għadd ta' benefiċjarji finali ta' skemi tal-ħalib u tal-frott fl-iskejjel)
- Għadd ta' ettari ta' tħawwil ta' dwieli ġodda
- Għadd ta' ettari ta' vinji ristrutturati
- Għadd ta' proġetti ta' promozzjoni, proġetti ta' investiment u miżuri ta' innovazzjoni fis-settur tal-inbid

#### Aspetti orizzontali

- Għadd ta' ettari u sehem ta' pagamenti tal-PAK suġġetti għall-kundizzjonalità
- Indikazzjonijiet ġeografiċi għall-politika tal-kwalità (is-settur tal-inbid), għadd ta' denominazzjonijiet protetti ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti skont is-settur
- Għadd ta' ettari taħt biedja organika (totali u taħt konverżjoni) u ta' operaturi organiċi ċċertifikati u rreġistrati
- Għadd ta' programmi (fl-UE u barra mill-UE) u ta' organizzazzjonijiet proponenti ġodda għall-politika ta' promozzjoni
- Għadd ta' bdiewa li jikkonsultaw sistema konsultattiva għall-azjendi agrikoli

| Indikaturi tal-impatt (fejn il-PAK hija mistennija li jkollha impatt) |
| --- |
| **Objettiv ġenerali: Produzzjoni Vijabbli tal-ikel** |
| Introjtu intraprenditorjali agrikolu — Introjtu tal-fattur agrikolu — Produttività totali tal-fatturi fl-agrikoltura — Varjabbiltà fil-prezzijiet ta' komoditajiet fl-UE — Evoluzzjoni fil-prezzijiet għall-konsumatur ta' prodotti tal-ikel — Bilanċ tal-kummerċ agrikolu |
| **Objettiv ġenerali: Ġestjoni Sostenibbli tar-riżorsi naturali u tal-azzjoni klimatika** |
| Emissjonijiet mill-agrikoltura — Indiċi tal-għasafar fuq l-art agrikola — Biedja ta' valur naturali għoli (HNV) -. Astrazzjoni tal-ilma fl-agrikoltura — Kwalità tal-ilma — Materja organika tal-ħamrija fir-raba' — Erożjoni tal-ħamrija bl-ilma |
| **Objettiv ġenerali: Żvilupp territorjali bbilanċjat** |
| Rata ta' impjieg rurali — Grad ta' faqar rurali — PDG rurali *per capita* |

| Indikaturi tar-riżultati (x'inkiseb bil-miżuri tal-PAK) |
| --- |
| **Objettivi speċifiċi: Kontribuzzjoni għall-introjtu agrikolu, limitazzjoni tal-varjabbiltà fl-introjtu agrikolu, titjib tal-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u tisħiħ tas-sehem fil-katina alimentari u żamma tal-istabbiltà tas-suq** |
| Sehem ta' appoġġ dirett fl-introjtu agrikolu — varjabbiltà ta' introjtu agrikolu (skont it-tip ta' azjenda agrikola; skont id-daqs ekonomiku) — valur miżjud għal produtturi primarji fil-katina tal-ikel — esportazzjonijiet agrikoli tal-UE — sehem tal-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE fl-esportazzjonijiet dinjija — sehem tal-prodotti finali fl-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE — % tal-volum ta' prodotti mixtrija, f'intervent jew ħżin privat, mill-produzzjoni totali tal-UE — % tal-volum ta' prodotti esportati b'rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, mill-produzzjoni totali tal-UE — prezzijiet ta' komoditajiet tal-UE meta mqabbla mal-prezzijiet dinjija — valur tal-produzzjoni taħt skemi ta' kwalità tal-UE meta mqabbel mal-valur totali tal-produzzjoni agrikola u tal-ikel — importanza tal-biedja organika — sehem ta' erja organika fit-total tal-erja agrikola użata (EAU) — sehem ta' bhejjem organiċi fit-total tal-bhejjem |
| **Objettivi speċifiċi: Forniment ta' beni pubbliċi, twettiq ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għaliha, trawwim ta' effiċjenza fir-riżorsi permezz tal-innovazzjoni** |
| Diversità tal-għelejjel (fuq azjenda agrikola u f'reġjun) — sehem ta' bur fl-EAU totali — sehem ta' erja b'fokus ekoloġiku (EFA) fl-art agrikola — sehem ta' erja taħt prattiki ta' ekoloġizzazzjoni — emissjonijiet netti ta' gassijiet serra minn ħamrija agrikola |
| **Objettiv speċifiku: Żamma ta' agrikoltura diversa madwar l-UE** |
| diversità strutturali (f'termini assoluti u relattivi) — indikaturi tar-riżultati addizzjonali għal żvilupp rurali speċifikati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014 |

## Kriterji ta' kwalità li japplikaw għall-Istatistika Ewropea[1]

| Il-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Eurostat | |
|---|---|
| **Ir-rilevanza** | il-grad ta' kemm l-istatistika tilħaq il-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti; |
| **Il-preċiżjoni** | kemm l-estimi jqarrbu lejn il-valuri vera mhux magħrufa; |
| **It-tempestività** | il-perjodu bejn id-disponibbiltà tat-tagħrif u l-avveniment jew il-fenomenu li dan jiddeskrivi; |
| **Il-puntwalità** | id-dewmien bejn id-data ta' rilaxx tad-*data* u d-data sa liema kellha tintbagħat id-*data*; |
| **L-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza** | il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li bihom l-utenti jistgħu jiksbu, jużaw u jinterpretaw id-*data*; |
| **Il-kumparabbiltà** | il-kejl tal-impatt tad-differenzi fil-kunċetti tal-istatistika, għodod u proċeduri applikati meta l-istatistika titqabbel bejn iż-żoni ġeografiċi, dominji settorjali jew matul iż-żmien; |
| **Il-koerenza** | l-adegwatezza tad-*data* li tkun marbuta b'mod affidabbli b'modi differenti u għal użu varju. |

1 L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

**I**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jispeċifika ħames objettivi tal-PAK, li wieħed minnhom biss huwa marbut mad-dħul tal-bdiewa (iżda mingħajr ma attwalment tissemma l-kelma dħul).

Ir-riforma tal-PAK tal-2013 tispeċifika tliet objettivi ta' politika (produzzjoni vijabbli tal-ikel; ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u azzjoni klimatika; żvilupp territorjali bbilanċjat), fejn l-ewwel wieħed isemmi speċifikament id-dħul agrikolu.

Madankollu id-dħul mhuwiex l-uniku objettiv tal-PAK u l-pagamenti diretti mhumiex l-uniku strument tal-PAK li jkollhom impatt fuq id-dħul; l-impatt tagħhom ma huwa lanqas limitat għad-dħul peress li dawn jappoġġjaw it-tqassim konġunt tal-beni pubbliċi u privati. Bħala pagamenti skont l-erja, dawn jikkontribwixxu mhux biss għal appoġġ għad-dħul għall-bdiewa, iżda għal objettivi oħra marbutin mal-użu tal-art, bħalma huma l-protezzjoni tal-ħamrija, it-tisħiħ tal-bijodiversità, u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, flimkien ma' strumenti oħra tal-PAK. Għaldaqstant, huwa diffiċli ħafna li jiġu allokati b'mod ċar ċerti pagamenti għal impatti individwali.

**II**

Il-qafas tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni l-ġdid tal-PAK tfassal b'mod ċar mil-leġiżlatur. Dan tfassal sabiex ikopri l-effetti kkombinati tal-miżuri differenti fir-rigward ta' dawn l-objettivi differenti. Kull wieħed minn dawn l-objettivi se jiġi mmonitorjat u vvalutat bl-użu ta' sett komprensiv ta' indikaturi komuni, fejn xi wħud huma speċifiċi għal miżuri u xi oħrajn huma aktar wesgħin biex jirriflettu l-effetti kkumbinati.

Filwaqt li huma utli bħala punt tat-tluq, l-indikaturi individwali ma jistgħux jivvalutaw direttament l-impatt ta' politika jew miżura; dan jeħtieġ li jsir f'evalwazzjoni, filwaqt li jitqiesu elementi oħra li jinfluwenzaw il-politika u l-effetti tagħha. Għalhekk, il-vantaġġi jew l-iżvantaġġi tal-indikaturi individwali jiddependu minn kif dawn jiġu użati fl-evalwazzjoni.

**IV**

L-indikaturi u l-għodod individwali għandhom kemm punti aktar b'saħħithom kif ukoll aktar dgħajfa, iżda s-sistema ġenerali tipprovdi l-aħjar bilanċ possibbli bejn l-informazzjoni meħtieġa u l-kostijiet u l-piż amministrattiv relatati magħhom.

Dak li huwa identifikat bħala limitazzjonijiet tad-dejta statistika huwa fil-fatt ir-rappreżentanza tal-karatteristiċi ewlenin tas-sorsi tad-dejta.

**V**

Il-Kummissjoni għandha dejta rappreżentattiva dwar id-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet agrikoli. Din id-dejta tista' tintuża sabiex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK fl-appoġġ tad-dħul tal-bdiewa.

Fit-Trattat, hemm rabta bejn iż-żieda fil-produttività agrikola u l-iżgurar ta' livell ġust ta' għajxien għall-komunità agrikola, partikolarment billi jiżdied il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura. Għalhekk huwa xieraq li wieħed jiffoka fuq id-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet agrikoli, minħabba li dan id-dħul huwa ta' importanza ewlenija għall-PAK.

## VI a) — In-Netwerk tad-Dejta tal-Kontabilità Agrikola (Farm Accountancy Data Network, FADN) mhuwiex imfassal biex tiġbor dejta dwar id-dħul agrikolu domestiku

Il-FADN huwa sors ta' dejta kruċjali għall-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK. L-objettivi tal-FADN huma stabbiliti b'mod ċar fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009, jiġifieri li tinġabar id-dejta tal-kontabilità meħtieġa għall-kalkolu annwali tad-dħul tal-azjendi agrikoli li jaqgħu taħt il-qasam tal-istħarriġ u analiżi tan-negozju tal-azjendi agrikoli, valutazzjoni tal-livell tal-għajxien tal-bdiewa jew tad-dħul ta' familji agrikoli mhijiex fl-ambitu tal-FADN.

## VI b) — Il-kostijiet tal-ġbir tad-dejta dwar id-dħul ta' familji agrikoli jistgħu jkunu akbar mill-benefiċċji

Il-Kummissjoni hija konxja tal-valur analitiku ġenerali tal-istatistika li jkopri d-dħul tal-familji f'setturi differenti u f'dawn l-aħħar snin saru diversi tentattivi biex jiġi introdott tali ġbir ta' dejta. Madankollu, anki minħabba r-reżistenza mill-Istati Membri li jinkludu informazzjoni dwar it-tassazzjoni fl-istatistika, id-diskussjoni ma wasslitx għal konklużjonijiet pożittivi. Minħabba li l-PAK tiffoka fuq l-appoġġ tad-dħul mill-attivitajiet agrikoli u ta' żvilupp rurali, monitoraġġ kumplessiv tad-dħul ta' familji agrikoli la kien prijorità, u lanqas ma kien possibbli li jiġi inkluż dan il-ġbir ġdid ta' dejta fil-programm ta' ħidma statistika. Minflok, tfassal stħarriġ speċifiku tal-UE (Statistika tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien Community statistics on income and living conditions, SILC) biex jiġbor informazzjoni dwar il-livell tal-għajxien tal-familji tal-UE.

## VI c) — L-informazzjoni dwar id-dħul agrikolu pprovduta mill-FADN hija kompluta

Il-kampjun tal-FADN ikopri biss dawk l-irziezet bi prattiki tal-kontabilità u taż-żamma tal-kotba, peress li l-inklużjoni ta' rziezet mhux kummerċjali jimplika l-preżenza ta' inqas dejta affidabbli bbażata aktar fuq stima milli fuq evidenza soda. Madankollu, l-użu ta' livelli limiti differenti għal kull Stat Membru tal-UE jippermetti li l-kampjun tal-FADN ikopri rziezet ta' daqs ekonomiku differenti u b'hekk jiġu kkunsidrati d-differenzi fin-natura kummerċjali tal-irziezet fis-setturi agrikoli differenti madwar l-Ewropa kollha.

## VII

Is-sistema komprensiva ta' verifiki u validazzjoni tad-dejta stabbilita mill-Kummissjoni għall-FADN tiżgura li jiġi vverifikat u ggarantit livell għoli ta' kwalità tad-dejta miġbura. Barra minn hekk, żjarat fuq il-post jippermettu li l-kwistjonijiet identifikati jiġu segwiti. Il-Qorti ma identifikat l-ebda dgħufija konkreta fil-proċeduri ta' validazzjoni tad-dejta stabbiliti mis-servizzi tal-Kummissjoni.

L-użu estensiv tad-dejta tal-FADN fis-servizzi tal-Kummissjoni u permezz tar-riċerka l-komunità tiżgura li l-utenti primarji jistgħu effettivament jiċċekkjaw il-kwalità tad-dejta.

## VIII

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jispeċifika b'mod ċar l-objettivi skont liema l-Qafas tal-monitoraġġ u evalwazzjoni jrid ikejjel il-prestazzjoni tal-PAK. Filwaqt li kull indikatur individwali għandu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi, in-numru ta' indikaturi definit f'dan il-kuntest jipprovdi l-aħjar bilanċ possibbli bejn il-ħtiġijiet tal-informazzjoni u l-kostijiet relatati u l-piż amministrattiv.

## IX (a)
Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tikkunsidra kif tista' tiġi implimentata.

Il-Kummissjoni tqis li l-qafas eżistenti biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet agrikoli jista' jissaħħaħ iżda li l-piż amministrattiv biex jiġi żviluppat qafas biex jipprovdi informazzjoni dwar id-dħul disponibbli ta' familji agrikoli jista' jkun akbar mill-benefiċċji potenzjali. Ikun diffiċli biex tiġi stabbilita l-bażi legali meħtieġa għal tali ġbir ta' dejta.

Id-dħul disponibbli ta' familji agrikoli huwa kunċett ħafna iktar wiesa' mid-dħul tal-irziezet. Il-PAK tappoġġja d-dħul tal-bdiewa billi tappoġġja l-attivitajiet agrikoli tagħhom. Għalhekk, huwa importanti li tiġi analizzata l-evoluzzjoni tad-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet agrikoli sabiex jiġi evalwat jekk l-objettiv intlaħaqx.

## IX (b)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni beħsiebha:

- tiżviluppa l-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agrikoltura (KEA), bil-għan li tipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar il-fatturi li għandhom impatt fuq id-dħul agrikolu;

- twettaq studju biex teżamina l-kwistjoni ta' jekk il-KEA jistgħux ikomplu jiġu żviluppati biex tiġi pprovduta stima raġonevoli tal-valur ekonomiku tal-beni pubbliċi li jiġu prodotti mill-bdiewa;

- tiddiskuti mal-Istati Membri dwar il-possibbiltà li jiġu fformalizzati l-arranġamenti operazzjonali li jkopru l-KEA reġjonali;

- tagħmel rieżami dwar jekk l-informazzjoni tal-KEA tintużax b'mod xieraq fl-indikaturi tad-dħul.

## IX (c)
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Id-dejta tal-FADN diġà tkopri kważi t-totalità tas-sussidji tal-UE.

## IX (d)
Fir-rigward tal-KEA, il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni beħsiebha tintroduċi rappurtar ta' kwalità regolari dwar il-KEA u l-valutazzjoni tal-konformità bil-għan li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-Istati Membri jistabbilixxu qafas tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

Fir-rigward l-FADN, il-Kummissjoni beħsiebha tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-implimentazzjoni tal-FADN billi **jintlaħaq ftehim dwar skeda ta' żmien ċara** mal-Istati Membri kkonċernati u jiġi inkoraġġut użu aħjar tal-potenzjali tas-sistema. Il-Kummissjoni hija konxja tal-problemi tal-prestazzjoni tal-FADN fi Stati Membri individwali u diġà għaddejjin azzjonijiet sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet eżistenti. Isir pjan annwali ta' żjarat fuq il-post, flimkien ma' pjanijiet ta' azzjoni u laqgħat ta' segwitu biex jiġi vvalutat il-progress li sar dwar il-punti miftiehma. F'dawn l-aħħar snin dan l-approċċ wassal għal titjib konsiderevoli f'diversi Stati Membri.

## Risposta tal-Kummissjoni



**X**
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

L-indikaturi kif definit huma biss il-punt inizjali għall-evalwazzjonijiet. F'dan il-kuntest, hija prattika tajba għall-evalwaturi li jużaw informazzjoni addizzjonali sabiex jiġi ġġudikat fuq ir-riżultati miksuba. L-evalwazzjonijiet jiġġudikaw — fost l-oħrajn — l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżuri tal-PAK meta mqabbla mal-objettivi tagħhom.

## Introduzzjoni

**03**
Għall-pagamenti diretti, ir-riforma tal-PAK tal-2003 tat bidu għal bidla minn pagamenti marbuta mat-tip ta' produzzjoni għal pagamenti diżakkoppjati mill-produzzjoni. Dan sar biex tissaħħaħ l-orjentazzjoni tas-suq tal-agrikoltura (m'għadx hemm aktar limitazzjonijiet fl-għażliet tal-produzzjoni tal-bdiewa) u f'konformità mal-impenji tagħna tad-WTO. Iżda ż-żewġ tipi ta' appoġġ, ta' qabel l-2003 u ta' wara l-2003 kienu mezz ta' appoġġ fuq id-dħul agrikolu.

Strumenti oħra tal-PAK għandhom ukoll rwol fl-appoġġ tad-dħul tal-bdiewa, bħall-għajnuniet għall-investiment jew il-pagament f'żoni b'limitazzjonijiet naturali (żvilupp rurali) u miżuri tas-suq (l-organizzazzjoni tas-suq uniku).

Barra minn hekk, waħda mix-xejriet ewlenin f'dawn l-aħħar 10 snin hija enfasi li qed tikber fuq il-preokkupazzjonijiet ambjentali u klimatiċi, mhux biss permezz tal-introduzzjoni ta' pagament ta' ekoloġizzazzjoni fl-2013, iżda wkoll permezz tal-kundizzjonalità u bosta miżuri oħra ambjentali. Huwa mistenni li l-appoġġ tal-PAK jipprovdi appoġġ għad-dħul agrikolu iżda *fl-istess ħin* jikkontribwixxi għal titjib ambjentali (u tal-klima).

**04**
L-objettivi tal-PAK u r-razzjonali speċifiku għall-pagamenti diretti u strumenti oħra ġew diskussi fid-dettall mal-partijiet ikkonċernati u istituzzjonijiet oħra fit-tħejjija tar-riforma. Kien hemm dibattitu pubbliku, komunikazzjoni, u pereżempju, il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni għall-pagamenti diretti inkludew memorandum ta' spjegazzjoni li jistabbilixxi r-razzjonali għar-riforma (COM(2011) 625 final/2).

Barra minn hekk, it-tliet objettivi ġenerali tal-PAK ġew integrati fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (l-Artikolu 110) u l-objettivi speċifiċi huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 834/2014 (premessa (2)).

**06**
Il-PAK tappoġġja d-dħul tal-bdiewa billi tappoġġja l-attività agrikola (appoġġ fuq bażi taż-żona, ċertu appoġġ speċifiku għas-settur, l-investimenti, il-miżuri tas-suq, attivitajiet ambjentali fuq żoni agrikoli). Għalhekk, huwa konsistenti li jiġi ssorveljat id-dħul iġġenerat minn dawn l-attivitajiet agrikoli. Il-monitoraġġ tad-dħul totali ta' familji agrikoli fil-livell tal-UE huwa interessanti, iżda ma għandux ikun il-bażi biex tiġi stabbilita l-ħtieġa għal appoġġ li l-mira tiegħu hija l-attivitajiet tal-biedja.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kunċett tad-dħul disponibbli ġenerali ta' familji agrikoli (id-dħul totali nieqes it-taxxi u l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali) mhuwiex l-aktar rilevanti għall-iskop tal-PAK. Għandu jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola b'mod partikolari billi jiżdied id-dħul individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura.

### 12
Il-premessa 68 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tistipula wkoll l-objettivi li skonthom dan għandu jsir. Għal dan il-għan, jintużaw l-indikaturi definiti fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 808/2014 u Nru 834/2014.

### 15
L-indikaturi jipprovdu l-bażi għal valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-PAK meta mqabbla mal-objettivi tagħha, jiġifieri: l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-relevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE. Madankollu, l-indikaturi, b'mod partikolari meta jittieħdu b'mod iżolat, ma jippermettux li tiġi vvalutata l-prestazzjoni ta' politika, miżura jew attività, minħabba li l-evoluzzjoni tal-valur tal-indikaturi matul iż-żmien jeħtieġ li tiġi vvalutata u interpretata skont il-kuntest fejn iseħħu.

### 16
Wara l-awditjar tal-Qorti, il-Kummissjoni rrevediet il-qafas legali tal-FADN billi inkludiet, fost l-oħrajn, id-dħul li jirriżulta minn attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ.

## Osservazzjonijiet

### 25 — Il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (Common Monitoring and Evaluation Framework, CMEF) tal-PAK
Is-CMEF ġie definit b'mod ċar fil-leġiżlazzjoni, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mad-dħul tal-bdiewa. Dan jistabbilixxi ġerarkija ta' indikaturi marbuta ma' livelli differenti tal-impatti, ir-riżultati, l-eżiti u l-kuntest tal-PAK. Għal kull wieħed minn dawn l-indikaturi, ġew identifikati s-sorsi ta' dejta korrispondenti, b'enfasi fuq l-għodod għall-ġbir tad-dejta stabbilita. Filwaqt li titjib huwa dejjem possibbli, jeżisti biċ-ċar sett ta' dejta.

### 26
L-Artikolu 39(1)(b) TFUE jorbot l-objettiv li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunità mal-produttività agrikola. Din ir-rabta hija diġà stabbilita f'din id-dispożizzjoni, li tirreferi speċifikament għall-"ħaddiema fl-agrikoltura". Din ir-referenza ma tkoprix persuni li ma jaħdmux fl-agrikoltura (bħal membri tal-familja li jwettqu professjonijiet oħra, u lanqas l-attivitajiet ta' bidwi li b'mod ċar mhumiex relatati mal-agrikoltura. Għaldaqstant, l-Artikolu 39 (1)b TFUE huwa marbut ukoll b'mod ċar mal-Artikolu 39(1)a TFUE ("tkabbar il-produttività agrikola"), kif huwa enfasizzat bil-kelma "billi" fil-bidu tal-Artikolu 39 (1)b TFUE. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li huwa xieraq li wieħed jiffoka fuq id-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet agrikoli (inklużi attivitajiet anċillari), peress li dan id-dħul huwa ta' importanza ewlenija għall-PAK (u mhux id-dħul ġenerali tal-familji barra mill-agrikoltura u l-iżvilupp rurali).

### 27
Il-qafas statistiku biex jipprovdi informazzjoni dwar id-dħul minn attivitajiet agrikoli huwa rappreżentat mill-FADN u l-KEA. L-informazzjoni dwar id-dħul ta' familji agrikoli tinġabar permezz tal-qafas tal-UE-SILC u d-daqs tal-kampjun jitfassal b'tali mod biex ikopri l-popolazzjoni kollha kemm hi. Dan ma għandux, inġenerali, jippermetti li jkun hemm dejta diżaggregata għas-settur agrikolu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

Minħabba l-fatt li l-informazzjoni disponibbli tindika għall-importanza dejjem tikber tad-dħul li mhuwiex relatat ma' attività agrikola *sensu stricto*, iżda mad-diversifikazzjoni tal-attività agrikola, l-istħarriġ tal-FADN għadda minn reviżjoni dettaljata li tinkludi sett kompletament ġdid ta' dejta dwar id-dħul minn attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ marbutin mal-azjenda fil-kalkolu tad-dħul tal-irziezet.

Il-Kummissjoni fil-fatt studjat il-fattibbiltà tal-ġbir ta' dejta dwar id-dħul ta' familji agrikoli fil-livell mikro. Madankollu, il-proġett dwar id-dħul tas-settur tal-familji agrikoli (Income of the Agricultural Household Sector, IAHS) ma ġiex segwit ulterjorment fil-kuntest tal-Kumitat Permanenti dwar Statistika Agrikola (Standing Committee on Agricultural Statistics, CPSA).

## 28

Id-daqs tal-kampjun tal-UE-SILC tfassal b'tali mod li jkopri l-popolazzjoni kollha kemm hi u b'mod ġenerali, ma jippermettix riżultati diżaggregati għas-settur agrikolu bi preċiżjoni aċċettabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

## 30 — It-tqabbil tad-dħul bejn is-setturi tal-ekonomija

Il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li jitqabbel id-**dħul minn attivitajiet agrikoli** mal-pagi medji f'setturi oħra tal-ekonomija u li hemm sistema ta' referenza għal dan[1].

Il-PAK tappoġġja d-dħul tal-bdiewa billi tappoġġja l-attività agrikola (appoġġ fuq bażi taż-żona, ċertu appoġġ speċifiku għas-settur, investimenti, miżuri tas-suq, attivitajiet ambjentali fuq żoni agrikoli). Għalhekk, huwa konsistenti li d-dħul iġġenerat minn dawn l-attivitajiet agrikoli jiġi mmonitorjat u jitqabbel mal-kostijiet ta' opportunità, jiġifieri mal-pagi li jistgħu jiġu riċevuti f'setturi oħra. Il-monitoraġġ tad-dħul totali ta' familji agrikoli fil-livell tal-UE huwa interessanti, iżda ma għandux ikun il-bażi biex tiġi stabbilita l-ħtieġa għal appoġġ li l-mira tiegħu hija l-attivitajiet agrikoli.

## 32

Isir tqabbil regolarment ta' livelli ta' dħul ta' gruppi differenti ta' rziezet abbażi tad-dejta tal-FADN. Tali differenza mhijiex possibbli fil-kontijiet nazzjonali, la għall-agrikoltura u lanqas għal setturi oħra tal-ekonomija. Il-valuri mikșuba jservu bħala indikazzjonijiet dwar kif l-agrikoltura titqabbel ma' setturi oħra tal-ekonomija, li huma wkoll ferm differenti.

## 33

Il-KEA jiġu kkumpilati skont il-kunċetti u r-regoli bażiċi tal-ESA 95[2]. Ir-Regolament (KE) Nru 549/2013 madankollu, ma japplikax għall-KEA u l-applikazzjoni tal-ESA 2010 (il-verżjoni riveduta tal-ESA 95) tista' ssir biss permezz ta' bidliet fl-att legali tal-KEA, li għadhom għaddejjin.

Il-bidliet ewlenin mill-ESA 95 għall-ESA 2010 ma kinux speċifikament marbuta mal-agrikoltura. Ċerti Stati Membri eżaminaw il-konsegwenzi tal-bidla: xi wħud ikkonkludew li l-impatt kien wieħed minuri, oħrajn li ma kien hemm l-ebda impatt.

## 34

Fil-fatt, il-KEA ma kinux imfassla biex jgħinu fl-analiżi tad-dipendenza ta' setturi speċifiċi fuq is-sussidji u l-importanza tagħhom fir-reġjuni agrikoli vijabbli, għal tipi speċifiċi ta' produzzjoni jew għal gruppi soċjoekonomiċi speċifiċi ta' bdiewa.

Għalhekk, il-Kummissjoni tuża l-FADN biex tevalwa l-impatt tas-sussidji fil-livell tal-irziezet.

---

1 Iċ-ċifri għandhom jiġu interpretati b'attenzjoni minħabba d-differenzi kunċettwali bejn il-kejl tad-dħul tal-bdiewa minn attivitajiet agrikoli u l-pagi medji fl-ekonomija, u n-nuqqas ta' dejta affidabbli dwar l-istatistika tax-xogħol full-time ekwivalenti għall-ekonomija totali għal xi Stati Membri.

2 L-ESA hija s-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u kontijiet reġjonali użati mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha.

**35**
Il-Kummissjoni taqbel li d-dejta dwar il-prezzijiet tal-art u l-kirjiet huma importanti sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-PAK. F'Novembru 2014 u Lulju 2015, il-Kummissjoni ppreżentat lis-CPSA u lid-DGAS, rispettivament, abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni, dwar il-prezzijiet tal-art u l-kirjiet, li jkun pass intermedjarju lejn possibbilment Regolament tal-Parlament u l-Kunsill. Fis-CPSA u d-DGAS ma kien hemm l-ebda kunsens favur ir-Regolament tal-Kummissjoni. Ġie konkluż li l-istatistika tal-prezzijiet tal-art kienu sensittivi u li numru żgħir ta' tranżazzjonijiet jista' jwassal għal statistika li mhux ta' min jorbot fuqha. L-"Istrateġija għall-Istatistika Agrikola 2020 u lil hinn minnha" tipprevedi l-inklużjoni potenzjali ta' statistiċi dwar il-prezzijiet agrikoli f'Regolament Qafas dwar l-istatistiċi Agrikoli tal-Input/Output.

**36**
Ftehimiet bil-miktub bħala mezz għall-implimentazzjoni tal-Programm Statistiku Ewropew huma rikonoxxuti fl-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u ftehimiet bħal dawn ġew konklużi bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni.

L-arranġamenti f'dan il-każ saru qabel ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 u ġew konklużi abbażi ta' ftehim informali.

Il-Kummissjoni se tieħu passi biex tifformalizza l-arranġamenti operazzjonali fir-rigward tal-forniment ta' dejta tal-KEA reġjonali.

**38**
Il-KEA jippreżentaw kemm valuri assoluti kif ukoll indiċijiet. Filwaqt li l-indiċi huma intiżi b'mod ċar sabiex jiġu segwiti l-bidliet matul iż-żmien, jistgħu jintużaw il-valuri assoluti biex jitqabblu l-livelli ta' dħul medju fil-pajjiżi kollha meta jitqiegħdu f'kuntest. Preżentazzjoni għal kull unità ta' xogħol annwali ma jidhirx li turi livelli ta' dħul għal individwi jew familji (u wisq anqas il-livell tal-għajxien ta' familji agrikoli). Din hija pjuttost maħsuba biex turi l-impatt ta' bidliet strutturali (jiġifieri, it-tnaqqis fin-numru ta' impjiegi agrikoli) fuq il-medja tad-dħul agrikolu matul iż-żmien. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija ferm konxja tal-limitazzjonijiet li huma inevitabbilment marbuta mal-użu ta' indikaturi. Għalhekk, l-użu ta' indikatur individwali biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni jew anki l-valutazzjoni iżolata tal-vantaġġi jew l-iżvantaġġi tagħha għandha valur limitat biss.

**39**
Skont l-Eurostat FSS 2010, 97 % tal-azjendi agrikoli fl-UE kienu ġestiti minn detenturi individwali (ara l-paragrafu 6 tal-Qorti), għalkemm 27 % tal-art agrikola fl-UE hija użata minn entitajiet legali.

Fid-deskrizzjoni tagħha tal-indikatur "id-dħul imprenditorjali agrikolu" għas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK, il-Kummissjoni għamlitha ċara ħafna li dan mhuwiex indikatur tad-dħul totali jew tad-dħul disponibbli tal-familji impjegati fl-agrikoltura, minħabba li dawn, minbarra d-dħul purament agrikolu tagħhom, jista' jkollhom ukoll dħul minn sorsi oħra (attivitajiet mhux agrikoli, remunerazzjoni, benefiċċji soċjali, dħul minn proprjetà). Fi kliem ieħor, id-dħul intraprenditorjali agrikolu ma għandux jitqies bħala dħul tal-bdiewa[3].

Huwa importanti li l-istatistika disponibbli tiġi analizzata b'mod komprensiv. L-informazzjoni li toriġina mill-FADN tista' tikkumplimenta l-informazzjoni li toriġina mill-KEA.

3 Ara http://ec.europa.eu/agriculture/cap-indicators/context/2015/ 2015-10-01-context-indicators_en.pdf

**41**
L-iżviluppi kbar fil-livell tal-FADN, kienu wkoll ir-riżultat tar-riformi suċċessivi tal-PAK. Ċerti varjabbli agroambjentali u sett ġdid ta' varjabbli ta' sussidju, inkluż l-ekoloġizzazzjoni, żdiedu mal-kwestjonarju tal-FADN (ir-Regolamenti (UE) Nru 385/2012 u Nru 2015/220) bħala tweġiba għall-PAK wara l-2013. Bl-istess mod, ir-riforma tal-PAK tal-2008 wasslet għal bidliet tal-FADN fir-Regolament (KE) Nru 868/2008, ir-riforma tal-PAK tal-2003 għall-bidliet tal-FADN fir-Regolament (KE) Nru 2253/2004, eċċ.

**42**
Il-fatturi ta' produzzjoni esterni jitqiesu f'indikaturi oħra, pereżempju d-Dħul Nett tal-Irziezet u d-Dħul Nett tal-Irziezet għal kull Unità ta' Xogħol Annwali. Firxa wiesgħa ta' indikaturi li joriġinaw mir-riżultati tal-FADN tista' tintuża u tiġi adattata għall-ħtiġijiet analitiċi speċifiċi.

**43**
L-indikatur tad-dħul tal-FNVA/AWU huwa applikabbli wkoll għal dawn l-irziezet. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-FADN jiġbor l-informazzjoni permezz ta' sett sħiħ ta' varjabbli individwali ta' kontabilità li jippermetti l-aggregazzjoni mill-ġdid tagħhom skont il-ħtiġijiet analitiċi speċifiċi.

**44**
L-indikaturi tad-dħul għall-irziezet organizzati bħala kumpaniji konvenzjonali jistgħu jinbnew jekk meħtieġ għal skopijiet analitiċi.

**45**
Id-dħul mhux monetarju ma jkunx espliċitament irreġistrat fil-ġbir tad-dejta tal-FADN, iżda kkunsidrat fl-analiżi bbażata fuq id-dejta tal-FADN (pereżempju fl-indikaturi ta' remunerazzjoni ta' profitt tal-familji u l-irziezet). L-analiżi tal-effett tat-tassazzjoni fuq id-dħul fil-livell ta' Stat Membru tmur lil hinn mill-ambitu tal-FADN.

**46**
L-aħħar verżjoni tal-fatturat tal-irziezet tal-FADN tinkludi attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda.

**47**
Jekk attività tkun amministrata f'unitajiet ta' negozju separata mill-azjenda agrikola li tagħmel parti mill-kampjun tal-FADN, din ma tikkontribwixxix għad-dħul tal-azjenda.

Għalkemm jistgħu jeżistu oqsma ta' ambigwità bejn l-attivitajiet agrikoli u dawk mhux agrikoli, il-Kummissjoni tqis li s-sorsi addizzjonali ta' dħul li huma b'mod ċar mhux agrikoli huma ta' importanza minima għall-PAK.

**Kaxxa 2**
Peress li d-dejta dwar attivitajiet oħrajn bi skop ta' qligħ li huma direttament relatati mal-azjenda tinġabar biss fl-FADN mis-sena fiskali 2014 u din id-dejta għandha tintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31ta' Diċembru 2015 (ftit xhur wara għar-Renju Unit u għall-Ġermanja) il-valutazzjoni tat-trattament inkonsistenti hija bbażata l-aktar fuq l-prattiki ta' reġistrazzjoni qabel l-introduzzjoni tal-fatturat ġdid tal-irziezet.

L-Istati Membri kollha tal-UE huma mistennija li jipprovdu d-dejta tagħhom skont regoli armonizzati li huma kkontribwixxew biex jinħoloq u jiġi vvutat fil-Kumitat għall-FADN. L-evalwazzjoni tat-trattament ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ li huma direttament relatati mal-irziezet se tkun possibbli biss ladarba tkun disponibbli d-dejta tal-2014 ivvalidata.

**48**

Kif spjegat fil-leġiżlazzjoni u l-metodoloġija tal-FADN, il-livell limitu u l-kopertura differenti madwar l-Istati Membri hija waħda mill-prekundizzjonijiet biex jinbena l-kampjun tal-FADN u jinkisbu riżultati sinifikanti, meta jitqiesu l-ambitu u l-objettivi ta' dan l-istħarriġ. Il-livelli limiti differenti tabilħaqq jirriflettu u b'hekk iqisu d-diversi strutturi tal-irziezet ta' Stati Membri partikolari. Rigward il-kopertura tas-sussidji tal-UE, it-tqabbil annwali bejn l-ammont totali ta' pagamenti diretti mogħtija lill-benefiċjarji tal-UE u r-riżultati aggregati miksuba mill-ġbir ta' dejta tal-FADN jippreżenta kopertura tajba madwar l-UE, pereżempju, aktar minn 90 % ta' kopertura għal pagamenti diretti diżakkoppjati. Dan jixhed l-użu estensiv tad-dejta tal-FADN fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-analiżi ekonomika tal-effetti tas-sussidji tal-PAK fuq id-dħul tal-irziezet.

**49**

Minħabba li l-irziezet tal-FADN jirrappreżentaw l-akbar sehem possibbli ta' produzzjoni agrikola, ta' żona agrikola u ta' xogħol tal-azjendi agrikoli li jiġu ġestiti b'orjentazzjoni tas-suq, il-FADN għandu l-għan li jqabbel dan id-dħul ta' dan it-tip ta' azjenda agrikola. It-tqabbil tad-dħul tal-azjendi agrikoli tad-diversi Stati Membri abbażi tal-FADN huwa sinifikanti eżattament minħabba li l-istruttura differenti tal-irziezet fil-livell tal-pajjiż huwa rifless fil-kampjun. Jekk razzett b'output standard ta' EUR 10 000 fis-sena mhuwiex rappreżentattiv tal-irziezet immirati tal-FADN f'ċertu Stat Membru, ma hemm l-ebda raġuni li dan jiġi inkluż fit-tqabbil. Għalhekk, it-tqabbil tad-dħul medju għal kull ħaddiem fl-azjendi kollha inklużi fil-FADN jista' jwassal biss għal interpretazzjoni żbaljata dwar is-sitwazzjoni tad-dħul ta' bdiewa fl-Istati Membri kollha jekk id-dejta ma tkunx akkumpanjata minn spjegazzjonijiet dettaljati dwar liema parti tal-irziezet tal-popolazzjoni hija rappreżentata mid-dejta.

**50**

Il-FADN ġie stabbilit biex jiġbor id-dejta tal-kontabilità meħtieġa, b'mod partikolari:

(a) kalkolu annwali tad-dħul tal-azjendi agrikoli li jaqgħu fil-qasam tal-istħarriġ; kif ukoll

(b) analiżi tan-negozju tal-azjendi agrikoli.

Il-FADN la tfassal biex ikun rappreżentattiv tal-benefiċjarji tal-appoġġ tal-UE, u lanqas biex ikun għodda ta' monitoraġġ għall-miżuri ta' Żvilupp Rurali. Dan ikun jeħtieġ adattament tal-kampjun f'kull riforma politika, u b'hekk ifixkel il-kontinwità u l-affidabilità tad-dejta.

Madankollu, il-FADN ikopri aktar minn 90 % tal-pagamenti diretti. Il-benefiċjarji li mhumiex koperti huma fil-biċċa l-kbira part-time jew bdiewa ta' sussistenza, li jaqgħu taħt il-livelli limiti tal-istħarriġ rispettivi u jirċievu biss parti żgħira mill-baġit totali. Mhuwiex probabbli li dawn il-benefiċjarji jżommu l-kontijiet tal-irziezet li jkunu jistgħu jintużaw fil-FADN.

L-aġġustamenti strutturali tal-azjendi agrikoli tal-UE naqqsu l-għadd ta' rziezet; b'riżultat ta' dan, l-għadd ta' benefiċjarji ta' pagamenti diretti naqas ukoll (– 12 % fl-EU-15, – 7 % fl-EU-N10 mill-2005, – 4 % f'BG + RO mill-2008). Sehem iżgħar ta' benefiċjarji li jirċievu ammonti żgħar ta' pagamenti diretti u b'hekk ammont medju ogħla jingħata lil kull benefiċjarju, b'mod partikolari fl-Istati Membri li ssieħbu mal-UE fl-2004 u l-2007.

**51**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri diġà qed jaħdmu flimkien biex jagħmluha possibbli li l-informazzjoni dwar l-appoġġ għad-dħul tal-UE tiġi kkombinata mad-dejta dwar l-istrutturi agrikoli u l-użu tal-art. Fl-2012 tnieda Task Force dwar ir-rabtiet bejn is-sorsi ta' dejta amministrattiva, l-istatistika u l-FADN. Diversi Stati Membri tal-UE ħadu sehem, permezz tal-iskambju ta' esperjenzi fuq livell differenti ta' integrazzjoni tas-sorsi ta' dejta tagħhom. Din il-ħidma għadha għaddejja fil-ħidma tal-Eurostat fuq strateġija għall-Istatistika Agrikola lejn l-2020 u lil hinn minnha, li tagħmel enfasi qawwija fuq l-integrazzjoni tas-sorsi differenti ta' dejta. Filwaqt li jeħtieġ li jingħelbu diversi problemi tekniċi u legali, huwa previst b'mod ċar li jkun hemm użu aħjar tad-dejta amministrattiva fl-istatistika.

### 52
Il-prinċipji tal-istatistika li jirregolaw il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea huma inklużi fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea. Dawn jiffurmaw is-sinsla tal-qafas tal-assigurazzjoni tal-kwalità u huma legalment vinkolanti. Il-Kodiċi ta' Prattika huwa strument li jirregola lilu nnifsu adottat mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (European Statistical System Committee, ESSC); l-implimentazzjoni tiegħu fl-ESS hija ssorveljata abbażi ta' evalwazzjoni bejn il-pari u azzjonijiet ta' titjib. F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tinżamm il-fiduċja fl-istatistika Ewropea permezz tal-Impenji dwar il-Fiduċja fl-Istatistika.

### 54
Il-Kummissjoni nediet mill-ġdid it-talba għall-inventarji tal-KEA.

Tnieda eżerċizzju ta' inventarju ġdid f'Diċembru 2014. Il-forniment ta' inventarji ġie stabbilit għat-30 ta' Settembru 2016.

### 55
L-eżerċizzju ta' inventarju ġdid kif imsemmi skont il-paragrafu 54 se jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar metodoloġiji li jistgħu mbagħad jintużaw biex jiġu vvalutati l-kwistjonijiet imsemmija f'din l-osservazzjoni.

### 56
Il-Kummissjoni ilha taħdem fuq l-inkonsistenzi li nstabu għall-inbid u ż-żejt taż-żebbuġa, fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kontijiet u Prezzijiet Agrikoli f'Diċembru 2014, u din il-ħidma għadha għaddejja.

### Kaxxa 3 — It-tieni inċiż
Sa fejn l-istess attività sekondarja mhux agrikola hijiex separabbli jew le jiddependi fuq ir-regoli amministrattivi li jvarjaw bejn l-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 jiddikjara b'mod espliċitu li kull pajjiż irid iħejji l-lista tiegħu stess tal-attivitajiet sekondarji mhux agrikoli u mhux separabbli, skont il-karatteristiċi tal-agrikoltura tiegħu (Anness 1, 1.30).

### Kaxxa 3 — It-tielet inċiż
Skont l-awtoritajiet Rumeni, it-trattament tas-sussidji huwa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 138/2004. Is-sussidji inkwistjoni huma dawk li jirriżultaw mill-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Erja (SPUE) li hija l-verżjoni ssimplifikata tal-Iskema ta' Pagament Uniku, applikabbli fl-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2004 jew aktar tard[4].

Ir-Rumanija ssostni li l-pagamenti skont l-SPUE huma sussidji li mhumiex marbuta direttament mal-produzzjoni jew il-fatturi tal-produzzjoni fit-tifsira tal-paragrafu 3.065 u l-appoġġ dirett għad-dħul fit-tifsira tal-paragrafu 3.066. Din il-kwistjoni se tiġi segwita mill-qrib mill-Kummissjoni.

### Kaxxa 3 — Ir-raba' inċiż
Rigward Franza, il-Kummissjoni se tkompli teżamina l-kwistjoni.

---

4 Skont ir-Regolament 138/2004, Anness, Taqsima 2 Sussidji oħra fuq il-produzzjoni,
3.065. L-applikazzjoni tal-prinċipju tad-dovuti għall-irreġistrar ta' sussidji oħra fuq il-produzzjoni tista' tkun kwistjoni delikata... Fil-każ ta' sussidji li mhumiex marbuta direttament mal-produzzjoni jew il-fatturi tal-produzzjoni, huwa diffiċli li jkun stabbilit meta tkun saret it-trażazzjoni li twassal għalihom u meta jitħallsu s-sussidji. F'dan il-każ partikolari, is-sussidji jiġu rreġistrati meta jiġu riċevuti.
3.066. Huwa rrakkomandat it-trattamenti speċjali li ġej:
...
sussidji oħra mhux direttament fuq prodotti jew fatturi tal-produzzjoni (appoġġ dirett għad-dħul, għajnuna għall-inħawi anqas preferuti, eċċ.): huwa rakkomandat li jkompli jintuża l-kriterju li jiddependi fuq meta sar il-pagament, minħabba li huwa diffiċli li jkun stabbilit meta ġiet ppreżentata l-applikazzjoni għall-kumpens u jekk l-ammonti inkwistjoni humiex eżatti

**57**
Ir-reviżjoni tad-dejta statistika hija metodu standard u applikat mad-dinja kollha fl-oqsma kollha tal-istatistika. Ir-reviżjonijiet isiru meta ssir disponibbli informazzjoni ġdida li tista' tiġi integrata biex jinkisbu riżultati ta' kwalità aħjar. Ir-reviżjonijiet itejbu l-kwalità tar-riżultati. Il-proċeduri ta' validazzjoni jwasslu għal reazzjonijiet mill-Kummissjoni fil-konfront tal-ispeditur meta l-aġġornamenti jaqbżu ċerti limiti.

**58**
Il-Kummissjoni fakkret lill-erba' Stati Membri biex jipprovdu l-awtovalutazzjoni.

## Ara t-tweġiba konġunta tal-Kummissjoni għall-paragrafi 60 u 61

Il-mod kif is-sistema magħżula tiġi implimentata jikkontribwixxi għal livell għoli jew baxx tal-kwalità tad-dejta.

**62**
Kif iddikjarat b'mod ċar fil-leġiżlazzjoni tal-UE (l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009), l-ewwel il-Kumitat Nazzjonali japprova l-pjan tal-għażla qabel ma jissottomettih lill-Kummissjoni. L-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika huma rrappreżentati fil-Kumitati Nazzjonali fejn dawn jipprovdu parir espert dwar parametri ta' preċiżjoni u ta' intervalli ta' kunfidenza.

Fil-passat, il-Kummissjoni ma kellhiex l-informazzjoni kollha msemmija mill-Qorti. Madankollu, is-sitwazzjoni tjiebet f'dawn l-aħħar snin.

**63**
Id-daqs tal-kampjun ma jiddependix esklussivament fuq in-numru totali ta' rziezet, iżda jiżgura l-kopertura tal-attivitajiet agrikoli skont id-diversità tas-settur agrikolu fir-rigward tat-tipi u d-daqsijiet tal-irziezet f'kull reġjun. Għalhekk, xi wħud mill-irziezet jistgħu jitqiesu rappreżentattivi jew le skont kemm l-irziezet huma simili fl-istess ragruppament.

Fir-rigward tal-kampjun Spanjol, l-analiżi tal-Qorti hija bbażata fuq dejta miġbura skont kuntratt preċedenti, li mhux dejjem żgurat rappreżentattività mixtieqa. Dan il-kuntratt ġie rivedut u t-titjib huwa rifless fid-dejta fir-rigward tas-snin ta' wara.

**64**
Il-Kummissjoni hija konxja tal-metodi użati biex jintgħażel kampjun ta' rziezet, peress li din l-informazzjoni hija inkluża fl-iskeda informattiva tal-pjan tal-għażla li tintbagħat kull sena mill-Istati Membri (l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/220). Dan l-għarfien tal-metodi jippermetti analiżi ulterjuri ta' xi influwenza ta' fatturi suġġettivi fuq ir-rappreżentattività tal-informazzjoni li nkisbet rigward id-dħul.

Fir-rigward tal-kampjun Spanjol, is-sottoreġjuni mhumiex waħda mid-dimensjonijiet tal-kopertura. Fil-fatt, id-dejta tal-FADN tkun rappreżentattiva tad-diviżjoni (reġjun) tal-FADN u jiġi determinat id-daqs tal-kampjun biex jiġi żgurat dan il-livell ta' kopertura. Madankollu, dan ma jfissirx li l-evalwazzjoni ta' pagamenti diretti mhux se tkun possibbli minħabba r-raġuni biss li r-reġjuni tal-politika ma jikkorrispondux kompletament għar-reġjuni statistiċi. Fl-aħħar nett, ir-rappreżentazzjoni tal-istrutturi territorjali hija żgurata f'livell ogħla ta' aggregazzjoni ġeografika (kif spiss ikun il-każ għal stħarriġ ta' kampjuni).

## Ara t-tweġiba konġunta tal-Kummissjoni għall-paragrafi 65 u 66

Il-Kummissjoni hija konxja minn dawn id-diffikultajiet u jittieħdu miżuri adegwati meta tkun qed tiġi analizzata d-dejta għal dawk ir-raggruppamenti b'inqas numru ta' kampjuni ta' rziezet. Ta' min jenfasizza li l-analiżijiet tal-FADN huma fil-biċċa l-kbira mmexxija minn analisti ekonomiċi li jaħdmu fil-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib ma' dawk inkarigati għall-iċċekkjar tad-dejta u l-Aġenziji ta' Kollegament. Barra minn hekk, għal kull talba ta' dejta esterna mingħand ir-riċerkaturi, l-analisti tad-dejta jipprovdu l-assistenza u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi żgurata interpretazzjoni xierqa tad-dejta.

## 68

Il-Kummissjoni hija konxja li f'irziezet iżgħar il-prattiki taż-żamma tal-kotba huma inqas komuni. Din hija r-raġuni għaliex għal pajjiżi bħar-Rumanija u Spanja ngħataw aktar attenzjoni biex jiġu analizzati soluzzjonijiet possibbli għar-riskju tal-ġbir ta' dejta ta' kwalità baxxa.

Wara li analizzat l-iżvilupp strutturali tas-settur agrikolu, l-Aġenzija ta' Kollegament Spanjola pproponiet żieda fil-livell limitu mid-dejta tas-sena fiskali 2015, bl-istess numru ta' kampjuni ta' irziezet, li se jiġġeneraw sostituzzjoni ta' rziezet żgħar mingħajr żamma tal-kotba b'rappurtar aktar rappreżentattiv tal-irziezet.

Rigward ir-Rumanija, minħabba l-istruttura kumplessa tal-agrikoltura f'dan il-pajjiż, fejn jinsabu madwar terz mill-irziezet iżgħar kollha tal-UE, il-kampjun tal-FADN u l-kwalità tad-dejta nżammu taħt osservazzjoni stretta mill-ewwel snin wara l-adeżjoni mal-UE.

## 69

Ir-riżultati tal-FADN jiġu ppreżentati mill-AWU (pereżempju, l-indikatur tad-dħul FNVA/AWU), li jagħmilhom kompa-rabbli irrispettivament mill-ammont ta' sigħat ta' xogħol involut f'ażjendi partikolari.

## 70

Għandu jinstab bilanċ bejn pubblikazzjoni rapida u kwalità sodisfaċenti tad-dejta. Peress li l-informazzjoni dwar id-dħul tal-irziezet hija fundamentali għall-PAK u ma tistax tintuża mingħajr validazzjoni, tingħata prijorità lill-kwalità tad-dejta, għalkemm qed isiru sforzi kontinwi biex id-disponibbiltà tad-dejta tkun aktar rapida (kwestjon-arju b'2 000 varjabbli mitlub kull sena fi 28 Stat Membru għal madwar 85 000 razzett). Barra minn hekk, iż-żmien meħtieġ sabiex id-dejta tal-FADN ivvalidata tkun disponibbli mhuwiex itwal miż-żmien meħtieġ għal kwalunkwe sors ieħor ta' dejta fejn huma meħtieġa ċċekkjar bir-reqqa tad-dejta u l-validazzjoni ta' dejta individwali dwar l-irziezet.

L-analiżijiet ibbażati fuq il-FADN ippubblikati mill-Kummissjoni jinkludu stimi li jippermettu l-analiżi tad-dejta b'perspettiva fit-tul milli settijiet ta' dejta annwali disponibbli.

Barra minn hekk, l-isforzi konġunti stabbiliti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri diġà tejbu l-kwalità tad-dejta li se tkun disponibbli għall-evalwazzjoni tar-riforma tal-PAK tal-2013.

72
Il-finanzjament potenzjali tal-UE fir-Rumanija jammonta għal EUR 160 immultiplikat b'kampjun ta' 6 000 irziezet, jiġifieri EUR 960 000 kull sena. Il-Kummissjoni taf bid-diffikultajiet li nħolqu f'dan l-Istat Membru bl-użu ta' finanzjament disponibbli (għalkemm l-aktar informazzjoni riċenti tissuġġerixxi li dawn il-flus qed jintużaw biex titjieb is-sistema tal-IT għall-ġbir ta' dejta), iżda huwa stmat li dan ikun biżżejjed biex titjieb is-sistema tal-FADN fir-Rumanija.

Wara t-titjib tas-snin riċenti fil-FADN fi Spanja, il-Ministeru tal-Agrikoltura reġa' beda l-pubblikazzjoni ta' dejta bbażata fuq il-FADN fuq is-sit web tiegħu u fl-"Anuario de Estadísticas Agrarias". Dan huwa l-ewwel pass ferm milqugħ lejn l-użu tad-dejta għall-finijiet nazzjonali.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 68.

73
Jeżisti qafas ta' kwalità għall-FADN, u huwa magħmul minn partijiet legali, organizzattivi u proċedurali:

- Ir-rekwiżiti għall-FADN u għad-dejta tal-FADN huma stabbiliti fir-Regolament bażiku tiegħu.

- Verifika tal-kwalità tad-dejta li waslet mill-Istati Membri u l-miżuri previsti biex tittejjeb huma deskritti fil-proċeduri uffiċjali tal-unità responsabbli tal-FADN.

Ir-regoli li jirregolaw il-FADN jinkludu b'mod ċar il-kunċett ta' "prospetti tal-biedja mimlija" u verifika mill-Kummissjoni (l-Artikolu 11 u l-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/220).

74
L-eżattezza tad-dejta mibgħuta lill-Kummissjoni tiġi vvalutata skont l-istess proċedura għall-Istati Membri kollha (jiġifieri, il-verifika annwali tal-kwalità tad-dejta kif deskritt fi: http://ec.europa.eu/agriculture/rica/collect_en.cfm#tnfqc u żjarat fuq il-post għal 3/4 mill-pajjiżi kull sena).

75
Il-Kummissjoni hija konxja tal-problemi tal-prestazzjoni tal-FADN fi Stati Membri individwali u tieħu azzjonijiet sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet identifikati. Ġie stabbilit pjan annwali ta' żjarat fuq il-post, flimkien ma' pjanijiet ta' azzjoni u laqgħat ta' segwitu biex jiġi vvalutat il-progress li sar dwar il-punti miftiehma. Dan il-metodu wassal għal titjib konsiderevoli f'diversi Stati Membri; pereżempju:

- wara żjara fi Spanja fl-2014 u s-segwitu tagħha, l-awtoritajiet Spanjoli saħħew il-persunal tal-FADN, immodifikaw it-termini tal-kuntratt ma' dawk li jiġbru d-dejta u investigaw il-punti dgħajfa tad-dejta, sabiex l-użu u l-pubblikazzjoni tad-dejta tal-FADN ikunu nbdew mill-ġdid;

- wara ż-żjarat fid-Danimarka fl-2013 u l-Finlandja fl-2015 u s-segwitu tagħhom, ġew analizzati xi kwistjonijiet fl-implimentazzjoni tal-kampjuni rispettivi, ġew proposti soluzzjonijiet u qed jiġu implimentati.

Il-FADN tal-Greċja huwa parti minn pjan ta' azzjoni u protokoll ta' kooperazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet nazzjonali involuti fl-istatistika agrikola li għandu l-għan li jintegra l-istatistiċi agrikoli u d-dejta amministrattiva f'sistema li tgħaqqad id-dejta amministrattiva u l-istatistika tas-settur primarju. Dan il-pjan ta' azzjoni huwa inkluż fir-reviżjoni tal-2014 tal-Memorandum ta' Qbil għall-Greċja li jinkludi lista ta' azzjonijiet u ta' punti ta' riferiment miftiehma fost is-servizzi tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' tħassib li fir-rigward tagħhom l-awtoritajiet Griegi mpenjaw ruħhom li jilħqu miri stabbiliti.

**76**
Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 70.

**81**
L-objettivi tas-sistema tal-pagamenti diretti inġenerali huma stipulati fil-premessa 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003. L-objettivi tal-pagamenti kostitwenti li jikkonċernaw l-"ekoloġizzazzjoni", żoni b'restrizzjonijiet naturali, bdiewa żgħażagħ, appoġġ akkoppjat volontarju u rziezet żgħar huma stipulati fil-premessi 37, 46, 47, 49 u 54, rispettivament, tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 82.

**82**
Il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni ta' jekk l-objettivi relatati mad-dħul tal-PAK humiex jinkisbu dejjem tinvolvi evalwazzjoni esperta bbażata fuq firxa wiesgħa ta' informazzjoni. Dan huwa parzjalment minħabba d-diversità tas-settur agrikolu tal-UE. Dan huwa wkoll parzjalment minħabba li jistgħu jkunu qed iseħħu aġġustamenti sottostanti fis-settur agrikolu jew barra minnu, li huma pożittivi (jew negattivi) għal prospetti tad-dħul agrikolu fuq terminu twil ta' żmien, iżda mhumiex ikkomunikati b'mod ċar permezz ta' ftit, indikaturi sempliċi. L-interpretazzjonijiet kollha tal-objettivi stipulati fit-Trattat, u l-metodi kollha biex jiġu evalwati l-kisbiet tagħhom, iridu jkunu wesgħin biżżejjed biex jirriflettu din il-kumplessità.

Il-fatt li l-pagamenti diretti jgħinu biex jintlaħqu diversi objettivi simultanjament, u l-varjetà tal-għażliet disponibbli għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pagamenti diretti, ma jissimplifikawx l-evalwazzjoni. Madankollu, il-vantaġġi ta' din is-sitwazzjoni jegħlbu l-iżvantaġġi. It-twettiq tal-objettivi ekonomiċi u ambjentali permezz ta' pagamenti diretti jirrappreżenta, f'xi aspetti, metodu effiċjenti għall-politika u jenfasizza li s-"sostenibbiltà" għandha aktar minn dimensjoni waħda.

**83**
L-indikaturi għandhom isegwu l-kriterji "RACER" imsemmija mill-Qorti *fejn possibbli biss*. Jekk ikun meħtieġ, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jintużaw l-indikaturi rappreżentattivi biex jirrappreżentaw fenomenu fin-nuqqas ta' indikazzjoni diretta[5].

**84**
Id-dejta dwar id-dħul agrikolu (dħul mill-fatturi u dħul intraprenditorjali) hija disponibbli u ppubblikata fuq l-internet mill-Kummissjoni. Jeħtieġ li l-bidliet fil-valuri tal-indikaturi jiġu interpretati u mqiegħda fil-kuntest biex tkun tista' ssir ir-rabta ta' kawżalità mal-miżuri ta' politika. Dan huwa r-rwol tal-evalwatur f'evalwazzjoni tal-politika, peress li l-ebda indikatur ma jagħti informazzjoni dwar x'ikkawża l-bidla fil-valur tagħha.

**85**
Anki jekk ma jkun hemm l-ebda mira fissa, l-indikaturi jippermettu li jiġi osservat jekk id-dħul huwiex jiżdied jew le. Fl-istadju tal-evalwazzjoni biss, filwaqt li jitqies il-kuntest, il-fatturi li jintervjenu eċċ., ikun possibbli li jkun evalwat l-effett nett tal-miżuri u jekk ikkontribwixxewx għal evoluzzjoni. Dan qatt ma jista' jinkiseb direttament minn indikatur.

---

5 Ara: http://ec.europa.eu/smart-regulation/guidelines/docs/ br_toolbox_en.pdf, p. 250-251

### Kaxxa 4 — L-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, żviluppat sett ta' indikaturi li flimkien għandhom jippermettu li l-informazzjoni meħtieġa tingħata lill-evalwaturi.

L-indikatur huwa maħsub biex jinforma dwar id-dipendenza tal-bdiewa fuq il-pagamenti diretti, u mhux fuq id-dħul tagħhom.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 38.

### Kaxxa 4 — It-tieni inċiż

L-indikatur, varjabbiltà tad-dħul tal-irziezet, li huwa bbażat fuq id-dejta tal-FADN, ma jistax jipprovdi informazzjoni dwar l-effikaċja tal-pagamenti diretti, peress li fil-kalkolu tiegħu l-pagamenti diretti ma jiġux ikkunsidrati. L-indikatur ikejjel l-instabilità tad-dħul agrikolu fin-nuqqas ta' pagamenti diretti (jew kwalunkwe relazzjoni oħra mas-settur pubbliku, pereżempju taxxi).

### Kaxxa 4 — It-tielet inċiż

L-indikatur, il-valur miżjud għall-produtturi primarji mhuwiex maħsub biex jagħti informazzjoni dwar dħul, iżda dwar il-pożizzjoni kompetittiva tal-bdiewa fil-katina tal-produzzjoni tal-ikel.

### 86

Hemm dejta disponibbli rilevanti (pereż. bħala indikaturi ta' output).

### 87

L-indikaturi f'iżolament ma jipprovdux informazzjoni dwar l-effiċjenza jew xenarji alternattivi. Dan huwa r-rwol tal-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt rispettivament.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 88

L-awditjar ta' spiss jorbot l-indikaturi tad-dħul disponibbli mal-analiżi tal-effikaċja tal-pagamenti diretti. Madankollu, id-dħul mhuwiex l-uniku objettiv tal-PAK u l-pagamenti diretti mhumiex l-uniku strument tal-PAK li jkollhom impatt fuq id-dħul; l-impatt tagħhom ma huwa lanqas limitat għad-dħul peress li dawn jappoġġjaw it-tqassim konġunt tal-beni pubbliċi u privati. L-Artikolu 110(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jimponi b'mod ċar, li jiġi vvalutat l-impatt ikkombinat tal-istrumenti kollha tal-PAK b'rabta mal-objettivi komuni tal-PAK. B'mod aktar speċifiku, pagamenti diretti f'forma ta' pagamenti abbażi tal-erja, jikkontribwixxu mhux biss għall-appoġġ għad-dħul għall-bdiewa, iżda għal objettivi oħra relatati mal-użu tal-art, bħalma huma l-protezzjoni tal-ħamrija, il-bijodiversità, u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Flimkien ma' strumenti oħra tal-PAK, bħalma huma l-miżuri agroambjentali klimatiċi fl-iżvilupp rurali, il-pagamenti diretti jikkontribwixxu b'mod konġunt għal dawn l-objettivi.

### 89

Filwaqt li huwa minnu li l-pagamenti diretti jammontaw għal aktar minn 2/3 tal-baġit tal-PAK, 30 % ta' dan l-ammont ikunu relatati mal-konformità tal-bdiewa Ewropej bi prattiki agrikoli sostenibbli li jkunu ta' benefiċċju għall-kwalità tal-ħamrija, il-bijodiversità u l-ambjent b'mod ġenerali.

### 90

Il-Kummissjoni tuża wkoll sorsi stabbiliti ta' informazzjoni u għandha l-għan li jiġi evitat il-piż amministrattiv mhux meħtieġ. Jeħtieġ li l-valur miżjud ta' informazzjoni jiġi vvalutat skont il-piż u r-riżorsi biex jiġi ġġenerat dan it-tagħrif.

### 91

L-indikaturi u l-għodod individwali għandhom kemm punti aktar b'saħħithom kif ukoll aktar dgħajfa, iżda s-sistema ġenerali tipprovdi l-aħjar bilanċ possibbli bejn l-informazzjoni meħtieġa u l-kostijiet u l-piż amministrattiv relatati magħhom.

Barra minn hekk, dak li huwa identifikat bħala limitazzjonijiet tad-dejta statistika huwa fil-fatt ir-rappreżentanza tal-karatteristiċi ewlenin tas-sorsi tad-dejta.

### 92 — Il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (CMEF) tal-PAK

Is-CMEF jippreżenta sett komprensiv ta' indikaturi għall-valutazzjoni tal-impatti, ir-riżultati u l-eżiti tal-PAK b'mod globali. Għal kull indikatur, is-sorsi ta' dejta korrispondenti ġew identifikati b'mod ċar.

Fit-Trattat, hemm rabta bejn iż-żieda fil-produttività agrikola u l-iżgurar ta' livell ġust ta' għajxien għall-komunità agrikola, partikolarment billi jiżdied il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġi ffokat fuq id-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet agrikoli, minħabba li dan id-dħul huwa ta' importanza ewlenija għall-PAK. Skont dan, huwa importanti ferm li jkun hemm dejta rappreżentattiva dwar id-dħul meħud mill-attivitajiet agrikoli (meta mqabbel mad-dħul disponibbli tal-familji agrikoli). Din id-dejta tista' titqabbel mal-pagi medji f'setturi oħra tal-ekonomija biex l-appoġġ fuq id-dħul tal-irziezet jiġi ġġustifikat.

### Rakkomandazzjoni 1 — L-iżvilupp ta' oqfsa għall-ġbir u t-tqabbil ta' informazzjoni rilevanti dwar id-dħul tal-bdiewa

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din il-parti tar-rakkomandazzjoni u se tikkunsidra kif tista' tiġi implimentata.

Il-Kummissjoni tqis li l-qafas eżistenti biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet agrikoli jista' jissaħħaħ iżda li l-piż amministrattiv biex jiġi żviluppat qafas biex jipprovdi informazzjoni dwar id-dħul disponibbli tal-familji agrikoli jista' jkun akbar mill-benefiċċji potenzjali. Ikun diffiċli biex tiġi stabbilita l-bażi legali meħtieġa għal tali ġbir ta' dejta;

Id-dħul disponibbli tal-familji agrikoli huwa kunċett ħafna iktar wiesa' mid-dħul tal-irziezet. Il-PAK tappoġġa d-dħul tal-bdiewa billi tappoġġja l-attivitajiet agrikoli tagħhom. Għalhekk, huwa importanti li tiġi analizzata l-evoluzzjoni tad-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet agrikoli sabiex jiġi evalwat jekk l-objettiv intlaħaqx.

Il-Kummissjoni taċċetta din il-parti tar-rakkomandazzjoni.

### 93

Dak li huwa identifikat bħala limitazzjonijiet tad-dejta statistika huwa fil-fatt ir-rappreżentanza tal-karatteristiċi ewlenin tas-sorsi tad-dejta.

### 94

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-osservazzjoni u l-ambitu għal żviluppi ulterjuri possibbli fil-KEA.

## Rakkomandazzjoni 2 — L-iżvilupp tal-KEA

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni beħsiebha:

- tiżviluppa l-Kontijiet Ekonomiċi għall-Agrikoltura (KEA), bil-għan li tipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar il-fatturi li għandhom impatt fuq id-dħul agrikolu;
- twettaq studju biex teżamina l-kwistjoni ta' jekk il-KEA jistgħux ikomplu jiġu żviluppati biex tiġi pprovduta stima raġonevoli tal-valur ekonomiku tal-beni pubbliċi li jiġu prodotti mill-bdiewa;
- tiddiskuti mal-Istati Membri dwar il-possibbiltà li jiġu fformalizzati l-arranġamenti operazzjonali li jkopru l-KEA reġjonali;
- tagħmel rieżami dwar jekk l-informazzjoni tal-KEA tintużax b'mod xieraq fl-indikaturi tad-dħul.

### 95

Il-FADN ġie stabbilit biex jiġbor id-dejta tal-kontabilità meħtieġa, b'mod partikolari:

(a) kalkolu annwali tad-dħul tal-azjendi agrikoli li jaqgħu fil-qasam tal-istħarriġ; kif ukoll

(b) analiżi tan-negozju tal-azjendi agrikoli.

Dan ikopri aktar minn 90 % tal-pagamenti diretti. Il-benefiċjarji li mhumiex koperti huma fil-biċċa l-kbira part-time jew bdiewa ta' sussistenza, li jaqgħu taħt il-livelli limiti tal-istħarriġ rispettivi u jirċievu biss parti żgħira mill-baġit totali. Mhuwiex probabbli li dawn il-benefiċjarji jżommu l-kontijiet tal-irziezet li jkunu jistgħu jintużaw fil-FADN.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-indikaturi eżistenti għal dħul li jirriżulta minn attivitajiet agrikoli jirriflettu sa fejn hu possibbli s-sitwazzjoni attwali tal-agrikoltura u jipprovdu dejta suffiċjenti u konsistenti fuq l-akbar sehem possibbli ta' benefiċjarji tal-miżuri tal-PAK.

Informazzjoni dwar dħul ieħor relatat mal-irziezet (attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ direttament relatati mal-azjenda) ġiet parzjalment inkluża fil-FADN mill-2010. Dan l-aspett issaħħaħ aktar fis-sett il-ġdid ta' dejta li nġabret mis-sena fiskali 2014 'il quddiem.

## Rakkomandazzjoni 3 — L-iżvilupp ta' sinerġiji bejn il-FADN u għodod statistiċi oħra

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-indikaturi eżistenti għal dħul li jirriżulta minn attivitajiet agrikoli jirriflettu sa fejn hu possibbli s-sitwazzjoni attwali tal-agrikoltura u jipprovdu dejta suffiċjenti u konsistenti fuq l-akbar sehem possibbli ta' benefiċjarji tal-miżuri tal-PAK.

Id-dejta tal-FADN diġà tkopri kważi t-totalità tas-sussidji tal-UE. Fir-rigward tal-kopertura ta' rziezet żgħar/benefiċjarji, peress li dawn l-irziezet ma jkollhomx dejta ta' kwalità tajba biżżejjed sabiex jiżguraw li l-parteċipazzjoni fil-FADN tkun ibbażata fuq prattiki ta' kontabilità u żamma tal-kotba, il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq użu aħjar ta' sorsi amministrattivi tal-informazzjoni.

### 96

Il-Kummissjoni nediet mill-ġdid it-talba għall-inventarji tal-KEA biex tikseb informazzjoni aġġornata dwar il-metodoloġija tal-KEA u s-sorsi tad-dejta użati mill-Istati Membri.

## Rakkomandazzjoni 4 — Titjib tal-kwalità tal-KEA

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni beħsiebha tintroduċi rappurtar ta’ kwalità regolari dwar il-KEA u l-valutazzjoni tal-konformità bil-għan li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-Istati Membri jistabbilixxu qafas tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

### 97

Id-daqs tal-kampjun ma jiddependix esklussivament fuq in-numru totali ta’ rziezet, iżda jiżgura l-kopertura tal-attivitajiet agrikoli skont id-diversità tas-settur agrikolu fir-rigward tat-tipi u d-daqsijiet tal-irziezet f’kull reġjun. Għalhekk, xi wħud mill-irziezet jistgħu jitqiesu rappreżentattivi jew le skont kemm l-irziezet huma simili fl-istess ragruppament.

Rigward il-finanzjament insuffiċjenti, f’xi pajjiżi li żaret il-Qorti, bħar-Rumanija, il-finanzjament tal-UE potenzjali huwa stmat li jkun biżżejjed biex itejjeb is-sistema tal-FADN.

### 98

Il-Kummissjoni hija konxja tal-problemi tal-prestazzjoni tal-FADN fi Stati Membri individwali u tieħu azzjonijiet sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet identifikati. Ġie stabbilit pjan annwali ta’ żjarat fuq il-post, flimkien ma’ pjanijiet ta’ azzjoni u laqgħat ta’ segwitu biex jiġi vvalutat il-progress li sar dwar il-punti miftiehma. Dan il-metodu wassal għal titjib konsiderevoli f’diversi Stati Membri

## Rakkomandazzjoni 5 — Titjib tal-kwalità tal-FADN

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u diġà qed timplimenta parti minnha.

Il-Kummissjoni hija konxja tal-problemi tal-prestazzjoni tal-FADN fi Stati Membri individwali u diġà għaddejjin azzjonijiet sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet eżistenti. Isir pjan annwali ta’ żjarat fuq il-post, flimkien ma’ pjanijiet ta’ azzjoni u laqgħat ta’ segwitu biex jiġi vvalutat il-progress li sar dwar il-punti miftiehma. F’dawn l-aħħar snin dan il-metodu wassal għal titjib konsiderevoli f’diversi Stati Membri. Barra minn hekk, xi dgħufijiet identifikati qabel l-awditjar tal-Qorti diġà ġew indirizzati u solvuti.

### 99

L-objettivi tas-sistema tal-pagamenti diretti inġenerali huma stipulati fil-premessa 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003. L-objettivi tal-pagamenti kostitwenti li jikkonċernaw l-”ekoloġizzazzjoni”, żoni b’restrizzjonijiet naturali, bdiewa żgħażagħ, appoġġ akkoppjat volontarju u rziezet żgħar huma stipulati fil-premessi 37, 46, 47, 49 u 54, rispettivament, tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013. Il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni ta’ jekk l-objettivi relatati mad-dħul tal-PAK humiex jinkisbu dejjem tinvolvi evalwazzjoni esperta bbażata fuq firxa wiesgħa ta’ informazzjoni. L-interpretazzjonijiet kollha tal-objettivi stipulati fit-Trattat, u l-metodi kollha biex jiġu evalwati l-kisbiet tagħhom, iridu jkunu wesgħin biżżejjed biex jirriflettu din il-kumplessità.

Il-varjetà ta’ għażliet disponibbli għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pagamenti diretti ma jistgħux inaqqsu l-kumplessità tal-evalwazzjoni. Madankollu, il-vantaġġi ta’ din is-sitwazzjoni jegħlbu l-iżvantaġġi minħabba li d-diversi għażliet disponibbli rigward l-implimentazzjoni tal-pagament dirett jgħin lill-Istati Membri biex jindirizzaw is-sitwazzjonijiet partikolari tas-setturi agrikoli rispettivi tagħhom b’mod aktar effettiv.

**100**
Il-Kummissjoni tqis li l-indikaturi kif definiti fil-kuntest tal-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kif teżisti bħalissa jipprovdu l-aħjar bilanċ bejn il-ħtieġa li l-informazzjoni tivvaluta l-prestazzjoni tal-PAK u l-kostijiet relatati u l-piż amministrattiv.

Kull indikatur inevitabbilment għandu xi limitazzjonijiet. Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni tuża sett ta' indikaturi u dejta. L-indikaturi ma jistgħux jipprovdu informazzjoni jekk l-objettivi jinkisbu b'mod effiċjenti, iżda analiżi fil-fond tkun meħtieġa fl-istadju tal-evalwazzjoni biss, filwaqt li jitqies il-kuntest, il-fatturi li jintervjenu eċċ., ikun possibbli li jkun evalwat l-effett nett tal-miżuri u jekk dawn ikkontribwixxewx għal evoluzzjoni. Dan qatt ma jista' jinkiseb direttament minn indikatur

## Rakkomandazzjoni 6 — It-titjib tal-kejl tal-prestazzjoni tal-miżuri tal-PAK li jappoġġjaw id-dħul tal-bdiewa

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ il-prassi xierqa li l-evalwaturi jużaw informazzjoni addizzjonali, li tikkumplimenta fuq bażi ta' każ b'każ id-dejta miġbura permezz ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, biex jiġi ġġudikat skont ir-riżultati miksuba, iżda t-tkabbir tal-qafas b'dejta addizzjonali se joħloq piż amministrattiv bla bżonn.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

L-introjtu u l-istandard tal-għajxien tal-bdiewa huma fokus partikolari tal-politika agrikola komuni tal-UE. Kważi terz tal-baġit tal-UE għadu ddedikat, direttament jew indirettament, biex jappoġġa l-introjtu tal-bdiewa.
Il-Qorti eżaminat is-sistema li l-Kummissjoni stabbilixxiet biex jitkejjel l-introjtu tal-bdiewa u l-prestazzjoni tal-miżuri tal-UE mmirati biex jappoġġaw l-introjtu tagħhom.
Il-Qorti osservat li s-sistema mhijiex imfassla tajjeb biżżejjed u li l-kwantità u l-kwalità tad-*data* statistika li ntużat biex jiġi analizzat l-introjtu tal-bdiewa għandha limitazzjonijiet importanti.
Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżviluppa qafas aktar komprensiv għall-forniment ta' informazzjoni dwar l-introjtu tal-bdiewa u ssaħħaħ l-arranġamenti attwali li jassiguraw il-kwalità tad-*data* dwar l-introjtu.
Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi wkoll mill-bidu, objettivi u linji bażi operazzjonali xierqa li magħhom tkun tista' titqabbel il-prestazzjoni tal-miżuri tal-UE mmirati biex jappoġġaw l-introjtu tal-bdiewa.


CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet